

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## III

(Atti preparatorji)

## IL-PARLAMENT EWROPEW

P9\_TA(2022)0246

**Reviżjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet tal-UE \*\*\*I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-22 ta' Ġunju 2022 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għall-iskema ta' negozjar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u r-Regolament (UE) 2015/757 (COM(2021)0551 – C9-0318/2021 – 2021/0211(COD))<sup>(1)</sup>

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2023/C 32/11)

## Emenda 406

## Proposta għal direttiva

## Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

- (1) Il-Ftehim ta' Pariġi, li ġie adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), daħal fis-seħħ f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi")<sup>(3)</sup>. Il-Partijiet fih qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.

<sup>(3)</sup> Il-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

Emenda

- (1) Il-Ftehim ta' Pariġi, li ġie adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), daħal fis-seħħ f'Novembru 2016 ("il-Ftehim ta' Pariġi")<sup>(3)</sup>. Il-Partijiet fih qablu li jżommu ż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt 2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. **Bl-adozzjoni tal-Patt Klimatiku ta' Glasgow, il-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi rrikonoxxew li l-limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura medja globali għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji u l-impatti tat-tibdil fil-klima, u impenjaw ruħhom li jsaħħu l-miri tagħhom għall-2030 sa tmiem l-2022 biex inaqqsu d-diskrepanza fl-ambizzjoni, f'konformità mas-sejbiet tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC). Dan jenħtieġ li jsir b'mod li jkun ekwu u jirrispetta l-prinċipju tar-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u tal-kapaċitajiet rispettivi, fid-dawl**

<sup>(1)</sup> Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A9-0162/2022).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti. Ir-reviżjoni tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS), inkluż tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq tagħha, hija opportunità unika.*

(<sup>3</sup>) Il-Ftehim ta' Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4).

## Emenda 407

Proposta għal direttiva

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1a) *L-urġenza tal-ħtieġa li l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi ta' 1,5 °C jinżamm ħaj saret aktar sinifikanti wara s-sejbiet tal-IPCC fir-rapport tiegħu tas-7 ta' Awwissu 2021 bit-titolu "Climate Change 2021: The Physical Science Basis" (It-Tibdil fil-Klima 2021: Il-Bażi tax-Xjenza Fiżika). L-IPCC sab li t-temperatura globali se tilħaq jew taqbeż il-livell ta' 1,5 °C aktar kmieni milli kien antiċipat preċedement, jiġifieri fl-20 sena li ġejjin. Sab ukoll li sakemm ma jkunx hemm tnaqqis immedjat u ambizzjuż fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, mhux se jkun aktar possibbli li t-tisħin globali jiġi limitat għal qrib 1,5 °C jew saħansitra 2 °C. Barra minn hekk, fir-rapport tiegħu tat-28 ta' Frar 2022 bit-titolu "Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability" (It-Tibdil fil-Klima 2021: Impatti, Adattament u Vulnerabbiltà), l-IPCC iddikjara, b'livell għoli ħafna ta' ċertezza, li t-tibdil fil-klima huwa theddida għall-benesseri tal-bniedem u għas-saħħa tal-pjaneta. Kwalunkwe dewmien ulterjuri f'azzjoni globali anticiparatorja miftiehma dwar l-adattament u l-mitigazzjoni jwassal biex tintilef opportunità qasira u li se tispiċċa malajr biex jiġi żgurat futur abitabbli u sostenibbli għal kulħadd.*

## Emenda 408

Proposta għal direttiva

Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1b) *Il-ħtieġa ta' azzjoni urġenti hija intensifikata aktar biż-żieda fil-frekwenza u l-intensità tal-kundizzjonijiet tat-temp estremi b'riżultat dirett tat-tibdil fil-klima. Skont l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri, l-għadd ta' diżastri rreġistrati madwar id-dinja u l-iskala tat-telf ekonomiku globali kważi rduppjaw f'dawn l-aħħar 20 sena, u ħafna minn din iż-żieda tikkorrispondi għaż-żieda sinifikanti fin-numru ta' diżastri relatati mal-klima.*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 409

## Proposta għal direttiva

## Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1c) *Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tindirizza din l-urġenza billi żżid l-isforzi tagħha u tistabbilixxi lilha nnifisha bħala mexxej internazzjonali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, filwaqt li tirrifletti l-prinċipji tal-ekwità u tar-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u tal-kapaċitajiet rispettivi, kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) tal-Ftehim ta' Pariġi.*

## Emenda 410

## Proposta għal direttiva

## Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1d) *Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Novembru 2019 dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali <sup>(1a)</sup>, il-Parlament Ewropew ħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni immedjata u ambizzjuża biex tillimita t-tisħin globali għal 1,5 °C u tevita telfien kbir tal-bijodiversità, inkluż billi tindirizza l-inkonsistenzi fil-politiki attwali tal-Unjoni dwar l-emerġenza klimatika u ambjentali u billi tiżgura li l-proposti leġiżlattivi u baġitarji futuri rilevanti kollha jkunu allinjati bis-sħiħ mal-oġġettiv li t-tisħin globali jiġi limitat għal inqas minn 1,5 °C u li ma jikkontribwux għat-telfien tal-bijodiversità.*

(<sup>1a</sup>) ĠU C 232, 16.6.2021, p. 28.

## Emenda 411

## Proposta għal direttiva

## Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar il-“Patt Ekoloġiku Ewropew”, adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019 <sup>(4)</sup>.

(<sup>4</sup>) COM(2019)0640.

- (2) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi huma **għaldaqstant** fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar il-“Patt Ekoloġiku Ewropew”, adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019 <sup>(4)</sup>.

(<sup>4</sup>) COM(2019)0640.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 412**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 3**

Test propost mill-Kummissjoni

- (3) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew **jikkombina sett komprensiv ta' miżuri u inizjattivi li jsaħħu lil xulxin immirati lejn il-kisba tan-newtralità klimatika fl-UE sal-2050**, u jistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, **fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi**. Huwa għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħa il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. **Fl-istess ħin**, din it-tranżizzjoni taffettwa **lin-nisa u lill-irġiel** b'mod differenti u għandha impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, bħall-anzjani, il-persuni **b'diżabilità u l-persuni** bi sfond razzjali jew etniku minoritarju. **Għalhekk**, irid jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva, **u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura**.

Emenda

- (3) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew **jipprova l-punt tat-tluq għall-ilħuq tal-objettiv tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050**, u l-għan li jinkisbu **emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** <sup>(1a)</sup>. Jistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva, **filwaqt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura fi tranżizzjoni ġusta li tindirizza wkoll il-faqar enerġetiku**. Huwa għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħa il-kapital naturali tal-Unjoni, u jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Din it-tranżizzjoni taffettwa **lil ħaddiema minn diversi setturi u lil kull ġeneru** b'mod differenti u għandha impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati **u vulnerabbli**, bħall-anzjani, il-persuni **b'diżabbiltà, il-persuni** bi sfond razzjali jew etniku minoritarju **u l-individwi u l-unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju inferjuri**. **Timponi wkoll sfidi akbar fuq ċerti reġjuni, b'mod partikolari r-reġjuni strutturalment żvantaġġati u periferiċi, kif ukoll daww insulari**. **Għalhekk** irid jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva.

<sup>(1a)</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 413

## Proposta għal direttiva

## Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (3a) L-EU ETS hija pedament tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u tikkostitwixxi l-għodda ewlenija tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mod kosteffettiv. F'konformità mal-impenji li ttieħdu fil-COP26 fi Glasgow biex jiġu rieżaminati l-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali fuq bażi annwali, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi l-kontribut tagħha stabbilit fil-livell nazzjonali biex tqis is-setturi kollha inklużi fl-EU ETS matul din ir-reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1a)</sup>.

- <sup>(1a)</sup> Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

## Emenda 414

## Proposta għal direttiva

## Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4) In-neċessità u l-valur **tal-Patt** Ekoloġiku Ewropew **kibru biss** fid-dawl tal-effetti **severi** ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni, li wrew li s-soċjetà tagħna u l-ekonomija tagħna jeħtieġ li jtejbu r-reżiljenza tagħhom għax-xokkijiet esterni u jaġixxu kmieni biex jevitawhom jew itaffuhom. Iċ-ċittadini Ewropej qed ikomplu jesprimu fehmiet qawwija li dan japplika b'mod partikolari għat-tibdil fil-klima <sup>(5)</sup>.

- <sup>(5)</sup> L-Ewrobarometru Speċjali 513 dwar it-Tibdil fil-Klima, 2021 ([https://ec.europa.eu/clima/citizens/support\\_mt](https://ec.europa.eu/clima/citizens/support_mt)).

- (4) In-neċessità u l-valur **ta' Patt** Ekoloġiku Ewropew **implimentat sew, jekk xejn, kibru** fid-dawl tal-effetti **serji** ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa, il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u l-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni, li wrew li s-soċjetà tagħna u l-ekonomija tagħna jeħtieġ li jtejbu r-reżiljenza tagħhom għax-xokkijiet esterni u jaġixxu kmieni biex jevitawhom jew itaffuhom **b'mod ġust u li jwassal biex ħadd ma jitħalla jibqa' lura, inklużi daww f'riskju ta' faqar enerġetiku**. Iċ-ċittadini Ewropej qed ikomplu jesprimu fehmiet qawwija li dan japplika b'mod partikolari għat-tibdil fil-klima <sup>(5)</sup>.

- <sup>(5)</sup> L-Ewrobarometru Speċjali 513 dwar it-Tibdil fil-Klima, 2021 ([https://ec.europa.eu/clima/citizens/support\\_mt](https://ec.europa.eu/clima/citizens/support_mt)).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 415**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 4a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4a) *L-ilħuq tal-miri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew jenħtieġ li jiżgura l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u progress soċjali għal kulħadd. Biex tkun soċjalment aċċettabbli, l-ambizzjoni klimatika proposta f'din id-Direttiva jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn ambizzjoni soċjali ekwivalenti, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. L-aġenda tal-Patt Ekoloġiku Ewropew jenħtieġ li tkun opportunità biex jinżammu u jinħolqu impjiegi ta' kwalità, jiġi promoss ix-xogħol deċenti, jiżdienu l-istandards tax-xogħol, jissaħħu d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol u tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Sabiex dawk l-objettivi jintlaħqu, jenħtieġ li mekkaniżmi ta' tranżizzjoni ġusta jikkomplementaw l-azzjonijiet kollha proposti fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku u l-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %".*

**Emenda 416**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 4b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4b) *B'kunsiderazzjoni tal-fatt li t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli jeħtieġ li tiġi kkombinata mad-difiża tal-kompetittività tal-Ewropa u l-ħolqien tal-impjiegi, huwa kruċjali għas-suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li s-suq uniku ma jkunx mgħobbi żżejjed bi spejjeż addizzjonali għall-kumpaniji biex jaġġustaw għal ambjent regolatorju ġdid.*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 417

## Proposta għal direttiva

## Premessa 6

## Test propost mill-Kummissjoni

(6) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** <sup>(7)</sup>, l-Unjoni **stabbilixxiet il-mira** tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha **sal-2050 fil-leġiżlazzjoni**. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030.

(7) *Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).*

## Emenda

(6) Fir-Regolament (UE) 2021/1119 l-Unjoni **stabbiliet fil-leġiżlazzjoni l-mira** tan-newtralità klimatika fl-ekonomija kollha **sa mhux aktar tard mill-2050, u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dan**. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll impenn vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) ta' mill-inqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030.

## Emenda 418

## Proposta għal direttiva

## Premessa 7

## Test propost mill-Kummissjoni

(7) Is-setturi kollha tal-ekonomija jeħtieġ li jikkontribwixxu biex jinkiseb dak it-tnaqqis tal-emissjonijiet. Għalhekk, l-ambizzjoni **tal-Iskema** tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS), stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** <sup>(8)</sup> biex tippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti, jenħtieġ li tiżdied b'mod proporzjonat ma' din il-mira ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar l-ekonomija għall-2030.

(8) *Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).*

## Emenda

(7) Is-setturi kollha tal-ekonomija jeħtieġ li jikkontribwixxu biex jinkiseb dak it-tnaqqis tal-emissjonijiet. Għalhekk, l-ambizzjoni **tas-Sistema** tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (EU ETS), stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE biex tippromwovi t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mod kosteffettiv u ekonomikament effiċjenti, jenħtieġ li tiżdied b'mod proporzjonat ma' din il-mira ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar l-ekonomija għall-2030, **mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni li għandu jintlaħaq sa mhux aktar tard mill-2050, u mal-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dan, kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 419

## Proposta għal direttiva

## Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

- (8) Jenħtieġ li l-EU ETS tinċentiva l-produzzjoni minn installazzjonijiet li jnaqqsu parzjalment jew kompletament l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, jenħtieġ li d-deskrizzjoni ta' xi kategoriji ta' attivitajiet fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata biex jiġi żgurat trattament ugwali tal-installazzjonijiet fis-setturi kkonċernati. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-allokazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni ta' prodott tkun indipendenti min-natura tal-proċess tal-produzzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi mmodifikata d-definizzjoni tal-prodotti u tal-proċessi u l-emissjonijiet koperti għal xi parametri referenzjarji biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal teknoloġiji ġodda u għal dawk eżistenti. Huwa meħtieġ ukoll li l-aġġornament tal-valuri ta' referenza għar-raffineriji u għall-idroġenu jiġi diżakkoppjat biex ikun jirrifletti l-importanza dejjem tikber tal-produzzjoni tal-idroġenu barra mis-settur tar-raffineriji.

Emenda

- (8) Jenħtieġ li l-EU ETS tinċentiva l-produzzjoni minn installazzjonijiet li jnaqqsu parzjalment jew kompletament l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Għalhekk, jenħtieġ li d-deskrizzjoni ta' xi kategoriji ta' attivitajiet fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata biex jiġi żgurat trattament ugwali tal-installazzjonijiet fis-setturi kkonċernati. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-allokazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni ta' prodott tkun indipendenti min-natura tal-proċess tal-produzzjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi mmodifikata d-definizzjoni tal-prodotti u tal-proċessi u l-emissjonijiet koperti għal xi parametri referenzjarji biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal teknoloġiji ġodda u għal dawk eżistenti. Huwa meħtieġ ukoll li l-aġġornament tal-valuri ta' referenza għar-raffineriji u għall-idroġenu jiġi diżakkoppjat biex ikun jirrifletti l-importanza dejjem tikber tal-produzzjoni tal-idroġenu **ekoloġiku** barra mis-settur tar-raffineriji.

## Emenda 420

## Proposta għal direttiva

## Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (8a) **Meta tiddefinixxi l-prinċipji għall-istabbiliment tal-parametri referenzjarji ex ante f'setturi u sottosetturi individwali, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż fis-setturi u s-sottosetturi kkonċernati, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/1119.**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 421**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 13**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Il-gassijiet serra li ma jiġux rilaxxati direttament fl-atmosfera jenħtieġ li jitqiesu bħala emissjonijiet taħt l-EU ETS u jenħtieġ li l-kwoti jiġu ċeduti għal daww l-emissjonijiet, sakemm ma jkunux maħżuna f'sit tal-ħżin f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(13)</sup>, jew sakemm ma jkunux kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu normali ma jidħlux fl-atmosfera. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti **ta' implimentazzjoni** li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet fejn il-gassijiet serra għandhom jitqiesu bħala kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu normali ma jidħlux fl-atmosfera, inkluża l-kisba ta' ċertifikat għat-tneħħija tal-karbonju, fejn xieraq, fid-dawl tal-iżviluppi regolatorji fir-rigward ta' ċertifikazzjoni ta' tneħħija tal-karbonju.

---

<sup>(13)</sup> Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

---

*Emenda*

(13) Il-gassijiet serra li ma jiġux rilaxxati direttament fl-atmosfera jenħtieġ li jitqiesu bħala emissjonijiet taħt l-EU ETS u jenħtieġ li l-kwoti jiġu ċeduti għal daww l-emissjonijiet, sakemm ma jkunux maħżuna f'sit tal-ħżin f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(13)</sup>, jew sakemm ma jkunux kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu **u rimi** normali ma jidħlux fl-atmosfera. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti **delegati** li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet fejn il-gassijiet serra għandhom jitqiesu bħala kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu **u rimi** normali ma jidħlux fl-atmosfera, inkluża l-kisba ta' ċertifikat għat-tneħħija tal-karbonju, fejn xieraq, fid-dawl tal-iżviluppi regolatorji fir-rigward ta' ċertifikazzjoni ta' tneħħija tal-karbonju.

---

<sup>(13)</sup> Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Emenda 422  
Proposta għal direttiva  
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) L-EU ETS jenħtieġ li, kemm jista' jkun, tevita eżenzjonijiet u miżuri distortivi bla bżonn. Fuq perjodu ta' żmien twil, is-setturi kollha jenħtieġ li jkollhom rwol fil-kontribut għall-kisba tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u l-emissjonijiet kollha tas-CO<sub>2</sub> jenħtieġ li jkunu koperti mill-istrumenti ta' politika xierqa tal-Unjoni. L-inklużjoni ta' installazzjonijiet ta' inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali fl-EU ETS tikkontribwixxi għall-ekonomija ċirkolari billi tinkoraġġixxi r-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid u t-tiswija tal-prodotti, filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għad-dekarbonizzazzjoni fl-ekonomija kollha. Peress li l-attivitajiet ta' riċiklaġġ u riġenerazzjoni diġà huma koperti mill-EU ETS, l-inklużjoni tal-installazzjonijiet ta' inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali ssaħħa l-inċentivi għall-ġestjoni sostenibbli tal-iskart f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart. Tikkomplementa elementi oħra tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-inċinerazzjoni tal-iskart fl-EU ETS toħloq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn ir-riġjuni li inkludew l-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali fil-kamp ta' applikazzjoni, biex b'hekk jitnaqqas ir-riskju tal-kompetizzjoni fil-qasam tat-taxxa bejn ir-riġjuni. Madankollu, biex tiġi evitata d-devjazzjoni tal-iskart mill-installazzjonijiet ta' inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali lejn il-landfills fl-Unjoni, li joħlqu emissjonijiet tal-metan, u l-esportazzjonijiet tal-iskart lejn pajjiżi terzi, b'impatt potenzjalment perikoluż fuq l-ambjent, l-inklużjoni tal-installazzjonijiet ta' inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE mill-1 ta' Jannar 2026 jenħtieġ li tkun preċeduta minn valutazzjoni tal-impatt li għandha titwettaq sal-31 ta' Diċembru 2024, li, meta jkun xieraq, jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn proposta leġiżlattiva biex jiġu evitati tali devjazzjoni tal-iskart u esportazzjonijiet bħal dawn.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 423**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 13b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13b) L-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra maqbuda u ttrasferiti għall-użu permezz tal-proċessi ta' qbid u użu tal-karbonju ("CCU") li mhumiex marbuta kimikament b'mod permanenti fi prodott b'tali mod li ma jidħlux fl-atmosfera taħt użu u rimi normali jenħtieġ li jitqiesu. Fin-nuqqas tal-istadji kollha tal-proċess, b'mod partikolari l-emissjonijiet minn installazzjonijiet ta' inċinerazzjoni tal-iskart, li jkunu koperti minn mekkaniżmi ta' pprezzar tal-karbonju, id-dipendenza fuq il-kontabilizzazzjoni tal-emissjonijiet fil-punt tar-rilaxx tagħhom fl-atmosfera twassal għal għadd aktar baxx tal-emissjonijiet mill-valur reali. Sabiex il-qbid tal-karbonju jiġi rregolat b'mod li jnaqqas l-emissjonijiet netti, jiżgura li l-emissjonijiet kollha jitqiesu u li l-għadd doppju jiġi evitat, filwaqt li jiġu ġġenerati inċentivi ekonomiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta b'liema mod jiġu kontabilizzati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jiġu kkunsidrati li nqabdu u ntużaw biex jintrabtu kimikament fi prodott abbażi ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, pereżempju meta dawn jintużaw għall-manifattura ta' prodott jew meta tali tnaqqis proporzjonat jikkontribwixxi għal politiki nazzjonali innovattivi approvati mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat biex tiġi żgurata u inċentivata l-kooperazzjoni bejn is-setturi, u jenħtieġ li, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tinkludi metodoloġija trasparenti, komparabbli u affidabbli.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 424

## Proposta għal direttiva

## Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13c) F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1119, jenħtieġ li tingħata prijorità lit-tnaqqis tal-emissjonijiet diretti, li jkollu jiġi kkomplementat minn żieda fl-assorbimenti tas-CO<sub>2</sub> sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika. Fuq perjodu ta' żmien medju, l-assorbimenti tas-CO<sub>2</sub> diġà jistgħu jgħinu biex l-ambizzjoni tmur lil hinn mill-mira klimatika tal-Unjoni għall-2030 kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina kif l-emissjonijiet negattivi li jirriżultaw mill-gassijiet serra li jitneħħew mill-atmosfera u li jinħażnu b'mod sikur u permanenti, pereżempju permezz tal-qbid dirett mill-arja, jistgħu jitqiesu u jiġu iċċentivati fl-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet, inkluż billi tipproponi kamp ta' applikazzjoni ċar u kriterji u salvagwardji stretti biex jiġi żgurat li tali assorbimenti ma jikkumpensawx għat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet iżda jkunu ġenwini u permanenti.

## Emenda 425

## Proposta għal direttiva

## Premessa 13d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (13d) Skont il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar strateġija tal-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan, 26 % tal-emissjonijiet tal-metan tal-kontinent jiġu mill-iskart. Madwar id-dinja, il-landfills u l-miżbljet huma mbassra li jammontaw għal bejn 8 u 10 % tal-emissjonijiet antropoġeniċi kollha ta' gassijiet serra sal-2025. L-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li tnaqqas b'mod sinifikanti r-rimi fil-landfills fl-Unjoni u, fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li tevita li l-inklużjoni futura tal-inkinerazzjoni tal-iskart fl-EU ETS toħloq kundizzjonijiet mhux ekwivalenti ta' kompetizzjoni u twassal għal żieda fir-rimi fil-landfills. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta wkoll il-possibbiltà u l-fattibbiltà li jiġu inklużi l-proċessi kollha tal-immaniġġjar tal-iskart, bħal-landfills, il-fermentazzjoni, il-kompostjar u t-tratament mekkaniku-bijoloġiku, fl-EU ETS.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 426**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 14**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (14) L-attività tat-trasport marittimu internazzjonali, li tikkonsisti fi vjaġġi bejn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' żewġ Stati Membri differenti jew bejn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u port barra mill-ġurisdizzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru, kienet l-uniku mezz ta' trasport mhux inkluż fl-impenji tal-Unjoni fil-passat biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-emissjonijiet mill-fjuwil mibjugħ fl-Unjoni għal vjaġġi li jtilqu minn Stat Membru wieħed u li jaslu fi Stat Membru differenti jew f'pajjiż terz żdiedu b'madwar 36 % mill-1990. Dawk l-emissjonijiet jirrappreżentaw kważi 90 % tal-emissjonijiet kollha tan-navigazzjoni tal-Unjoni, billi l-emissjonijiet mill-fjuwil mibjugħ fl-Unjoni għal vjaġġi li jtilqu minn u li jaslu fl-istess Stat Membru tnaqqsu b'26 % mill-1990. F'xenarju ta' żamma tal-istatus quo, l-emissjonijiet minn attivitajiet tat-trasport marittimu internazzjonali huma pproġettati li jiżdiedu b'madwar 14 % bejn l-2015 u l-2030 u 34 % bejn l-2015 u l-2050. Jekk l-impatt tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fuq it-tibdil fil-klima jkompli jikber kif ipproġettat, dan jimmina b'mod sinifikanti t-tnaqqis li sar minn setturi oħrajn **fil-ġlieda** kontra t-tibdil fil-klima.

---

*Emenda*

- (14) L-attività tat-trasport marittimu internazzjonali, li tikkonsisti fi vjaġġi bejn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' żewġ Stati Membri differenti jew bejn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u port barra mill-ġurisdizzjoni ta' kwalunkwe Stat Membru, kienet l-uniku mezz ta' trasport mhux inkluż fl-impenji tal-Unjoni fil-passat biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-emissjonijiet mill-fjuwil mibjugħ fl-Unjoni għal vjaġġi li jtilqu minn Stat Membru wieħed u li jaslu fi Stat Membru differenti jew f'pajjiż terz żdiedu b'madwar 36 % mill-1990. Dawk l-emissjonijiet jirrappreżentaw kważi 90 % tal-emissjonijiet kollha tan-navigazzjoni tal-Unjoni, billi l-emissjonijiet mill-fjuwil mibjugħ fl-Unjoni għal vjaġġi li jtilqu minn u li jaslu fl-istess Stat Membru tnaqqsu b'26 % mill-1990. F'xenarju ta' żamma tal-istatus quo, l-emissjonijiet minn attivitajiet tat-trasport marittimu internazzjonali huma pproġettati li jiżdiedu b'madwar 14 % bejn l-2015 u l-2030 u 34 % bejn l-2015 u l-2050. Jekk l-impatt tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fuq it-tibdil fil-klima jkompli jikber kif ipproġettat, dan jimmina b'mod sinifikanti t-tnaqqis li sar minn setturi oħrajn **biex jiġġieldu** kontra t-tibdil fil-klima **u għalhekk biex jintlaħqu l-mira għall-2030 ta' tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra madwar l-ekonomija kollha, l-oġettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi wara dan; kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 u l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 427

## Proposta għal direttiva

## Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (14a) It-trasport marittimu internazzjonali huwa l-uniku mezz ta' trasport li ma ġiex inkluż fl-impenn tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, minkejja l-fatt li l-Parlament Ewropew talab kemm-il darba lis-setturi kollha tal-ekonomija jikkontribwixxu għall-isforz konġunt biex titlesta t-tranżizzjoni għal neutralità klimatika kemm jista' jkun malajr u sa mhux aktar tard mill-2050, f'konformità mal-impenji tal-Unjoni fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi. Is-CO<sub>2</sub> għadu l-kawża dominanti tal-impatt fuq il-klima tat-trasport marittimu meta kkalkolat fuq bażi ta' 100 sena b'potenzjal ta' tisħin globali, li jammonta għal 98 %, jew, jekk jiġi inkluż il-karbonju iswed, 91 %, tal-emissjonijiet internazzjonali totali ta' gassijiet serra f'ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>. Madankollu, skont rapport bit-titolu "Fourth IMO Greenhouse Gas Study" (Ir-Raba' Studju tal-IMO dwar il-Gassijiet Serra) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), ippubblikat fl-2020, kien hemm żieda ta' 87 % ta' metan (CH<sub>4</sub>) matul il-perjodu mill-2012 sal-2018. Għalhekk, u f'konformità mal-emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-16 ta' Settembru 2020 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757, sabiex titqies b'mod xieraq is-sistema globali ta' għbir tad-data għad-data dwar il-konsum taż-żejt fjuwil tal-bastimenti, kemm l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u tas-CH<sub>4</sub>, kif ukoll l-ossidi nitrużi (N<sub>2</sub>O), jenħtieġ li jiġu inklużi fl-estensjoni tal-EU ETS għall-attivitajiet tat-trasport marittimu. Konsegwentement, awtorità amministrattiva jenħtieġ li tiżgura li l-kumpaniji tat-tbaħħir jimmonitorjaw u jirrapportaw data aggregata dwar l-emissjonijiet li tinkludi r-rilaxx ta' CO<sub>2</sub>, CH<sub>4</sub>, u N<sub>2</sub>O biex tiżgura l-konsistenza mar-Regolament (UE) .../... [FuelEU Maritime]. Barra minn hekk, jenħtieġ li, sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni tivvaluta u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt fuq il-klima globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għajr is-CO<sub>2</sub>, l-N<sub>2</sub>O u s-CH<sub>4</sub> u ta' partikelli b'potenzjal ta' tisħin globali, u, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva dwar l-inklużjoni ta' dawk l-emissjonijiet u l-partikoli minn attivitajiet tat-trasport marittimu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 428**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 15**

Test propost mill-Kummissjoni

- (15) Fl-2013, il-Kummissjoni adottat strateġija għall-integrazzjoni progressiva tal-emissjonijiet marittimi fil-politika tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Bħala l-ewwel pass f'dan l-approċċ, l-Unjoni stabbilixxiet sistema għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu fir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(14)</sup>, li għandha tiġi segwita mill-istabbiliment ta' miri ta' tnaqqis għas-settur marittimu u l-applikazzjoni ta' miżura bbażata fuq is-suq. F'konformità mal-impenn tal-koleġislaturi espress fid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(15)</sup>, jenħtieġ li l-azzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) jew mill-Unjoni tibda mill-2023, inkluża l-ħidma preparatorja fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżura li tiżgura li s-settur jikkontribwixxi debitament għall-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi miftiehma skont il-Ftehim ta' Pariġi u tingħata kunsiderazzjoni xierqa mill-partijiet interessati kollha.

<sup>(14)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

<sup>(15)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

Emenda

- (15) Fl-2013, il-Kummissjoni adottat strateġija għall-integrazzjoni progressiva tal-emissjonijiet marittimi fil-politika tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Bħala l-ewwel pass f'dan l-approċċ, l-Unjoni stabbilixxiet sistema għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu fir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(14)</sup>, li għandha tiġi segwita mill-istabbiliment ta' miri ta' tnaqqis għas-settur marittimu u l-applikazzjoni ta' miżura bbażata fuq is-suq. F'konformità mal-impenn tal-koleġislaturi espress fid-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(15)</sup>, jenħtieġ li l-azzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) jew mill-Unjoni tibda mill-2023, inkluża l-ħidma preparatorja fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżura li tiżgura li s-settur jikkontribwixxi debitament għall-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi miftiehma skont il-Ftehim ta' Pariġi u tingħata kunsiderazzjoni xierqa mill-partijiet interessati kollha. **Sabiex tiżded l-effettività ambjentali tal-miżuri tal-Unjoni u jiġu evitati l-kompetizzjoni inġusta u inċentivi għaċ-ċirkonvenzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 jenħtieġ li jiġi emendat biex, mill-1 ta' Jannar 2024, ikopri bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' 400 u aktar. Sabiex jiġi żgurati li jkun hemm piż amministrattiv proporzjonat għal bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' inqas minn 5 000, l-operaturi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jirrapportaw biss l-informazzjoni li tkun rilevanti għall-inklużjoni mill-1 ta' Jannar 2027 ta' tali bastimenti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS, b'mod partikolari t-tip ta' fjuwil, il-fattur tal-karbonju u d-densità ta' enerġija tiegħu.**

<sup>(14)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

<sup>(15)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 429

## Proposta għal direttiva

## Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

- (16) Skont id-Direttiva (UE) 2018/410, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress miksub fl-OMI lejn objettiv ambizzjuż ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, u dwar il-miżuri ta' akkumpanjament maħsuba biex jiżguraw li s-settur tat-trasport marittimu jikkontribwixxi debitament għall-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma skont il-Ftehim ta' Pariġi. Jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti l-isforzi li qed isiru bħalissa permezz tal-OMI biex jiġu limitati l-emissjonijiet marittimi globali. Madankollu, **filwaqt li l-progress reċenti miksub permezz tal-OMI huwa milqugħ tajjeb, dawn il-miżuri mhux se jkun biżżejjed** biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.

Emenda

- (16) Skont id-Direttiva (UE) 2018/410, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress miksub fl-OMI lejn objettiv ambizzjuż ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, u dwar il-miżuri ta' akkumpanjament maħsuba biex jiżguraw li s-settur tat-trasport marittimu jikkontribwixxi debitament għall-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi miftiehma skont il-Ftehim ta' Pariġi. Jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti l-isforzi li qed isiru bħalissa permezz tal-OMI biex jiġu limitati l-emissjonijiet marittimi globali. Madankollu, **l-iżviluppi reċenti fil-qafas tal-OMI mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Fid-dawl tan-natura internazzjonali tat-tbajhir, il-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ li żżid aktar l-isforzi diplomatiċi biex isir progress fl-iżvilupp ta' miżura globali bbażata fuq is-suq fil-livell tal-OMI.**

## Emenda 430

## Proposta għal direttiva

## Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (16a) **Il-waqfiet evażivi fil-portijiet f'pajjiżi ġirien mhux tal-UE jistgħu jipperikolaw serjament l-effettività tal-EU ETS fir-rigward tat-trasport marittimu, peress li ma jnaqqasux l-emissjonijiet totali tat-tbajhir. Tali waqfiet evażivi fil-portijiet jistgħu saħansitra jżidu l-emissjonijiet globali, b'mod partikolari meta tali evażjoni twassal għal vjaġġi itwal lejn u minn pajjiżi terzi bi standards ambjentali aktar baxxi. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja u tirrapporta kull sentejn minn ... [is-sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] dwar l-implimentazzjoni tal-Kapitolu dwar it-trasport marittimu u x-xejriet possibbli fir-rigward ta' kumpaniji li jfittxu li jevitaw li jkun marbuta bir-reqwiżiti ta' din id-Direttiva u jenħtieġ li tippreżenta, meta jkun applikabbli, proposta leġiżlattiva biex tindirizza kwalunkwe evidenza ta' waqfiet evażivi fil-portijiet.**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 431

## Proposta għal direttiva

## Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) **Fil-Patt** Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tieħu miżuri addizzjonali biex tindirizza l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur tat-trasport marittimu permezz ta' ġabra ta' miżuri li jippermettu lill-Unjoni tilħaq il-miri tagħha fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata biex tinkludi s-settur tat-trasport marittimu fl-EU ETS sabiex jiġi żgurat li dan is-settur jikkontribwixxi għall-objettivi klimatiċi akbar tal-Unjoni, kif ukoll għall-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, li jirrikjedi li l-pajjiżi żviluppati jieħdu t-tmexxija billi jwettqu miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, filwaqt li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma mħeġġa jimxu maż-żmien lejn miri ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha<sup>(16)</sup>. Meta wieħed iqis li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali barra mill-Ewropa jenħtieġ li jiġu limitati minn Jannar 2021 permezz ta' azzjoni globali bbażata fuq is-suq, filwaqt li ma hemm l-ebda azzjoni fis-seħħ li tillimita jew tipprezza l-emissjonijiet tat-trasport marittimu, huwa xieraq li l-EU ETS tkopri sehem mill-emissjonijiet mill-vjaġġi bejn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u port taħt il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz, bil-pajjiż terz ikun jista' jiddeċiedi dwar azzjoni xierqa fir-rigward tas-sehem l-ieħor tal-emissjonijiet. B'hekk, jenħtieġ li l-estensjoni tal-EU ETS għas-settur tat-trasport marittimu tinkludi **nofs** l-emissjonijiet minn **bastimenti li jwettqu vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru minn port barra l-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru**, **nofs** l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li **jitolqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru**, l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li **jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru** minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u **l-emissjonijiet fl-irmiġġ f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru**. **Dan l-approċċ ġie nnotat bħala mod Prattiku biex tissolva l-kwistjoni ta' Responsabbiltajiet u Kapaċitajiet Komuni iżda Differenzjati, li ilha sfida għal żmien twil fil-kuntest tal-UNFCCC. Il-kopertura ta' sehem mill-emissjonijiet kemm minn vjaġġi li jidħlu kif ukoll minn dawk li joħorġu bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi tiżgura l-effettività tal-EU ETS, b'mod partikolari billi żżid l-impatt ambjentali tal-miżura meta mqabbel ma' kamp ta' applikazzjoni ġeografiku limitat għall-vjaġġi fl-UE, filwaqt li tillimita r-riskju ta' sejħiet evażivi fil-portijiet u r-riskju ta' delokalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' trasbord barra mill-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-inklużjoni bla xkiel tas-settur fl-EU ETS, jenħtieġ li ċ-ċediment tal-kwoti mill-kumpaniji tat-tbakhir jiżdied gradwalment fir-rigward tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għall-perjodu mill-2023 sal-2025. Sabiex tiġi mħarsa l-integrità ambjentali tas-sistema, sa fejn jiġu ċeduti inqas kwoti fir-rigward tal-emissjonijiet ivverifikati**

Emenda

(17) **L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur marittimu jammontaw għal madwar 2,5 % tal-emissjonijiet tal-Unjoni. In-nuqqas ta' azzjoni deċiżiva fil-qafas tal-OMI dewwem l-innovazzjoni u l-introduzzjoni ta' miżuri meħtieġa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-settur.** **Fil-Patt** Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ddikjarat l-intenzjoni tagħha li tieħu miżuri addizzjonali biex tindirizza l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur tat-trasport marittimu permezz ta' ġabra ta' miżuri li jippermettu lill-Unjoni tilħaq il-miri tagħha fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li d-Direttiva 2003/87/KE tiġi emendata biex tinkludi s-settur tat-trasport marittimu fl-EU ETS sabiex jiġi żgurat li dan is-settur jikkontribwixxi **s-sehem ġust tiegħu** għall-objettivi klimatiċi akbar tal-Unjoni, kif ukoll għall-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, li jirrikjedi li l-pajjiżi żviluppati jieħdu t-tmexxija billi jwettqu miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, filwaqt li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma mħeġġa jimxu maż-żmien lejn miri ta' tnaqqis jew limitazzjoni tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha<sup>(16)</sup>. **Iċ-ċediment tal-kwoti mill-kumpaniji tat-tbakhir jenħtieġ li jiġi implimentat bis-sħiħ mill-2024 u l-kumpaniji tat-tbakhir jenħtieġ li jċedu l-għadd ta' kwoti li jikkorrispondu għall-emissjonijiet ivverifikati kollha tagħhom irrapportati fis-sena preċedenti.** Meta wieħed iqis li l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali barra mill-Ewropa jenħtieġ li jiġu limitati minn Jannar 2021 permezz ta' azzjoni globali bbażata fuq is-suq, filwaqt li ma hemm l-ebda azzjoni fis-seħħ li tillimita jew tipprezza l-emissjonijiet tat-trasport marittimu, huwa xieraq li l-EU ETS tkopri **tali emissjonijiet, filwaqt li tipprevedi derogi taħt kundizzjonijiet stretti jekk pajjiżi terzi jieħdu r-responsabbiltà għal tali emissjonijiet jew ikun hemm fis-seħħ miżura bbażata fuq is-suq tal-OMI biex tkopri sehem mill-emissjonijiet mill-vjaġġi bejn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u port taħt il-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz, bil-pajjiż terz ikun jista' jiddeċiedi dwar azzjoni xierqa fir-rigward tas-sehem l-ieħor tal-emissjonijiet.** B'hekk, **mill-2027 'il quddiem**, jenħtieġ li l-estensjoni tal-EU ETS għas-settur tat-trasport marittimu tinkludi l-emissjonijiet minn vjaġġi **lejn u minn pajjiżi terzi, filwaqt li tipprevedi derogi fir-rigward ta' nofs** l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li **jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru minn port barra l-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, nofs** l-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li **jitolqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru taħt kundizzjonijiet stretti, b'mod partikolari meta pajjiż terz ikollu mekkaniżmu tal-ipprezzar tal-karbonju fis-seħħ, jew ikun stabbilixxa permezz ta' ftehim bilaterali jew multilaterali bejn l-Unjoni u pajjiż terz wieħed jew aktar mekkaniżmu ta' pprezzar tal-karbonju marbut mal-EU ETS, skont l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/87/KE, biex jillimita u jnaqqas**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

għat-trasport marittimu matul dawk is-snin, ladarba d-differenza bejn l-emissjonijiet ivverifikati u l-kwoti ċeduti tkun ġiet stabbilita kull sena, jenħtieġ li jiġu kkanċellati għadd korrispondenti ta' kwoti. Mill-2026, jenħtieġ li l-kumpaniji tat-tbaħħir iċedu l-għadd ta' kwoti li jikkorrispondu għall-emissjonijiet ivverifikati kollha tagħhom irrapportati fis-sena preċedenti.

<sup>(16)</sup> Il-Ftehim ta' Pariġi, l-Artikolu 4(4).

Emenda

l-emissjonijiet għal livell mill-inqas ekwivalenti għall-EU ETS, li jfisser mekkaniżmu vinkolanti biex jillimita, inaqas u jipprezza l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur marittimu, li jwassal għal tnaqqis nett tal-emissjonijiet mill-inqas ekwivalenti għall-każ fejn 100 % ta' dawk l-emissjonijiet ikunu soġġetti għall-EU ETS jew fejn pajjiż terz ikun Pajjiż Inqas Żviluppat jew Stat Gżira Żgħir li qed Jiżviluppa li jkollu PDG per capita mhux daqs il-medja jew li jaqbeż il-medja tal-Unjoni u jinkludi tali emissjonijiet fil-kontributi tiegħu determinati fil-livell nazzjonali skont il-Ftehim ta' Pariġi.

<sup>(16)</sup> Il-Ftehim ta' Pariġi, l-Artikolu 4(4).

#### Emenda 432

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17a) L-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima jaffettwaw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-ikel, l-ilma, is-sanità, is-saħħa, l-akkomodazzjoni deċenti u l-ħajja. Il-Ftehim ta' Pariġi ppożizzjona bħala t-tielet pilastru tal-azzjoni klimatika l-ħsara u t-telf li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-persuni li jgħixu f'kundizzjonijiet ta' vulnerabbiltà, lill-popli indiġeni, lin-nisa, lit-tfal, u lill-persuni b'diżabbiltà. Il-pajjiżi bi dħul baxx, dawk bi dħul medju inferjuri u dawk l-anqas żviluppati huma l-aktar vulnerabbli għall-impatt tat-tibdil fil-klima. Għalkemm il-kontributi tagħhom għall-gassijiet serra fl-atmosfera huma żgħar ħafna jew saħansitra negliġibbli, dawn għandhom it-tendenza li jkunu aktar esposti serjament għall-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fid-dawl tal-istat tal-infrastruttura tagħhom u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjonijiet tagħhom. Dawk il-pajjiżi issa jinsabu f'sitwazzjoni diżastruża minħabba l-inkapaċità fuq livell dinji li jittrażnu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra – fatt li kulma jmur qed ikompli jżid il-ħtiġijiet u l-kostijiet ta' adattament tagħhom – ikkombinata mal-kriżijiet tal-finanzi pubbliċi kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 u l-“pandemija tad-dejn” assoċjata magħha.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 433

## Proposta għal direttiva

## Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17b) Il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jenħtieġ li jaħdmu ma' pajjiżi terzi sabiex jiffaċilitaw l-aċċettazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jenħtieġ li jaħdmu biex isaħħu l-miżuri globali permezz tal-OMI.

## Emenda 434

## Proposta għal direttiva

## Premessa 17c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17c) Huma meħtieġa riżorsi finanzjarji sinifikanti biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi u l-Unjoni għadha impenjata li tikkontribwixxi għall-għan tal-pajjiżi żviluppati li mill-2020 jibdew jimmobilizzaw b'mod konġunt minn sorsi differenti USD 100 biljun fis-sena biex jappoġġaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Id-deċiżjoni meħuda fil-COP24 li jkun hemm mira aktar ambizzjuża mill-2025 'il quddiem, lil hinn mill-impenn attwali, hija pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda l-wegħdiet li fil-fatt saru mill-pajjiżi żviluppati għadhom wisq 'il bogħod mill-għan kollettiv, u l-lakuna li tirriżulta jenħtieġ li timtela. Jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jżidu l-isforzi tagħhom biex jimmobilizzaw finanzjament internazzjonali għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jfasslu pjan direzzjonali internazzjonali li jiddeskrivi s-sehem ġust ta' kull pajjiż żviluppat tal-wegħda finanzjarja ta' USD 100 biljun u l-mekkaniżmi biex ikun żgurat li l-wegħdiet jinbidlu f'fatti. Jenħtieġ li fil-futur l-ekonomiji emerġenti jikkontribwixxu, mill-2025 'il quddiem, għall-ammont oġġla ta' finanzjament internazzjonali għall-klima.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 435

## Proposta għal direttiva

## Premessa 17d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17d) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u żżid l-appoġġ tagħha għal dawn il-pajjiżi, inkluż permezz tal-EU ETS, sabiex issaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jadattaw u r-reżiljenza tagħhom fir-rigward tat-tibdil fil-klima. It-twegħid kollettiv ta' appoġġ mill-Unjoni għall-azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw iżżid l-influwenza tagħha fin-negozjati tal-UNFCCC, filwaqt li l-kontribut permezz tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima jinkoraġġixxi wkoll lil pajjiżi oħra biex jikkontribwixxu parti mid-dħul mill-iskemi tagħhom stess tal-ipprezzar tal-karbonju għal dak il-fond. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih teżamina l-ħtiġijiet ta' dekarbonizzazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw billi tivvaluta l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi li jikkorrispondu għas-setturi koperti mill-EU ETS u mis-CBAM.

## Emenda 436

## Proposta għal direttiva

## Premessa 17e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17e) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributori ta' finanzjament pubbliku għall-klima. Il-finanzjament tal-azzjoni klimatika huwa essenzjali, peress li ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom kontributi kondizzjonali determinati fil-livell nazzjonali, li l-kisba tagħhom tiddependi mill-appoġġ finanzjarju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw bid-dekarbonizzazzjoni tal-industriji tagħhom, b'mod partikolari f'dawk is-setturi li jikkorrispondu għas-setturi koperti taħt l-EU ETS u s-CBAM, sabiex taġevolahom biex jilħqu l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Jenħtieġ li tingħata prijorità partikolari lill-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-pajjiżi l-inqas żviluppati permezz tal-użu tal-kwoti tal-EU ETS biex tiġi ffinanzjata l-azzjoni klimatika, b'mod partikolari l-adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Emenda 437  
Proposta għal direttiva  
Premessa 17f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (17f) It-tiġdid ta' flotot ta' bastimenti tal-klassi tas-silġ u l-iżvilupp ta' teknoloġija innovattiva li tnaqqas l-emissjonijiet ta' tali bastimenti meta jbaħħru f'kundizzjonijiet tax-xitwa jieħdu ż-żmien u jirrikjedu appoġġ finanzjarju. Bħalissa, id-disinn li jippermetti li bastimenti tal-klassi tas-silġ ibaħħru f'kundizzjonijiet ta' silġ, iwassal biex tali bastimenti jipproduċu aktar emissjonijiet kemm fl-ilma miftuħ kif ukoll meta jinnavigaw f'kundizzjonijiet ta' silġ minn bastimenti ta' daqs simili ddisinjati biex ibaħħru biss fl-ilma miftuħ. Bħala medja, il-bastimenti tal-klassi tas-silġ, meta jbaħħru fl-ilma miftuħ, jikkonsmaw madwar 2 sa 5 % aktar fjuwil minn bastimenti ta' daqs simili ddisinjati biex ibaħħru biss fl-ilma miftuħ. Għalhekk, jenħtieġ li, fl-ambitu ta' din id-Direttiva, jiġi implimentat metodu newtrali għall-bandiera li jqis il-kundizzjonijiet tas-silġ fil-partijiet tat-Tramuntana tal-Unjoni li jippermetti tnaqqis tal-kwoti li għandhom jiġu ċeduti mill-kumpaniji tat-tbaħħir abbażi tal-klassi tas-silġ tal-bastimenti tagħhom jew in-navigazzjoni f'kundizzjonijiet tas-silġ, jew it-tnejn, sal-31 ta' Diċembru 2029. B'riżultat ta' dan, mill-2030 'il quddiem, il-kumpaniji tat-tbaħħir jenħtieġ li jkunu responsabbli biex iċedu kwoti li jikkorrispondu għal mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet verifikati rapportati għal kull sena rispettiva irrispettivament mill-klassi tas-silġ tal-bastimenti tagħhom u n-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ. Jenħtieġ li jkun hemm ukoll appoġġ speċifiku għall-innovazzjoni fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni ta' bastimenti tal-klassi tas-silġ permezz ta' Fond għall-Oċeani.



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 438**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 18**

Test propost mill-Kummissjoni

- (18) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu jinżammu taħt rieżami fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali futuri u l-isforzi li jsiru biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż it-tieni rendikont globali fl-2028, u r-rendikonti globali sussegwenti li minn hemm 'il quddiem isiru kull ħames snin, maħsuba biex jinformat il-kontributi suċċessivi ddeterminati fuq livell nazzjonali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta fi kwalunkwe ħin qabel it-tieni rendikont globali fl-2028 – u għalhekk mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2028 – lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fin-negozjati tal-OMI dwar miżura globali bbażata fuq is-suq. Fir-rapport tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza l-istrumenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u li tivvaluta, skont kif rilevanti, kif għandhom jiġu implimentati dawk l-istrumenti fid-dritt tal-Unjoni permezz ta' reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. **Fir-rapport** tagħha, jenħtieġ li **l-Kummissjoni tinkludi proposti kif xieraq.**

Emenda

- (18) Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu jinżammu taħt rieżami fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali futuri u l-isforzi li jsiru biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż it-tieni rendikont globali fl-2028, u r-rendikonti globali sussegwenti li minn hemm 'il quddiem isiru kull ħames snin, maħsuba biex jinformat il-kontributi suċċessivi ddeterminati fuq livell nazzjonali. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta fi kwalunkwe ħin qabel it-tieni rendikont globali fl-2028 – u għalhekk mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2028 – lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fin-negozjati tal-OMI dwar miżura globali bbażata fuq is-suq. Fir-rapport tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza l-istrumenti tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u li tivvaluta, skont kif rilevanti, kif għandhom jiġu implimentati dawk l-istrumenti fid-dritt tal-Unjoni permezz ta' reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. **F'każ li miżura globali bbażata fuq is-suq tkun ġiet adottata fil-livell tal-OMI u twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun konformi mal-Ftehim ta' Pariġi u mill-inqas paragnabbli ma' dawk li jirriżultaw mill-miżuri tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra tnaqqis proporzjonat tal-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri tal-Unjoni biex tevita l-ħolqien ta' piż doppju, filwaqt li żżomm fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS mill-inqas ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jagħmlu vjaġġi li jtilqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra l-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jagħmlu vjaġġi li jtilqu minn port barra l-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, filwaqt li tirrikonoxxi s-sovranià tal-Unjoni li tirregola s-sehem tagħha ta' emissjonijiet minn vjaġġi ta' tbaħħir internazzjonali f'konformità mal-obbligi tal-Ftehim ta' Pariġi. Madankollu, f'każ li ma jkun sar progress biżżejjed fil-livell tal-OMI jew li jkunu ġew adottati miżuri globali fil-livell tal-OMI li ma jkunux konformi mal-Ftehim ta' Pariġi u mill-inqas paragnabbli ma' dawk li jirriżultaw mill-miżuri tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li żżomm il-miżuri tal-Unjoni biex tkopri mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jagħmlu vjaġġi li jtilqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra l-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jagħmlu vjaġġi li jtilqu minn port barra l-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, permezz ta' emenda tad-Direttiva 2003/87/KE.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 439**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-funzjonament tad-Direttiva 2003/87/KE b'rabta mal-attivitajiet tat-trasport marittimu fid-dawl tal-esperjenza tal-applikazzjoni tagħha, inkluż b'rabta ma' prattiki evażivi possibbli u, imbagħad, jenħtieġ li tipproponi miżuri biex tiżgura l-effettività tagħha.

*Emenda*

- (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina l-funzjonament tad-Direttiva 2003/87/KE b'rabta mal-attivitajiet tat-trasport marittimu fid-dawl tal-esperjenza tal-applikazzjoni tagħha, inkluż b'rabta ma' prattiki evażivi possibbli u, imbagħad, jenħtieġ li tipproponi miżuri biex tiżgura l-effettività tagħha **f'konformità mal-oġġettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 u l-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 440**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 20**

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Jenħtieġ li l-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli għall-konformità mal-EU ETS tkun il-kumpanija tat-tbahir, definita bħala s-sid tal-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur tal-bastimenti mingħajr ekwipaġġ, li jkunu assumew ir-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mingħand is-sid tal-bastiment u li, meta jassumu tali responsabbiltà, ikunu qablu li jieħdu fidejhom id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis. Din id-definizzjoni hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' "kumpanija" fil-punt (d) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/757, u f'konformità mas-sistema globali ta' ġbir tad-data stabbilita fl-2016 mill-OMI. **F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas**, il-kumpanija tat-tbaħħir **tista'**, permezz ta' **arranġament kuntrattwali, iżżomm lill-entità li hija direttament** responsabbli għad-deċizzjonijiet li jaffettwaw l-emissjonijiet **tas-CO2** tal-bastiment responsabbli **għall-kostijiet** tal-konformità skont din id-Direttiva. **Din** l-entità normalment tkun l-entità li hija responsabbli għall-għażla tal-fjuwil, tar-rotta u tal-veloċità tal-bastiment.

Emenda

(20) Jenħtieġ li l-persuna jew l-organizzazzjoni responsabbli għall-konformità mal-EU ETS tkun il-kumpanija tat-tbaħħir, definita bħala s-sid tal-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur tal-bastimenti mingħajr ekwipaġġ, li jkunu assumew ir-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mingħand is-sid tal-bastiment u li, meta jassumu tali responsabbiltà, ikunu qablu li jieħdu fidejhom id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis. Din id-definizzjoni hija bbażata fuq id-definizzjoni ta' "kumpanija" fil-punt (d) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/757, u f'konformità mas-sistema globali ta' ġbir tad-data stabbilita fl-2016 mill-OMI. **Madankollu, il-kumpanija tat-tbaħħir mhux dejjem hija responsabbli għax-xiri tal-fjuwil jew għat-teħid ta' deċizzjonijiet operazzjonali li jaffettwaw l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-bastiment. Dawk ir-responsabbiltajiet jistgħu jintrefgħu minn entità għajr il-kumpanija tat-tbaħħir taħt arranġament kuntrattwali. F'dak il-każ, sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas jiġi rrispettat bis-sħiħ u biex titħeġġeġ l-adozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza u fjuwils aktar nodfa, jenħtieġ li tiġi inkluża klawżola vinkolanti ftali arranġamenti bil-għan li tgħaddi l-kostijiet sabiex l-entità li fl-aħħar mill-aħħar hija responsabbli għad-deċizzjonijiet li jaffettwaw l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-bastiment tinżamm responsabbli biex tkopri l-kostijiet tal-konformità mħallsa mill-kumpanija tat-tbaħħir skont din id-Direttiva. Dik l-entità normalment tkun l-entità li hija responsabbli għall-għażla u x-xiri tal-fjuwil użat mill-bastiment, jew għall-operat tal-bastiment, fir-rigward, pereżempju, tal-għażla tal-merkanzija li tinġarr mill-bastiment, jew tar-rotta u tal-veloċità tal-bastiment.**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 441

## Proposta għal direttiva

## Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) *Is-suċċess fit-tranżizzjoni lejn trasport marittimu b'emissjonijiet żero jirrikjedi approċċ integrat u ambjent abilitanti xieraq li jippermetti li tiġi stimulata l-innovazzjoni, kemm fir-rigward tal-bastimenti kif ukoll fil-portijiet. Dak l-ambjent abilitanti jinvolvi investment pubbliku u privat fir-riċerka u l-innovazzjoni, miżuri teknoloġiċi u operazzjonali biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti u l-portijiet, u l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli, bħall-idroġenu u l-ammonijaka, li huma prodotti minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' kuntratti għad-differenza għall-karbonju ("CCDs"), u ta' teknoloġiji ta' propulsjoni b'emissjonijiet żero, inkluża l-infrastruttura meħtieġa għar-riforniment u l-irriċarġjar fil-portijiet. Jenħtieġ li jiġi stabbilit Fond għall-Oċeani minn dħul iġġenerat mill-irkant ta' kwoti fir-rigward ta' attivitajiet ta' trasport marittimu fl-ambitu tal-EU ETS, sabiex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti u jiġi appoġġat l-investment bl-għan li jiffaċilita d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport marittimu, inkluż fir-rigward tat-trasport marittimu fuq distanzi qosra u l-portijiet, u t-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xoġhol. Barra minn hekk, id-dħul iġġenerat mill-penali imposti skont ir-Regolament (UE) .../... [FuelEU Maritime] jenħtieġ li jiġi allokati lill-Fond għall-Oċeani bħala dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1a)</sup> u l-Artikolu 3ġab(1) tad-Direttiva 2003/87/KE. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-appoġġ ta' proġetti innovattivi li jikkontribwixxu għall-varar u l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) .../... [FuelEU Maritime] kif ukoll ta' proġetti li għandhom effett pożittiv fuq il-bijodiversità u jgħinu biex jitnaqqas ir-riskju ta' storbu u ta' tniġġis tal-arja u tal-baħar.*

<sup>(1a)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

**Emenda 442**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 21**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (21) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji tat-tbaħħir, jenħtieġ li Stat Membru wieħed ikun responsabbli għal kull kumpanija tat-tbaħħir. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista inizjali ta' kumpaniji tat-tbaħħir li wettqu attività marittima li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS, li tispeċifika l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kull kumpanija tat-tbaħħir. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata mill-inqas kull **sentejn** biex il-kumpaniji tat-tbaħħir jiġu attribwiti mill-ġdid lil awtorità amministrattiva oħra, kif rilevanti. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati fi Stat Membru, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun dak l-Istat Membru. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati f'pajjiż terz, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun l-Istat Membru li fih il-kumpanija tat-tbaħħir kellha l-akbar numru smat ta' waqfiet f'port minn vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-aħħar sentejn ta' monitoraġġ. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati f'pajjiż terz u li ma wettqu l-ebda vjaġġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-aħħar sentejn ta' monitoraġġ, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun l-Istat Membru minn fejn il-kumpanija tat-tbaħħir bdiet l-ewwel vjaġġ tagħha li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika u taġġorna fuq bażi **biennali** lista ta' kumpaniji tat-tbaħħir li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE li tispeċifika l-awtorità amministrattiva għal kull kumpanija tat-tbaħħir. Sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-kumpaniji tat-tbaħħir, jenħtieġ li l-Istati Membri jsegwu regoli armonizzati għall-amministrazzjoni tal-kumpaniji tat-tbaħħir li għalihom għandhom responsabbiltà, f'konformità mar-regoli dettaljati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

*Emenda*

- (21) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji tat-tbaħħir, jenħtieġ li Stat Membru wieħed ikun responsabbli għal kull kumpanija tat-tbaħħir. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika lista inizjali ta' kumpaniji tat-tbaħħir li wettqu attività marittima li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS, li tispeċifika l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kull kumpanija tat-tbaħħir. Jenħtieġ li l-lista tiġi aġġornata **regolarment u** mill-inqas kull **sena** biex il-kumpaniji tat-tbaħħir jiġu attribwiti mill-ġdid lil awtorità amministrattiva oħra, kif rilevanti. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati fi Stat Membru, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun dak l-Istat Membru. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati f'pajjiż terz, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun l-Istat Membru li fih il-kumpanija tat-tbaħħir kellha l-akbar numru smat ta' waqfiet f'port minn vjaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-aħħar sentejn ta' monitoraġġ. Għall-kumpaniji tat-tbaħħir irreġistrati f'pajjiż terz u li ma wettqu l-ebda vjaġġ li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE fl-aħħar sentejn ta' monitoraġġ, jenħtieġ li l-awtorità amministrattiva tkun l-Istat Membru minn fejn il-kumpanija tat-tbaħħir bdiet l-ewwel vjaġġ tagħha li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika u taġġorna fuq bażi **annwali** lista ta' kumpaniji tat-tbaħħir li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE li tispeċifika l-awtorità amministrattiva għal kull kumpanija tat-tbaħħir. Sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-kumpaniji tat-tbaħħir, jenħtieġ li l-Istati Membri jsegwu regoli armonizzati għall-amministrazzjoni tal-kumpaniji tat-tbaħħir li għalihom għandhom responsabbiltà, f'konformità mar-regoli dettaljati li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 443

## Proposta għal direttiva

## Premessa 24

## Test propost mill-Kummissjoni

- (24) Abbażi tal-esperjenza minn kompiti simili relatati mal-ħarsien tal-ambjent, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jew organizzazzjoni rilevanti oħra, kif xieraq u f'konformità mal-mandat tagħha, tassisti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Minħabba l-esperjenza tagħha bl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 u l-għodod tal-IT tagħha, l-EMSA **tista'** tgħin lill-awtoritajiet amministrattivi b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet iġġenerati mill-attivitajiet marittimi taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva billi jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni jew jiġu żviluppati linji gwida u kriterji.

## Emenda

- (24) Abbażi tal-esperjenza minn kompiti simili relatati mal-ħarsien tal-ambjent, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) jew organizzazzjoni rilevanti oħra, kif xieraq u f'konformità mal-mandat tagħha, tassisti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE. Minħabba l-esperjenza tagħha bl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 u l-għodod tal-IT tagħha, l-EMSA **jenħtieġ li** tgħin lill-awtoritajiet amministrattivi b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet iġġenerati mill-attivitajiet marittimi taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva billi jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni jew jiġu żviluppati linji gwida u kriterji.

## Emenda 444

## Proposta għal direttiva

## Premessa 26

## Test propost mill-Kummissjoni

- (26) Il-kisba tal-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Unjoni għall-2030 se tkun **teħtieġ** tnaqqis fl-emissjonijiet tas-setturi koperti mill-EU ETS **ta' 61% meta mqabbla mal-2005**. Il-kwantità ta' kwoti tal-EU ETS fl-Unjoni kollha jeħtieġ li titnaqqas biex jinħolqu s-sinjali meħtieġ tal-prezz tal-karbonju fit-tul u l-ħtieġa għal dan il-grad ta' dekarbonizzazzjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiżdied il-fattur ta' tnaqqis **lineari**, filwaqt li titqies ukoll l-inklużjoni tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu. Jenħtieġ li din tal-aħħar tiġi derivata mill-emissjonijiet mill-attivitajiet tat-trasport marittimu rrapportati f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/757 għall-2018 u l-2019 fl-Unjoni, aġġustati, mis-sena 2021, bil-fattur ta' tnaqqis lineari.

## Emenda

- (26) Il-kisba tal-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Unjoni għall-2030 **filwaqt li fl-istess ħin isir progress lejn l-għan tal-Ftehim ta' Pariġi li t-tisħin globali jiġi limitat għal 1,5 °C** se tkun **tirrikjedi** tnaqqis **sinifikanti** fl-emissjonijiet tas-setturi koperti mill-EU ETS. Il-kwantità ta' kwoti tal-EU ETS fl-Unjoni kollha jeħtieġ li titnaqqas **progressivament** biex jinħolqu s-sinjali meħtieġ tal-prezz tal-karbonju fit-tul u l-ħtieġa għal dan il-grad ta' dekarbonizzazzjoni. Għal dan l-għan, jenħtieġ li jiżdied il-fattur ta' tnaqqis **annwali**, filwaqt li titqies ukoll l-inklużjoni tal-emissjonijiet mit-trasport marittimu. Jenħtieġ li din tal-aħħar tiġi derivata mill-emissjonijiet mill-attivitajiet tat-trasport marittimu rrapportati f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/757 għall-2018 u l-2019 fl-Unjoni, aġġustati, mis-sena 2021, bil-fattur ta' tnaqqis lineari.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 445**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 27**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (27) Meta jitqies li din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward ta' perjodu ta' implimentazzjoni li diġà beda fl-1 ta' Jannar 2021, għal raġunijiet ta' prevedibbiltà, effettività ambjentali u sempliċità, jenħtieġ li l-perkors ta' tnaqqis **lineari** aktar qawwi tal-EU **ETS ikun linja dritta mill-2021 sal-2030, bħal sabiex jinkiseb tnaqqis ta' 61% fl-emissjonijiet fl-EU ETS sal-2030, bħala l-pass intermedju xieraq lejn in-newtralità** klimatika fl-ekonomija kollha tal-Unjoni **fl-2050**. Billi l-fattur ta' tnaqqis **lineari** miżjud jista' japplika biss mis-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, tnaqqis ta' darba tal-kwantità ta' kwoti jenħtieġ li jnaqqas il-kwantità totali ta' kwoti sabiex ikun konformi ma' dan il-livell ta' tnaqqis annwali li jkun sar mill-2021 'il quddiem.

---

*Emenda*

- (27) Meta jitqies li din id-Direttiva temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward ta' perjodu ta' implimentazzjoni li diġà beda fl-1 ta' Jannar 2021, għal raġunijiet ta' prevedibbiltà, effettività ambjentali u sempliċità, jenħtieġ li l-perkors ta' tnaqqis aktar qawwi tal-EU **ETS jipprovidi direzzjoni ċara lejn l-ilħuq tal-mira tal-Ftehim ta' Pariġi u n-newtralità** klimatika fl-ekonomija kollha tal-Unjoni **sa mhux aktar tard mill-2050**. Billi l-fattur ta' tnaqqis miżjud jista' japplika biss mis-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, tnaqqis ta' darba tal-kwantità ta' kwoti jenħtieġ li jnaqqas il-kwantità totali ta' kwoti sabiex ikun konformi ma' dan il-livell ta' tnaqqis annwali li jkun sar mill-2021 'il quddiem.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 446**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 28**

Test propost mill-Kummissjoni

(28) Il-kisba tal-ambizzjoni klimatika miżjuda se tirrikjedi riżorsi pubbliċi sostanzjali fl-UE, kif ukoll baġits nazzjonali li għandhom jiġu ddedikati għat-tranżizzjoni klimatika. Sabiex jikkomplementa u jsaħħaħ l-infiq sostanzjali relatat mal-klima fil-baġit tal-UE, jenħtieġ li d-dħul kollu mill-irkant mhux attribwit għall-baġit tal-Unjoni jintuża għal finijiet relatati mal-klima. Dan jinkludi l-użu għal appoġġ finanzjarju biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju billi jitnaqqsu t-taxxi distortivi. Barra minn hekk, biex jiġu indirizzati l-effetti distributtivi u soċjali tat-tranżizzjoni **fl-Istati Membri bi dħul baxx**, jenħtieġ li jintuża ammont addizzjonali ta' 2,5 % tal-kwantità ta' kwoti madwar l-Unjoni kollha minn [sena tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva] sal-2030 biex tiġi ffinanzjata t-tranżizzjoni enerġetika tal-Istati Membri bi prodott domestiku gross (PDG) per capita taħt il-65 % tal-medja tal-Unjoni fis-snin 2016-2018, permezz tal-Fond għall-Modernizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE.

Emenda

(28) Il-kisba tal-ambizzjoni klimatika miżjuda se tirrikjedi riżorsi pubbliċi **u privati** sostanzjali fl-UE, kif ukoll baġits nazzjonali li għandhom jiġu ddedikati għat-tranżizzjoni klimatika. Sabiex jikkomplementa u jsaħħaħ l-infiq sostanzjali relatat mal-klima fil-baġit tal-UE, jenħtieġ li d-dħul kollu mill-irkant mhux attribwit għall-baġit tal-Unjoni **fil-forma ta' riżorsi proprji** jintuża għal finijiet relatati mal-klima, **filwaqt li jiġu żgurati tranżizzjoni ġusta u l-integrità ambjentali tal-azzjoni meħuda**. Dan jinkludi l-użu għal appoġġ finanzjarju biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx u medju billi jitnaqqsu t-taxxi distortivi. **Biex jiġu żgurati l-konformità u l-iskrutinju pubbliku, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw pjanijiet ex ante dwar kif biħsiebhom jużaw id-dħul tal-EU ETS f'konformità mal-miri rispettivi tagħhom dwar il-klima u l-enerġija, u jenħtieġ li kull sena jirrapportaw dwar l-użu tad-dħul mill-irkantar f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** <sup>(1a)</sup>. Barra minn hekk, biex jiġu indirizzati l-effetti distributtivi u soċjali tat-tranżizzjoni **fit-territorji l-aktar affettwati**, jenħtieġ li jintuża ammont addizzjonali ta' 2,5 % tal-kwantità ta' kwoti madwar l-Unjoni kollha minn [sena tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva] sal-2030 biex tiġi ffinanzjata t-tranżizzjoni enerġetika tal-Istati Membri bi prodott domestiku gross (PDG) per capita taħt il-65 % tal-medja tal-Unjoni fis-snin 2016-2018, permezz tal-Fond għall-Modernizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10d tad-Direttiva 2003/87/KE.

<sup>(1a)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 447

## Proposta għal direttiva

## Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28a) Mill-2013, il-produtturi tal-elettriku kienu obbligati jixtru l-kwoti kollha li għandhom bżonn biex jiġġeneraw l-elettriku. Madankollu, xi Stati Membri żammew l-għażla li jkunu jistgħu jkomplu jipprovdu allokkazzjoni tranżitorja bla ħlas għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija fil-perjodi mill-2013 sal-2020 u mill-2021 sal-2030. Għall-perjodu mill-2021 sal-2030, tliet Stati Membri biss se jibqa' jkollhom dik l-għażla. Madankollu, fir-Rapport Speċjali 18/2020 tagħha bit-titolu "Is-Sistema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet: l-allokkazzjoni bla ħlas tal-kwoti kienet teħtieġ immirar aħjar", il-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabet li dik l-allokkazzjoni tranżitorja bla ħlas ma kkontribwietx għat-tnaqqis tal-intensità tal-karbonju fis-settur tal-enerġija għall-pajjiżi eliġibbli għal tali allokkazzjoni bla ħlas ta' kwoti fil-perjodu mill-2013 sal-2020. Minħabba l-ħtieġa ta' dekarbonizzazzjoni rapida, speċjalment fis-settur tal-enerġija, u l-effettività limitata ta' dik l-allokkazzjoni tranżitorja bla ħlas, l-għażla ta' allokkazzjoni tranżitorja bla ħlas għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija ma għadhiex tidher xierqa għall-iskop. Għalhekk, dik l-għażla jenħtieġ li ma tibqax disponibbli u kwalunkwe kwota li tirriżulta mill-eżerċizzju ta' dik l-għażla li ma tkunx għet allokata lill-operaturi fl-Istati Membri kkonċernati sal-31 ta' Diċembru 2023 jenħtieġ li tiżdied mal-kwantità totali ta' kwoti li l-Istat Membru kkonċernat jirċievi għall-irkant, jew jenħtieġ li tintuża biex tappoġġa investimenti fil-qafas tal-Fond għall-Modernizzazzjoni.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 448**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 28b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28b) *Sehem definit sew mid-dħul mill-irkantar iġġenerat tal-EU ETS riformata u estiża jenħtieġ li jintuża bħala riżorsa proprja biex jiġi ffinanzjat il-baġit tal-Unjoni bħala dħul ġenerali, skont il-Ftehim Interistituzzjonali legalment vinkolanti tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>(1a)</sup>, li fih pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' ġabra ta' riżorsi proprji ġodda, inklużi, inter alia, riżorsi proprji bbażati fuq l-EU ETS u bbażati fuq il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) u l-Pilastru Wieħed tal-Ftehim OECD/G20. Skont dak il-Ftehim, tali riżorsi proprji ġodda huma previsti li jiġu introdotti sal-1 ta' Jannar 2023. Riżorsi proprji ġodda jkunu jorbtu l-baġit tal-Unjoni mal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-kontribut tal-Unjoni għal tassazzjoni ġusta, u b'hekk iżidu l-valur u jikkontribwixxu għall-objettivi tal-integrazzjoni tal-klima, il-ħlas lura tad-djun tan-Next Generation EU u r-reżiljenza tal-baġit tal-Unjoni bħala għodda għal-l-investimenti u garanziji li jirrispettaw il-kriterji tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-valuri fundamentali minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.*

<sup>(1a)</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 449

## Proposta għal direttiva

## Premessa 28c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28c) *F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1a)</sup>, l-Unjoni hija legalment marbuta li tħallas lura l-obbligazzjonijiet kollha mġarrba mill-ġhoti tas-setgħa eċċezzjonali u temporanja biex tissellef fondi taħt in-Next Generation EU sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2058. Għalhekk, sabiex jiġu rispettati l-Ftehim Interistituzzjonali legalment vinkolanti u l-pjan direzzjonali tiegħu għall-introduzzjoni ta' ġabra ta' riżorsi proprji ġodda maħsuba biex iħallsu lura d-dejn tal-Unjoni, jenħtieġ li sehem mid-dħul tal-EU ETS jakkumula għall-baġit tal-Unjoni biex jgħin ikopri l-kostijiet tas-self kif minqux fid-[Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) .../... li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea] u jipprevjeni tnaqqis sostanzjali li jipperikola l-programmi tal-Unjoni f'Oqfsa Finanzjarji Pluriennali futuri.*

<sup>(1a)</sup> *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).*

## Emenda 450

## Proposta għal direttiva

## Premessa 28d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28d) *L-ammonti sostanzjali ta' dħul iġġenerati mill-EU ETS rinforzata, li l-Istati Membri, minbarra s-sehem attribwit lill-baġit tal-Unjoni, iżommu, jenħtieġ li jintużaw għall-finijiet tat-tranżizzjoni klimatika. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni usa' u l-firxa aktar varjata ta' interventi jenħtieġ li ma jkunux għad-detriment tal-unità, l-effettività, l-integrità u l-kontroll demokratiku tal-baġit tal-Unjoni.*



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 451

## Proposta għal direttiva

## Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

- (29) Jenħtieġ li jiġu pprovduti aktar inċentivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra bl-użu ta' tekniki kosteffiċjenti. Għal dak l-għan, **l-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet għal installazzjonijiet stazzjonarji mill-2026 'il quddiem jenħtieġ li tkun kundizzjonali fuq investimenti f'tekniki biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u jitnaqqsu l-emissjonijiet. L-iżgurur li din tkun iffokata fuq utenti akbar tal-enerġija jirriżulta fi tnaqqis sostanzjali fil-piż għan-negozji b'użu aktar baxx tal-enerġija, li jistgħu jkunu proprjetà ta' intrapriżi iżgħar u ta' daqs medju jew ta' mikrointrapriżi. [Referenza li għandha tiġi kkonfermata bl-EED riveduta].** Jenħtieġ li l-atti delegati rilevanti jiġu aġġustati kif xieraq.

Emenda

- (29) Jenħtieġ li jiġu pprovduti aktar inċentivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra bl-użu ta' tekniki kosteffiċjenti. Għal dak l-għan, **jenħtieġ li tiddaħħal sistema ta' bonus-malus biex jiġi determinat is-sehem ta' allokazzjoni bla ħlas. Għal installazzjonijiet li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ikunu ogħla mill-valuri ta' referenza rilevanti, l-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet mill-2026 'il quddiem jenħtieġ li jvarja f'konformità mal-implementazzjoni ta' pjan ta' newtralità klimatika stabbilit kif xieraq. Min-naħa l-oħra, l-installazzjonijiet li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom ikunu taħt il-valuri ta' referenza rilevanti jenħtieġ li jirċievu inċentiv fil-forma ta' allokazzjoni bla ħlas addizzjonali.**

## Emenda 676

## Proposta għal direttiva

## Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

- (30) Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM), stabbilit skont ir-Regolament (UE) [.../..] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(51)</sup>, **huwa** alternattiva għall-allokazzjoni bla ħlas biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Sal-punt li s-setturi u s-subsetturi jkunu koperti minn dik il-miżura, jenħtieġ li huma ma jirċevux allokazzjoni bla ħlas. Madankollu, hija meħtieġa eliminazzjoni gradwali tranżitorja tal-kwoti bla ħlas sabiex il-produtturi, l-importaturi u n-negozjanti jkunu jistgħu jaġġustaw għar-reġim il-ġdid. Jenħtieġ li t-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas jiġi implimentat billi jiġi applikat fattur għall-allokazzjoni bla ħlas għas-setturi tas-CBAM, filwaqt li s-CBAM jiġi introdott gradwalment. Jenħtieġ li dan il-persentaġġ (il-fattur CBAM) ikun ugwali għal 100 % matul il-perjodu tranżitorju bejn id-dħul fis-seħħ tar-[Regolament CBAM] u **l-2025, 90 % fl-2026 u jenħtieġ li jitnaqqas b'10** punti perċentwali **kull sena biex jilħaq 0 % u** b'hekk tiġi eliminata l-allokazzjoni bla ħlas **sal-għaxar sena**. Jenħtieġ li l-atti delegati rilevanti dwar l-allokazzjoni bla ħlas jiġu aġġustati kif xieraq għas-setturi u s-subsetturi koperti mis-CBAM. L-allokazzjoni bla ħlas li ma għadhiex tiġi pprovduta lis-setturi tas-CBAM abbażi ta' dan il-kalkolu (id-domanda tas-CBAM) trid tiġi rkantata u d-dħul jakkumula għall-Fond **għall-Innovazzjoni**, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fil-qbid u l-użu tal-karbonju ("CCU"), fil-enerġija rinnovabbli u fil-ħżin tal-enerġija, b'mod li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-proġetti fis-setturi tas-CBAM. Sabiex jiġi rrispettat il-proporzjon

Emenda

- (30) Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM), stabbilit skont ir-Regolament (UE) [.../..] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(51)</sup>, **għandu l-għan li joffri gradwalment** alternattiva għall-allokazzjoni bla ħlas biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju **mingħajr ma tiġi mdgħajfa l-kompetittività tal-Unjoni**. Sal-punt li s-setturi u s-subsetturi jkunu koperti minn dik il-miżura, jenħtieġ li huma ma jirċevux allokazzjoni bla ħlas. Madankollu, hija meħtieġa eliminazzjoni gradwali tranżitorja tal-kwoti bla ħlas sabiex il-produtturi, l-importaturi u n-negozjanti jkunu jistgħu jaġġustaw għar-reġim il-ġdid. Jenħtieġ li t-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas jiġi implimentat billi jiġi applikat fattur għall-allokazzjoni bla ħlas għas-setturi tas-CBAM, filwaqt li s-CBAM jiġi introdott gradwalment. Jenħtieġ li dan il-persentaġġ (il-fattur CBAM) ikun ugwali għal 100 % matul il-perjodu tranżitorju bejn id-dħul fis-seħħ tar-[Regolament CBAM] u **tmiem l-2026, u, jkun kontinġenti fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 36(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament CBAM]**, jenħtieġ li jitnaqqas **b'7** punti perċentwali **fl-2027, b'9** punti perċentwali **fl-2028, bi 15-il punt perċentwali fl-2029, bi 19-il punt perċentwali fl-2030, b'25 punt perċentwali fl-2031 u b'25 punt perċentwali fl-2032, biex** b'hekk tiġi eliminata l-allokazzjoni bla ħlas **sal-2032. Sabiex tiġi protetta l-kompetittività tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni, il-produtturi fl-Unjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament [CBAM] jenħtieġ li tkompli tirċievi allokazzjoni bla ħlas, diment li tali prodotti jkunu prodotti għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi mingħajr mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju simili għall-EU ETS. Sa [sena qabel tmiem**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Test propost mill-Kummissjoni

tal-allokazzjoni bla ħlas disponibbli għas-setturi mhux tas-CBAM, l-ammont finali li għandu jitnaqqas mill-allokazzjoni bla ħlas u li għandu jiġi rkantat jenħtieġ li jiġi kkalkolat abbażi tal-proporzjon li d-domanda tas-CBAM tirrappreżenta fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' allokazzjoni bla ħlas tas-setturi kollha li jirċievu allokazzjoni bla ħlas.

<sup>(51)</sup> [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza sħiħa tal-ĠU]

## Emenda

*il-perjodu tranżitorju kif stabbilit fir-Regolament [CBAM]], jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport b'valutazzjoni tal-effetti tal-EU ETS u tas-CBAM fuq il-produzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament [CBAM] li huma prodotti għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u fuq l-iżvilupp tal-emissjonijiet globali, kif ukoll valutazzjoni tal-kompatibbiltà tad-deroga għall-esportazzjonijiet mad-WTO, filwaqt li tivvaluta b'mod partikolari l-mekkaniżmi potenzjali ta' aġġustament tal-esportazzjoni għall-installazzjonijiet li jappartjenu għall-10% tal-aktar installazzjonijiet effiċjenti fid-dawl tal-kompatibbiltà mad-WTO jew kwalunkwe proposta oħra li l-Kummissjoni tqis li tkun xierqa, u jenħtieġ li, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta għal kwalunkwe leġiżlazzjoni u miżura xierqa li tikkonforma mad-WTO li ddaqqas il-kostijiet tas-CO<sub>2</sub>, mal-iskemi ta' pprezzar differenti ta' daww il-pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-atti delegati rilevanti dwar l-allokazzjoni bla ħlas jiġu aġġustati kif xieraq għas-setturi u s-subsetturi koperti mis-CBAM. L-allokazzjoni bla ħlas li ma għadhiex tiġi pprovduta lis-setturi tas-CBAM abbażi ta' dan il-kalkolu (id-domanda tas-CBAM) trid tiġi rkantata u d-dħul jakkumula għall-Fond ta' Investiment għall-Klima, sabiex tiġi appoġġata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fil-qbid u l-użu tal-karbonju ("CCU"), fil-qbid u l-ħżin ġeoloġiku tal-karbonju ("CCS"), fl-enerġija rinnovabbli u fil-ħżin tal-enerġija, b'mod li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-proġetti fis-setturi tas-CBAM. Sabiex jiġi rrispettat il-proporzjon tal-allokazzjoni bla ħlas disponibbli għas-setturi mhux tas-CBAM, l-ammont finali li għandu jitnaqqas mill-allokazzjoni bla ħlas u li għandu jiġi rkantat jenħtieġ li jiġi kkalkolat abbażi tal-proporzjon li d-domanda tas-CBAM tirrappreżenta fir-rigward tal-ħtiġijiet ta' allokazzjoni bla ħlas tas-setturi kollha li jirċievu allokazzjoni bla ħlas.*

<sup>(51)</sup> [jekk jogħġbok daħħal ir-referenza sħiħa tal-ĠU]

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 454**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 30a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (30a) *Huwa importanti li jiġi mmonitorjat, prevenut u indirizzat ir-riskju li l-oġġetti prodotti fl-Unjoni maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jiġu sostitwiti fis-suq globali b'oġġetti b'intensità qawwija ta' karbonju. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tissorvelja u tivvaluta kontinwament l-effettività tas-CBAM fid-dawl tar-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fis-swieq tal-esportazzjoni, inkluż l-iżvilupp tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni fis-setturi tas-CBAM u l-iżviluppi fir-rigward tal-flussi kummerċjali u l-emissjonijiet inkorporati ta' dawk l-oġġetti fis-suq globali. Meta jiġi identifikat riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, jenħtieġ li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tindirizza dak ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fis-swieq tal-esportazzjoni b'mod li jkun konformi mar-regoli tad-WTO. Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li ssegwi b'mod attiv l-istabbiliment ta' "klabb tal-karbonju" internazzjonali u tinvolvi ruħha kontinwament fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-rigward tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju. Is-suċċess tas-suq Ewropew tal-karbonju huwa kritiku minn perspettiva globali u se jħeġġeġ lil aktar pajjiżi jintroduċu pprezzar tal-karbonju xprunat mis-suq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza aktar kif jistgħu jiġu stabbiliti rabtiet ma' swieq oħra tal-karbonju filwaqt li tiżgura li l-mira klimatika tal-Unjoni stess għall-ekonomija kollha tintlaħaq.*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 455

## Proposta għal direttiva

## Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

- (31) Sabiex il-progress teknoloġiku jiġi rifless aħjar u l-valuri ta' referenza korrispondenti jiġu aġġustati għall-perjodu rilevanti ta' allokkazzjoni, filwaqt li jiġu żgurati inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-innovazzjoni tiġi ppremjata kif xieraq, jenħtieġ li l-aġġustament massimu tal-valuri ta' referenza jiżdied minn 1,6 % għal 2,5 % fis-sena. Għall-perjodu mill-2026 sal-2030, b'hekk, jenħtieġ li l-valuri ta' referenza jiġu aġġustati f'medda ta' bejn 4 % u 50 % meta mqabbla mal-valur applikabbli fil-perjodu mill-2013 sal-2020.

Emenda

- (31) Sabiex il-progress teknoloġiku jiġi rifless aħjar u l-valuri ta' referenza korrispondenti jiġu aġġustati għall-perjodu rilevanti ta' allokkazzjoni, filwaqt li jiġu żgurati inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-innovazzjoni tiġi ppremjata kif xieraq, jenħtieġ li l-aġġustament massimu tal-valuri ta' referenza jiżdied minn 1,6 % għal 2,5 % fis-sena. Għall-perjodu mill-2026 sal-2030, b'hekk, jenħtieġ li l-valuri ta' referenza jiġu aġġustati f'medda ta' bejn 4 % u 50 % meta mqabbla mal-valur applikabbli fil-perjodu mill-2013 sal-2020. **Jenħtieġ li l-valuri ta' referenza aġġustati jiġu ppubblikati hekk kif l-informazzjoni meħtieġa ssir disponibbli, u mhux aktar tard minn ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] sabiex daww il-valuri ta' referenza japplikaw mill-2026.**

## Emenda 456

## Proposta għal direttiva

## Premessa 31a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (31a) **Il-kostijiet indiretti sinifikanti li jiġġarrbu mill-kostijiet tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mġhoddija fil-prezzijiet tal-elettriku jikkawżaw riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju lil ċerti setturi. Biex itaffu dak ir-riskju, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw miżuri finanzjarji għall-kumpens tal-kostijiet indiretti. Jenħtieġ li l-miżuri jkunu f'konformità mar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, u jenħtieġ li ma jikkawżaw distorsjonijiet bla bżonn fil-kompetizzjoni fis-suq intern.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 457

## Proposta għal direttiva

## Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

- (32) Approċċ komprensiv għall-innovazzjoni huwa essenzjali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Fil-livell tal-UE, l-isforzi meħtieġa għar-riċerka u l-innovazzjoni huma appoġġati, fost l-oħrajn, permezz ta' Orizzont Ewropa, li jinkludi finanzjament sinifikanti u strumenti ġodda għas-setturi li jaqgħu taħt l-ETS. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali tat-traspożizzjoni ma jfixklux l-innovazzjonijiet u jkunu teknoloġikament newtrali.

Emenda

- (32) Approċċ komprensiv għall-innovazzjoni huwa essenzjali biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Fil-livell tal-UE, l-isforzi meħtieġa għar-riċerka u l-innovazzjoni huma appoġġati, fost l-oħrajn, permezz ta' Orizzont Ewropa, li jinkludi finanzjament sinifikanti u strumenti ġodda għas-setturi li jaqgħu taħt l-ETS. **Konsegwentement, il-Fond ta' Investiment għall-Klima jenħtieġ li jfittex sinerġiji ma' Orizzont Ewropa u, meta jkun rilevanti, ma' programmi ta' finanzjament oħra tal-Unjoni.** Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li d-dispożizzjonijiet nazzjonali tat-traspożizzjoni ma jfixklux l-innovazzjonijiet, **jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' riżultati xjentifiċi innovattivi** u jkunu teknoloġikament newtrali, **filwaqt li l-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura d-disponibilità u l-effiċjenza tal-assistenza teknika u konsultattiva meħtieġa.**

## Emenda 458

## Proposta għal direttiva

## Premessa 32a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (32a) **Sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, l-Unjoni jeħtieġha telimina d-diskrepanza sinifikanti fl-investiment kif previst fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Lulju 2021 bit-titolu "Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli".** Biex nilħqu l-oġġettiv tagħna ta' dekarbonizzazzjoni, huma meħtieġa innovazzjoni rivoluzzjonarja, l-użu ta' teknoloġiji rilevanti diġà eżistenti fuq skala akbar u t-tneħħija naturali ċċertifikata tal-karbonju. Biex tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni profonda u madwar l-ekonomija kollha fl-Unjoni, kull wieħed minn dawn it-tliet pilastrijien jenħtieġ li jiġi indirizzat mill-Fond għall-Innovazzjoni, li jenħtieġ li jibda jissejjaħ Fond ta' Investiment għall-Klima.

**Emenda 459**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 33**

Test propost mill-Kummissjoni

- (33) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond **għall-Innovazzjoni** msemmi fl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE jiġi estiż biex jappoġġa **l-innovazzjoni f'teknoloġiji u proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jikkonċernaw il-konsum tal-fjuwils fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Fond għall-Innovazzjoni jservi biex jappoġġa l-investimenti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport marittimu, inklużi l-investimenti fi fjuwils alternattivi sostenibbli, bħall-idroġenu u l-ammonijaka li jiġu prodotti minn sorsi rinnovabbli, kif ukoll teknoloġiji ta' propulsjoni b'emissjonijiet żero bħat-teknoloġiji tar-riħ. Meta jitqies li d-dħul iġġenerat mill-penali mqajma fir-Regolament xxx/xxxx [FuelEU Maritime]<sup>(19)</sup> jiġi allokat lill-Fond għall-Innovazzjoni bħala dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21 (5) tar-Regolament Finanzjarju, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-apoġġ għal proġetti innovattivi mmirati biex jaċċelleraw l-iżvilupp u l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu, kif speċifikat fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament xxx/xxxx [FuelEU Maritime]. Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm finanzjament suffiċjenti disponibbli għall-innovazzjoni fi ħdan dan il-kamp ta' applikazzjoni estiż, jenħtieġ li l-Fond **għall-Innovazzjoni** jiġi ssupplimentat b'50 miljun kwota, li jirriżultaw parzjalment mill-kwoti li altrimenti jistgħu jiġu rkantati, u parzjalment mill-kwoti li altrimenti jistgħu jiġu allokati bla ħlas, f'konformità mal-proporzjon attwali ta' finanzjament ipprovdut minn kull sors għall-Fond **għall-Innovazzjoni**.**

<sup>(19)</sup> [iżid referenza għar-Regolament dwar FuelEU Maritime].

Emenda

- (33) Jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond **ta' Investiment għall-Klima** msemmi fl-Artikolu 10a(8) tad-Direttiva 2003/87/KE jiġi estiż biex jappoġġa **l-installazzjoni ta' teknoloġiji mhux rivoluzzjonarji fi proċessi industrijali li jkollhom potenzjal kbir ta' ffrankar ta' gass iżda li ma jkunux lesti għas-suq** kif ukoll **l-innovazzjoni f'teknoloġiji u proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li jikkonċernaw il-konsum tal-fjuwils fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, inklużi forom ta' trasport kollettiv.** Jenħtieġ li **jkun possibbli wkoll li l-Fond ta' Investiment għall-Klima jintuża biex jappoġġa teknoloġiji innovattivi rivoluzzjonarji fis-settur tal-iskart.** Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm finanzjament suffiċjenti disponibbli għall-innovazzjoni fi ħdan dan il-kamp ta' applikazzjoni estiż, jenħtieġ li l-Fond **ta' Investiment għall-Klima** jiġi ssupplimentat b'50 miljun kwota, li jirriżultaw parzjalment mill-kwoti li altrimenti jistgħu jiġu rkantati, u parzjalment mill-kwoti li altrimenti jistgħu jiġu allokati bla ħlas, f'konformità mal-proporzjon attwali ta' finanzjament ipprovdut minn kull sors għall-Fond **ta' Investiment għall-Klima.** **Biex trawwem l-innovazzjoni f'teknoloġiji rivoluzzjonarji mill-aktar fis possibbli, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li sehem mill-finanzjament disponibbli permezz tal-Fond ta' Investiment għall-Klima jkun "frontloaded" matul l-ewwel snin tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 460

## Proposta għal direttiva

## Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (33a) *L-aċċellerazzjoni tal-introduzzjoni ta' sorsi nazzjonali ta' enerġija rinnovabbli sostenibbli għandha rwol ewlieni fil-pjan tal-Unjoni li ssir indipendenti mill-fjuwils fossili Russi ferm qabel l-2030. Barra minn hekk, id-disponibbiltà ta' kwantitajiet kbar ta' enerġija rinnovabbli sostenibbli hija meħtieġa biex jiġi żgurat it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fil-proċessi industrijali u fl-ekonomija ġenerali. Hija meħtieġa żieda sostanzjali tal-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għall-2030 u tal-kontributi nazzjonali relattivi. Jenħtieġ għalhekk li mill-inqas 12 % tal-kwoti disponibbli għall-Fond ta' Investiment għall-Klima jintużaw għall-iżvilupp u l-użu ulterjuri ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli sostenibbli fl-Unjoni, f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel". Jenħtieġ li tingħata prijorità lill-iżvilupp tal-awtoproduzzjoni, il-ħżin u l-kondiviżjoni lokali, b'mod partikolari permezz tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.*

## Emenda 461

## Proposta għal direttiva

## Premessa 33b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (33b) *Billi jappoġġa proġetti permezz tal-finanzjament pubbliku, il-Fond ta' Investiment għall-Klima jipprovdi lill-kumpaniji vantaġġi sostanzjali biex jiżviluppaw il-prodotti jew is-servizzi tagħhom. Konsegwentement, il-proġetti ffinanzjati mill-Fond ta' Investiment għall-Klima jenħtieġ li jaqsmu l-għarfien ma' proġetti rilevanti oħra kif ukoll ma' riċerkaturi bbażati fl-Unjoni li għandhom interess leġittimu.*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 462**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 35**

Test propost mill-Kummissjoni

- (35) **Il-Kuntratti għad-Differenza għall-Karbonju (CCfDs)** huma element importanti biex jiġi skattat it-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-industrija, billi joffru l-opportunità li l-investituri fteknoloġiji innovattivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima jiġu ggarantiti prezz li jippremja t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, **'il** fuq minn dak ikkawżat mil-livelli tal-prezzijiet attwali fl-EU ETS. Il-firxa ta' miżuri li jista' jappoġġa l-Fond **għall-Innovazzjoni** jenħtieġ li **tiġi estiża biex tipprowdi appoġġ għall-proġetti permezz ta' sejħiet għall-offerti kompetittivi fil-prezzijiet, bħas-CCDs**. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati dwar ir-regoli preċiżi għal dan it-tip ta' appoġġ.

Emenda

- (35) **Is-CCDs** huma element importanti biex jiġi skattat it-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-industrija **billi jżidu u jtejbu t-teknoloġiji l-ġodda**, billi joffru l-opportunità li l-investituri fteknoloġiji innovattivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima jiġu ggarantiti prezz li jippremja t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, **'l** fuq minn dak ikkawżat mil-livelli tal-prezzijiet attwali fl-EU ETS. **Il-firxa ta' miżuri li jista' jappoġġa l-Fond ta' Investiment għall-Klima jenħtieġ li tiġi estiża biex tipprowdi appoġġ għall-proġetti permezz ta' sejħiet għall-offerti teknoloġikament newtrali u kompetittivi fil-prezzijiet, bħas-CCDs, u jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipju tal-bilanċ ġeografiku. Is-CCDs ikunu mekkaniżmu importanti biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' dekarbonizzazzjoni bħas-CCS u s-CCU, u biex jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi disponibbli. Is-CCDs joffru wkoll ċertezza lill-investituri fit-teknoloġiji, bħat-teknoloġiji tal-qbid tal-karbonju. Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-impatt li tiffoka b'mod partikolari fuq l-għażliet għall-provvista ta' appoġġ permezz ta' offerti kompetittivi, inkluż fuq il-livelli tal-finanzjament ipprovdut. Abbażi tar-riżultati ta' dik il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati dwar ir-regoli preċiżi għal dan it-tip ta' appoġġ.**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 463

## Proposta għal direttiva

## Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

- (38) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni jenħtieġ li jiġi allinjat mal-aktar objettivi klimatiċi reċenti tal-Unjoni billi jirrikjedi li l-investimenti jkunu konsistenti mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-Regolament (UE) 2021/1119, u li jiġi eliminat l-appoġġ għal kwalunkwe investment relatat mal-fjuwils fossili. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-persentaġġ tal-Fond għall-Modernizzazzjoni li jeħtieġ li jiġi ddedikat għall-investimenti ta' prijorità jiżdied għal 80 %; jenħtieġ li l-effiċjenza enerġetika tkun immirata bħala qasam ta' prijorità fuq in-naħa tad-domanda; u l-appoġġ tal-unitajiet domestiċi biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku, inkluż f'żoni rurali u remoti, jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti ta' prijorità.

Emenda

- (38) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni jenħtieġ li jiġi allinjat mal-aktar objettivi klimatiċi reċenti tal-Unjoni billi jirrikjedi li l-investimenti jkunu konsistenti mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-Regolament (UE) 2021/1119, u li jiġi eliminat l-appoġġ għal kwalunkwe investment relatat mal-fjuwils fossili. **Jenħtieġ li l-appoġġ mill-Fond għall-Modernizzazzjoni jingħata biss lill-Istati Membri li jkunu adottaw miri legalment vinkolanti għall-kisba tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, kif ukoll miżuri għall-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili kollha f'perjodu ta' żmien konsistenti mal-miri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119. Sabiex jiġi ggarantit l-użu effiċjenti tal-fondi tal-Unjoni, l-aċċess għall-Fond għall-Modernizzazzjoni jenħtieġ li jkun jiddependi wkoll mir-rispett għall-istat tad-dritt.** Barra minn hekk, jenħtieġ li l-persentaġġ tal-Fond għall-Modernizzazzjoni li jeħtieġ li jiġi ddedikat għall-investimenti ta' prijorità jiżdied għal 100 %; jenħtieġ li l-effiċjenza enerġetika tkun immirata bħala qasam ta' prijorità fuq in-naħa tad-domanda; u l-appoġġ tal-unitajiet domestiċi biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku, inkluż f'żoni rurali u remoti, jenħtieġ li jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti ta' prijorità.

## Emenda 464

## Proposta għal direttiva

## Premessa 38a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (38a) **Biż-żieda fil-prezzijiet tal-EU ETS, id-dħul mill-EU ETS għall-Istati Membri u l-Unjoni żdied b'mod sostanzjali. Biex jiġi rikonoxxut il-kontribut tad-dħul tal-EU ETS għat-tranżizzjoni tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll biex jagħti appoġġ lil persuni vulnerabbli fl-Unjoni biex ikunu jistgħu jaqilbu għal alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, jenħtieġ li tiġi introdotta tikketta tal-EU ETS. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jiżguraw li l-finanzjament ikun indikat b'mod ċar li jkun ġej mid-dħul tal-EU ETS billi juri tikketta xierqa għall-proġetti u l-attivitajiet kollha appoġġati fil-livell nazzjonali jew permezz tal-fondi tal-Unjoni.**

**Emenda 465**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 39**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(39) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 <sup>(21)</sup> jstabbilixxi regoli dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet mill-bijomassa li huma konsistenti mar-regoli dwar l-użu tal-bijomassa stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-enerġija rinnovabbli. Hekk kif il-leġiżlazzjoni ssir aktar elaborata dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa bl-aħħar regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(22)</sup>, l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li jiġi estiż b'mod espliċitu għall-adozzjoni tal-aġġustamenti meħtieġa għall-applikazzjoni fl-EU ETS tal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa, inklużi l-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti **ta' implimentazzjoni** biex tispeċifika kif għandu jitqies il-ħżin tal-emissjonijiet minn taħlitiet ta' bijomassa b'rata żero u bijomassa li ma hijiex minn sorsi b'rata żero.

<sup>(21)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

<sup>(22)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

*Emenda*

(39) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 <sup>(21)</sup> jstabbilixxi regoli dwar il-monitoraġġ tal-emissjonijiet mill-bijomassa li huma konsistenti mar-regoli dwar l-użu tal-bijomassa stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-enerġija rinnovabbli. Hekk kif il-leġiżlazzjoni ssir aktar elaborata dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa bl-aħħar regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(22)</sup>, l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/87/KE jenħtieġ li jiġi estiż b'mod espliċitu għall-adozzjoni tal-aġġustamenti meħtieġa għall-applikazzjoni fl-EU ETS tal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijomassa, inklużi l-bijofjuwils, il-bijolikwidi u l-fjuwils tal-bijomassa. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti **delegati** biex tispeċifika kif għandu jitqies il-ħżin tal-emissjonijiet minn taħlitiet ta' bijomassa b'rata żero u bijomassa li ma hijiex minn sorsi b'rata żero.

<sup>(21)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

<sup>(22)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 466**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 40**

Test propost mill-Kummissjoni

- (40) Il-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklati jistgħu jkunu importanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'setturi li huma diffiċli biex jiġu dekarbonizzati. **Fejn il-fjuwils tal-karbonju riċiklati u l-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jiġu prodotti minn diossidu tal-karbonju maqbud taħt attivit koperta minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-emissjonijiet jitqiesu taħt dik l-attivit.** Sabiex jiġi żgurat li l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklati jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex jiġi evitat għadd doppju għall-fjuwils li jagħmlu dan, huwa xieraq li l-għoti tas-setgħa msemmi fl-Artikolu 14(1) jiġi estiż b'mod espliċitu għall-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti **ta' implimentazzjoni** li jistabbilixxu l-aġġustamenti meħtieġa għal kif għandu jitqies ir-rilaxx eventwali tad-diossidu tal-karbonju u **kif għandu** jiġi evitat l-għadd doppju **biex** jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ inċentivi xierqa, filwaqt li jitqies ukoll it-trattament ta' dawn il-fjuwils skont id-Direttiva (UE) 2018/2001.

Emenda

- (40) Il-fjuwils likwidi u gassużi rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklati jistgħu jkunu importanti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'setturi li huma diffiċli biex jiġu dekarbonizzati. Sabiex jiġi żgurat li l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-fjuwils tal-karbonju riċiklati jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u biex jiġi evitat għadd doppju għall-fjuwils li jagħmlu dan, huwa xieraq li l-għoti tas-setgħa msemmi fl-Artikolu 14 (1) jiġi estiż b'mod espliċitu għall-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti **delegati** li jistabbilixxu l-aġġustamenti meħtieġa għal kif għandu jitqies ir-rilaxx eventwali tad-diossidu tal-karbonju, **b'mod li jiżgura li l-emissjonijiet kollha jitqiesu, inkluż meta tali fjuwils jiġu prodotti minn diossidu tal-karbonju maqbud barra l-Unjoni u jintużaw f'attivit koperta minn din id-Direttiva, filwaqt li** jiġi evitat l-għadd doppju u jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ inċentivi xierqa **għall-qbid tal-emissjonijiet**, filwaqt li jitqies ukoll it-trattament ta' dawn il-fjuwils skont id-Direttiva (UE) 2018/2001.

**Emenda 467**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 42**

Test propost mill-Kummissjoni

- (42) **L-esklużjoni ta' installazzjonijiet li jużaw esklussivament il-bijomassa mill-EU ETS wasslet għal sitwazzjonijiet fejn l-installazzjonijiet li jaħarqu sehem għoli ta' bijomassa jkunu kisbu profitti mhux previsti billi jkunu rċevew kwoti bla ħlas li jaqbżu bil-kbir l-emissjonijiet attwali. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi introdott valur ta' limitu għall-kombustjoni tal-bijomassa b'rata zero li 'l fuq minnu l-installazzjonijiet jiġu esklużi mill-EU ETS. Il-valur ta' limitu ta' 95 % huwa konformi mal-parametru ta' inċertezza stabbilit fl-Artikolu 2(16) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 <sup>(23)</sup>.**

Emenda

imħassar

<sup>(23)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331 tad-19 ta' Diċembru 2018 li jiddetermina regoli tranżizzjonali għall-Unjoni kollha għall-allokazzjoni armonizzata bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 59, 27.2.2019, p. 8).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 468**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 42a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (42a) *Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija hija ta' tħassib kbir għaċ-ċittadini, speċjalment il-familji b'introjtu baxx, u n-negozji, speċjalment intrapriżi żgħar u medji ("SMEs"). Il-kawża prinċipali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija hija d-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili. Il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55%" jenħtieġ li jindirizza u jfittex li jnaqqas dawn id-dipendenzi, inkluż billi jtejjeb it-tfassil tal-EU ETS. It-tisħiħ tal-integrità u t-trasparenza tas-suq jistgħu wkoll ikollhom rwol fil-limitazzjoni tal-volatilità tal-prezzijiet tas-suq tal-EU ETS.*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 469

## Proposta għal direttiva

## Premessa 42b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(42b) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) ippubblikat ir-rapport finali tagħha dwar il-kwoti ta' emissjonijiet u derivattivi assoċjati fit-28 ta' Marzu 2022. Jenħtieġ li l-Kummissjoni, fejn xieraq u malajr kemm jista' jkun, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet f'dak ir-rapport sabiex ittejjeb il-livell ta' trasparenza, monitoraġġ u rapportar dwar is-swieq Ewropej tal-kwoti tal-emissjonijiet kif ukoll is-swieq tad-derivattivi relatati. Madankollu, sabiex tissorvelja kontinwament l-integrità u t-trasparenza tas-suq, tevita l-miżinformazzjoni u tiggwida kwalunkwe azzjoni potenzjali rapida, jenħtieġ li l-ESMA fuq bażi regolari tippubblika rapport dwar l-integrità u t-trasparenza ta' dawk is-swieq u, fejn rilevanti, toħroġ rakkomandazzjonijiet ulterjuri għal titjib immirat. Jenħtieġ li l-ESMA, b'mod partikolari, teżamina l-funzjonament tas-swieq fid-dawl ta' kwalunkwe volatilità u l-evoluzzjoni tal-prezzijiet, l-operat tal-irkantijiet u l-operazzjonijiet tan-negozjar fis-suq, il-likwidità u l-volumi nnegozjati, u l-kategoriji u l-imġiba kummerċjali tal-parteċipanti fis-suq. Titjib immirat jista', pereżempju, jinkludi miżuri li jsaħħu l-informazzjoni disponibbli għall-parteċipanti fis-suq u għall-pubbliku inġenerali dwar il-funzjonament tas-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet u s-swieq tad-derivattivi relatati, itejbu r-rapportar regolatorju u l-monitoraġġ tas-suq fis-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet u s-swieq tad-derivati relatati, inkluż billi jagħmlu tranżazzjonijiet individwali disponibbli pubblikament, jeħtieġu li kull parteċipant fis-suq jiżvela pubblikament il-parteċipazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tiegħu mqasma skont ir-raġuni u l-orizzont, jippromwovu l-prevenzjoni u l-kxif tal-abbuż tas-suq u jgħinu fiż-żamma ta' swieq ordnati għall-kwoti tal-emissjonijiet u s-swieq tad-derivattivi relatati, pereżempju permezz ta' penali li tvarja bbażata fuq il-prezz medju tal-irkant tas-sena ta' qabel, iż-żamma ta' kwoti, l-aġġustament tal-kwantità ta' rkantijiet sussegwenti, jew kombinazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-rakkomandazzjonijiet tal-ESMA fi żmien sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-ESMA u jenħtieġ li, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tindirizza dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 470

## Proposta għal direttiva

## Premessa 42c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (42c) Volatilità tas-suq jew xokkijiet eċċessivi fil-prezzijiet mhux mistennija jew li jseħħu f'daqqa fis-suq tal-karbonju tal-Unjoni, pereżempju, bħala riżultat ta' bidliet f'daqqa fl-imġiba tas-suq jew spekulazzjoni eċċessiva, jaffettwaw b'mod negattiv il-prevedibbiltà tas-suq u l-klima stabbli tal-investment li hija essenzjali għall-ippjanar tal-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni u fl-innovazzjoni. Għalhekk, il-miżuri li japplikaw f'każ li jkun hemm fluttwazzjonijiet eċċessivi tal-prezzijiet jenħtieġ li jissaħħu b'mod kawt sabiex jittejbu l-valutazzjoni ta' evoluzzjonijiet mhux iġġustifikati fil-prezzijiet u r-reazzjoni għalihom. Dan it-titjib immirat jenħtieġ li jkompli jiżgura l-funzjonament tajjeb tas-swieg tal-karbonju, inkluż ir-rwol tal-intermedjarji u l-atturi finanzjarji biex jipprovdu likwidità lis-suq u aċċess għas-suq għall-atturi tal-konformità, b'mod partikolari l-SMEs, filwaqt li jiġu indirizzati volatilità jew xokkijiet fil-prezzijiet mhux mistennija jew li jseħħu f'daqqa mhux relatati mal-prinċipji fundamentali tas-suq.

## Emenda 471

## Proposta għal direttiva

## Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (43a) Sabiex jiġi żgurat li jeżistu kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u tingħalaq kwalunkwe lakuna li jifdal bejn l-EU ETS eżistenti u s-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet, is-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet jenħtieġ li tkopri wkoll fjuwils oħra rilaxxati għall-konsum, bħal dawk użati għat-tisħin ta' proċessi f'attivitajiet mhux koperti fl-ambitu tal-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE, filwaqt li jiġi evitat jew indirizzat kwalunkwe għadd doppju. Barra minn hekk, approċċ bħal dan jissimplifika l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tas-sistema l-ġdida ta' skambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-entitajiet regolati.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 472

## Proposta għal direttiva

## Premessa 44

## Test propost mill-Kummissjoni

(44) Sabiex jiġi stabbilit il-qafas ta' implimentazzjoni meħtieġ u jiġi pprovdut perjodu ta' żmien raġonevoli biex tintlaħaq il-mira tal-2030, jenħtieġ li l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet **fiż-żewġ setturi** l-ġodda jibda fl-2025. Matul l-ewwel sena, jenħtieġ li l-entitajiet regolati jkunu meħtieġa jżommu permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jirrapportaw l-emissjonijiet tagħhom għas-snin **2024 u 2025**. Jenħtieġ li l-ħruġ ta' kwoti u l-obbligi ta' konformità għal dawn l-entitajiet ikunu applikabbli **mill-2026**. Dan is-sekwenzjar se jippermetti l-bidu tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi b'mod ordnat u effiċjenti. Dan jippermetti wkoll li l-finanzjament tal-UE u l-miżuri tal-Istati Membri jkunu fis-seħħ biex tiġi żgurata introduzzjoni soċjalment ġusta tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE fiż-żewġ setturi sabiex jittaffa l-impatt tal-prezz tal-karbonju fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli u fuq l-utenti tat-trasport.

## Emenda

(44) Sabiex jiġi stabbilit il-qafas ta' implimentazzjoni meħtieġ u jiġi pprovdut perjodu ta' żmien raġonevoli biex tintlaħaq il-mira tal-2030, jenħtieġ li l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet **fis-setturi** l-ġodda jibda fl-2025. Matul l-ewwel sena, jenħtieġ li l-entitajiet regolati jkunu meħtieġa jżommu permess għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jirrapportaw l-emissjonijiet tagħhom għas-snin **2023 u 2024**. Jenħtieġ li l-ħruġ ta' kwoti u l-obbligi ta' konformità għal dawn l-entitajiet ikunu applikabbli **mill-2025, fir-rigward tal-fjuwils rilaxxati għall-konsum f'applikazzjonijiet kummerċjali u fjuwils oħra, bħal għat-tisħin ta' proċessi mhux kopert mill-EU ETS eżistenti. Soġġett għal valutazzjoni sal-1 ta' Jannar 2026 u jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajbin, jenħtieġ li l-Kummissjoni timmira li testendi dan għall-fjuwils rilaxxati għall-konsum fit-trasport privat bit-triq u t-tisħin u t-tkessiħ privat ta' bini residenzjali mill-1 ta' Jannar 2029 u jenħtieġ li, fejn xieraq, tippreżenta rieżami mmirat għal dan il-għan**. Dan is-sekwenzjar se jippermetti l-bidu tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi b'mod ordnat u effiċjenti. Dan jippermetti wkoll li l-finanzjament tal-UE u l-miżuri tal-Istati Membri jkunu fis-seħħ biex tiġi żgurata introduzzjoni soċjalment ġusta tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE fiż-żewġ setturi sabiex jittaffa l-impatt tal-prezz tal-karbonju fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli u fuq l-utenti tat-trasport.



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 473****Proposta għal direttiva****Premessa 46***Test propost mill-Kummissjoni*

(46) L-entitajiet regolati **fiż-żewġ setturi** l-ġodda u l-punt ta' regolamentazzjoni jenħtieġ li jiġu definiti f'konformità mas-sistema tad-dazju tas-sisa stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 <sup>(25)</sup>, bl-adattamenti meħtieġa, billi dik id-Direttiva diġà tistabbilixxi sistema robusta ta' kontroll għall-kwantitajiet kollha ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum għall-finijiet tal-ħlas tad-dazji tas-sisa. L-utenti finali tal-fjuwils f'dawk is-setturi ma jenħtieġx li jkunu soġġetti għall-obbligi skont id-Direttiva 2003/87/KE.

<sup>(25)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni) (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4).

*Emenda*

(46) L-entitajiet regolati **fis-setturi** l-ġodda u l-punt ta' regolamentazzjoni jenħtieġ li jiġu definiti f'konformità mas-sistema tad-dazju tas-sisa stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 <sup>(25)</sup>, bl-adattamenti meħtieġa, billi dik id-Direttiva diġà tistabbilixxi sistema robusta ta' kontroll għall-kwantitajiet kollha ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum għall-finijiet tal-ħlas tad-dazji tas-sisa. L-utenti finali tal-fjuwils f'dawk is-setturi ma jenħtieġx li jkunu soġġetti għall-obbligi skont id-Direttiva 2003/87/KE.

<sup>(25)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni) (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4).

**Emenda 474****Proposta għal direttiva****Premessa 47***Test propost mill-Kummissjoni*

(47) L-entitajiet regolati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi **tal-bini u tat-trasport bit-triq** jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rekwiżiti simili ta' permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra bħall-operaturi ta' installazzjonijiet stazzjonarji. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-applikazzjonijiet għal permessi, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permessi, il-kontenut, u r-rieżami, u kwalunkwe bidla relatata mal-entità regolata. Sabiex is-sistema l-ġdida tibda b'mod ordnat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-entitajiet regolati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet ikollhom permess validu mill-bidu tas-sistema fl-**2025**.

*Emenda*

(47) L-entitajiet regolati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi **l-ġodda** jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rekwiżiti simili ta' permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra bħall-operaturi ta' installazzjonijiet stazzjonarji. Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-applikazzjonijiet għal permessi, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permessi, il-kontenut, u r-rieżami, u kwalunkwe bidla relatata mal-entità regolata. Sabiex is-sistema l-ġdida tibda b'mod ordnat, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-entitajiet regolati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet ikollhom permess validu mill-bidu tas-sistema fl-**2024**.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 475**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 48**

Test propost mill-Kummissjoni

(48) Jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti għall-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet issegwi trajettorja lineari biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2030, filwaqt li jitqies il-kontribut kosteffiċjenti tal-bini u tat-trasport bit-triq għat-tnaqqis fl-emissjonijiet bi 43 % sal-2030, meta mqabbel mal-2005. Jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti tiġi stabbilita għall-ewwel darba fl-**2026** sabiex issegwi trajettorja li tibda fl-2024 mill-valur tal-limiti tal-emissjonijiet tal-2024 (1 109 304 000 CO<sub>2</sub>t), ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(26)</sup> abbażi tal-emissjonijiet ta' referenza għal dawn is-setturi għall-perjodu mill-2016 sal-2018. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-fattur ta' tnaqqis lineari jiġi stabbilit għal 5,15 %. Mill-2028, jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti tiġi stabbilita abbażi tal-emissjonijiet medji rrapportati għas-snin 2024, 2025 u 2026, u jenħtieġ li tonqos bl-istess tnaqqis annwali assolut kif stabbilit mill-2024, li jikkorrispondi għal fattur ta' tnaqqis lineari ta' 5,43 % meta mqabbel mal-valur komparabbli tal-2025 tat-trajettorja definita hawn fuq. Jekk dawk l-emissjonijiet ikunu oġhla b'mod sinifikanti minn dan il-valur tat-trajettorja u jekk din id-diverġenza ma tkunx dovuta għal differenzi fuq skala żgħira fil-metodoloġiji tal-kejl tal-emissjonijiet, jenħtieġ li l-fattur ta' tnaqqis lineari jiġi aġġustat biex jintlaħaq it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet fl-2030.

<sup>(26)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

Emenda

(48) Jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti għall-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet issegwi trajettorja lineari biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2030, filwaqt li jitqies il-kontribut kosteffiċjenti tal-bini u tat-trasport bit-triq għat-tnaqqis fl-emissjonijiet bi 43 % sal-2030, meta mqabbel mal-2005. Jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti tiġi stabbilita għall-ewwel darba fl-**2025** sabiex issegwi trajettorja li tibda fl-2024 mill-valur tal-limiti tal-emissjonijiet tal-2024 (1 109 304 000 CO<sub>2</sub>t), ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(26)</sup> abbażi tal-emissjonijiet ta' referenza għal dawn is-setturi għall-perjodu mill-2016 sal-2018. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-fattur ta' tnaqqis lineari jiġi stabbilit għal 5,15 %. Mill-2028, jenħtieġ li l-kwantità totali ta' kwoti tiġi stabbilita abbażi tal-emissjonijiet medji rrapportati għas-snin 2024, 2025 u 2026, u jenħtieġ li tonqos bl-istess tnaqqis annwali assolut kif stabbilit mill-2024, li jikkorrispondi għal fattur ta' tnaqqis lineari ta' 5,43 % meta mqabbel mal-valur komparabbli tal-2025 tat-trajettorja definita hawn fuq. Jekk dawk l-emissjonijiet ikunu oġhla b'mod sinifikanti minn dan il-valur tat-trajettorja u jekk din id-diverġenza ma tkunx dovuta għal differenzi fuq skala żgħira fil-metodoloġiji tal-kejl tal-emissjonijiet, jenħtieġ li l-fattur ta' tnaqqis lineari jiġi aġġustat biex jintlaħaq it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet fl-2030.

<sup>(26)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 476**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 50**

Test propost mill-Kummissjoni

- (50) Sabiex jiġi żgurat bidu bla xkiel għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi **tal-bini u tat-trasport bit-triq** u b'kont meħud tal-ħtieġa tal-entitajiet regolati li jhhegġjaw jew jixtru kwoti bil-quddiem biex itaffu r-riskju tagħhom tal-prezz u tal-likwidità, jenħtieġ li jiġu rkantati ammont ogħla ta' kwoti minn kmieni. Għalhekk, jenħtieġ li l-volumi tal-irkant **fl-2026** ikunu 30 % ogħla mill-kwantità totali tal-kwoti **għall-2026**. Dan l-ammont ikun biżżejjed biex jipprovdi likwidità, kemm jekk l-emissjonijiet jonqsu f'konformità mal-ħtiġijiet ta' tnaqqis, kif ukoll f' każ li t-tnaqqis fl-emissjonijiet iseħħ biss b'mod progressiv. Ir-regoli dettaljati għal dan it-tqassim minn qabel tal-volum tal-irkant għandhom jiġu stabbiliti fatt delegat relatat mal-irkantar, adottat skont l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Emenda

- (50) Sabiex jiġi żgurat bidu bla xkiel għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi **l-ġodda** u b'kont meħud tal-ħtieġa tal-entitajiet regolati li jhhegġjaw jew jixtru kwoti bil-quddiem biex itaffu r-riskju tagħhom tal-prezz u tal-likwidità, jenħtieġ li jiġu rkantati ammont ogħla ta' kwoti minn kmieni. Għalhekk, jenħtieġ li l-volumi tal-irkant **fl-2025** ikunu 30 % ogħla mill-kwantità totali tal-kwoti **għall-2025**. Dan l-ammont ikun biżżejjed biex jipprovdi likwidità, kemm jekk l-emissjonijiet jonqsu f'konformità mal-ħtiġijiet ta' tnaqqis, kif ukoll f' każ li t-tnaqqis fl-emissjonijiet iseħħ biss b'mod progressiv. Ir-regoli dettaljati għal dan it-tqassim minn qabel tal-volum tal-irkant għandhom jiġu stabbiliti fatt delegat relatat mal-irkantar, adottat skont l-Artikolu 10(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.

**Emenda 477**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 52**

Test propost mill-Kummissjoni

- (52) L-introduzzjoni tal-prezz tal-karbonju fit-trasport bit-triq u fil-bini jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn kumpens soċjali effettiv, speċjalment fid-dawl tal-livelli diġà eżistenti ta' faqar enerġetiku. Fl-2018, madwar 34 miljun ċittadin Ewropew irrapportaw nuqqas ta' kapaċità li jżommu djarhom sħan b'mod adegwat, u 6,9 % tal-polazzjoni tal-Unjoni qalu li ma jistgħux jaffordjaw li jsaħħnu djarhom b'mod suffiċjenti fi sħarriġ li sar fl-2019 madwar l-UE kollha <sup>(27)</sup>. Sabiex jinkiseb kumpens soċjali u distributtiv effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jonfqu d-dħul mill-irkant fuq l-iskopijiet relatati mal-klima u l-enerġija diġà speċifikati għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet eżistenti, iżda wkoll għal miżuri miżjuda speċifikament biex jindirizzaw it-tħassib relatat għas-setturi l-ġodda tat-trasport bit-triq u tal-bini, inklużi miżuri ta' politika relatati skont id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(28)</sup>. Id-dħul mill-irkant jenħtieġ li jintuża biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi l-ġodda b'enfasi speċifika fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi u l-uniti tat-trasport. F'dan l-ispirtu, Fond Soċjali għall-Klima ġdid se jipprovdi finanzjament iddedikat lill-Istati Membri biex jappoġġaw liċ-ċittadini Ewropej l-aktar affettwati jew friskju ta' faqar enerġetiku jew ta' mobbiltà. Dan il-Fond se jippromwovi l-ġustizzja u s-solidarjetà bejn u fi ħdan l-Istati Membri, filwaqt li jtaffi r-riskju tal-faqar enerġetiku u tal-mobbiltà matul it-tranżizzjoni. Huwa se jibni fuq il-mekkaniżmi ta' solidarjetà eżistenti u jikkomplementahom. Fil-prinċipju, ir-riżorsi tal-Fond il-ġdid se jikkorrispondu għal 25 % tad-dħul mistenni mill-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet fil-perjodu 2026-2032, u se jiġu implimentati abbażi tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima li

Emenda

- (52) L-introduzzjoni tal-prezz tal-karbonju fit-trasport bit-triq u fil-bini jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn kumpens soċjali effettiv, speċjalment fid-dawl tal-livelli diġà eżistenti ta' faqar enerġetiku. Fl-2018, madwar 34 miljun ċittadin Ewropew irrapportaw nuqqas ta' kapaċità li jżommu djarhom sħan b'mod adegwat, u 6,9 % tal-polazzjoni tal-Unjoni qalu li ma jistgħux jaffordjaw li jsaħħnu djarhom b'mod suffiċjenti fi sħarriġ li sar fl-2019 madwar l-UE kollha <sup>(27)</sup>. Sabiex jinkiseb kumpens soċjali u distributtiv effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jonfqu d-dħul mill-irkant fuq l-iskopijiet relatati mal-klima u l-enerġija diġà speċifikati għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet eżistenti, iżda wkoll għal miżuri miżjuda speċifikament biex jindirizzaw it-tħassib relatat għas-setturi l-ġodda tat-trasport bit-triq u tal-bini, inklużi miżuri ta' politika relatati skont id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(28)</sup>. Id-dħul mill-irkant jenħtieġ li jintuża biex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi l-ġodda b'enfasi speċifika fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, il-mikrointrapriżi u l-uniti tat-trasport. F'dan l-ispirtu, Fond Soċjali għall-Klima ġdid se jipprovdi finanzjament iddedikat lill-Istati Membri biex jappoġġaw liċ-ċittadini Ewropej l-aktar affettwati jew friskju ta' faqar enerġetiku jew ta' mobbiltà. **Il-Fond Soċjali għall-Klima jenħtieġ li jkun parti integrali mill-baġit tal-Unjoni sabiex tiġi ppreservata l-unità tal-baġit u l-koerenza mal-politiki tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat li jkun hemm kontroll effettiv mill-awtorità baġitarja, komposta mill-Parlament u l-Kunsill.** Dan il-Fond se jippromwovi l-ġustizzja u s-solidarjetà bejn u fi ħdan l-Istati Membri, filwaqt li jtaffi r-riskju tal-faqar enerġetiku u tal-mobbiltà matul it-tranżizzjoni. Huwa se

## L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Test propost mill-Kummissjoni

l-Istati Membri jenħtieġ li jressqu skont ir-Regolament (UE) 20.../nn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(27)</sup>. Barra minn hekk, jenħtieġ li kull Stat Membru juża d-dħul mill-irkant tiegħu, inter alia, biex jiffinanzja parti mill-kostijiet tal-Pjanijiet Soċjali tiegħu għall-Klima.

<sup>(27)</sup> Data mill-2018. Eurostat, SILC [ilc\_md01].

<sup>(28)</sup> Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

<sup>(29)</sup> [Żid ir-referenza għar-Regolament li jstabilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima].

## Emenda

jibni fuq il-mekkaniżmi ta' solidarjetà eżistenti u jikkomplementahom. Fil-prinċipju, ir-riżorsi tal-Fond il-ġdid se jikkorrispondu għal 25 % tad-dħul mistenni mill-iskambju l-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet fil-perjodu 2026-2032, u se jiġu implimentati abbażi tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima li l-Istati Membri jenħtieġ li jressqu skont ir-Regolament (UE) 20.../nn tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(29)</sup>. **L-allokazzjoni bażika programmata fil-baġit tal-UE jenħtieġ li tiżdied kull sena permezz ta' tisħiħ supplementari f'każ li jkun hemm żieda tal-prezz tal-karbonju għal livell ogħla minn dak inizjalment preżunt, peress li dan iżid il-piż fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-utenti tat-traffiku. Sabiex jiġi żgurat li l-impatt taż-żidiet tal-prezz tal-karbonju fuq l-aktar vulnerabbli jiġi mitigat b'mod adegwat u ġust, tali rinforzi annwali jenħtieġ li jiġu akkomodati fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali permezz ta' "aġġustament tal-fluttwazzjoni fil-prezz tal-karbonju" awtomatiku tal-limitu massimu tal-Intestatura 3 u l-limitu massimu tal-ħlas, li l-mekkaniżmu għalih għandu jkun previst fir-regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali f'konformità mal-Artikolu 312 tat-TFUE.** Barra minn hekk, jenħtieġ li kull Stat Membru juża d-dħul mill-irkant tiegħu, inter alia, biex jiffinanzja parti mill-kostijiet tal-Pjanijiet Soċjali tiegħu għall-Klima.

<sup>(27)</sup> Data mill-2018. Eurostat, SILC [ilc\_md01].

<sup>(28)</sup> Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

<sup>(29)</sup> [Żid ir-referenza għar-Regolament li jstabilixxi l-Fond Soċjali għall-Klima].

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 478

## Proposta għal direttiva

## Premessa 52a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (52a) *Peress li s-settur tat-trasport bħalissa huwa l-uniku settur li naqas milli jwassal għal kwalunkwe tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, huwa meħtieġ livell sinifikanti ta' investiment f'għażżiet ta' trasport sostenibbli biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni u tiġi appoġġgata bidla modali għal forom ta' trasport aktar ekoloġiċi. Għalhekk, mill-inqas 10 % tad-dħul mistenni miż-żieda fl-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet li għandu jirriżulta bħala riżultat tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS u l-introduzzjoni ta' EU ETS ġdida għal fjuwils għat-tisħin, it-trasport u fjuwils oħra skont din id-Direttiva, inkluż 10 % tad-dħul nazzjonali li għandu jiġi allokat mill-Istati Membri kif ukoll 10 % tad-dħul fl-ambitu tal-Fond ta' Investiment għall-Klima, jenħtieġ li jiġi allokat għall-iżvilupp ulterjuri tat-trasport pubbliku, b'mod partikolari s-sistemi tal-ferroviji u tal-karozzi tal-linja li ma jagħmlux ħsara lill-klima.*

## Emenda 479

## Proposta għal direttiva

## Premessa 52b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (52b) *Sabiex tikseb koerenza u effiċjenza akbar fil-ġestjoni u l-użu tal-fondi u r-riżorsi tal-Unjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq valutazzjoni u, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva għall-integrazzjoni tal-Fond ta' Investiment għall-Klima u l-Fond għall-Modernizzazzjoni fil-baġit tal-Unjoni, li tista' tiġi ppreżentata fil-kuntest tal-proposti għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali.*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 480**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 54**

Test propost mill-Kummissjoni

- (54) **L-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq huma kruċjali biex jiġi żgurat il-kontribut kosteffiċjenti ta' dawn is-setturi għat-tnaqqis mistenni tal-emissjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li 150 miljun kwota mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq ikunu disponibbli wkoll għall-Fond **għall-Innovazzjoni** biex jistimolaw it-tnaqqis kosteffiċjenti tal-emissjonijiet.**

Emenda

- (54) Jenħtieġ li 150 miljun kwota mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq ikunu disponibbli wkoll għall-Fond **Soċjali għall-Klima** biex **jappoġġaw miżuri soċjali għall-klima.**

**Emenda 481**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 55**

Test propost mill-Kummissjoni

- (55) L-entitajiet regolati koperti mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet **fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq** jenħtieġ li jċedu l-kwoti għall-emissjonijiet ivverifikati tagħhom li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' fjuwils li jkunu rrilaxxaw għall-konsum. Jenħtieġ li huma jċedu l-kwoti għall-ewwel darba għall-emissjonijiet ivverifikati tagħhom **fl-2026**. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv, għadd ta' regoli applikabbli għall-iskema eżistenti tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal installazzjonijiet stazzjonarji u għall-avjazzjoni jenħtieġ li jsiru applikabbli għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet **għall-bini u għat-trasport bit-triq**, bl-adattamenti meħtieġa. Dan jinkludi, b'mod partikolari, regoli dwar it-trasferiment, iċ-ċediment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti, kif ukoll ir-regoli dwar il-validità tal-kwoti, il-penali, l-awtoritajiet kompetenti u l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri.

Emenda

- (55) L-entitajiet regolati koperti mill-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet **il-ġodda** jenħtieġ li jċedu l-kwoti għall-emissjonijiet ivverifikati tagħhom li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' fjuwils li jkunu rrilaxxaw għall-konsum. Jenħtieġ li huma jċedu l-kwoti għall-ewwel darba għall-emissjonijiet ivverifikati tagħhom **fl-2025**. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv, għadd ta' regoli applikabbli għall-iskema eżistenti tal-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għal installazzjonijiet stazzjonarji u għall-avjazzjoni jenħtieġ li jsiru applikabbli għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet **il-ġodda**, bl-adattamenti meħtieġa. Dan jinkludi, b'mod partikolari, regoli dwar it-trasferiment, iċ-ċediment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti, kif ukoll ir-regoli dwar il-validità tal-kwoti, il-penali, l-awtoritajiet kompetenti u l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 482

## Proposta għal direttiva

## Premessa 59a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (59a) *Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti f'din id-Direttiva u f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk fir-Regolament (UE) 2021/1119, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li jagħmlu użu mill-evidenza xjentifika l-aktar reċenti waqt l-implimentazzjoni tal-politiki. Għalhekk, il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima jenħtieġ li jiġi kkunsidrat fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Barra minn hekk, il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima jenħtieġ li jkun jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jipprovdi pariri xjentifiċi rigward din id-Direttiva biex jiżgura li l-politiki jkunu allinjati mal-oġġettivi tar-Regolament (UE) 2021/1119 u l-Ftehim ta' Pariġi.*

## Emenda 483

## Proposta għal direttiva

## Premessa 59b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (59b) *Sabiex tistabbilixxi viżjoni fit-tul, il-Kummissjoni, appoġġata mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, jenħtieġ li tipprepara pjanijiet direzzjonali indikattivi għall-attivitajiet koperti bl-Anness I ta' din id-Direttiva lejn l-ilħuq tal-oġġettiv tal-Unjoni ta' newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119. Il-pjanijiet direzzjonali jenħtieġ li jitħejjew b'mod trasparenti bil-partijiet ikkonċernati bħall-individwi, is-soċjetà ċivili, is-šħab soċjali, l-akkademja, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika involuti mill-qrib. Il-pjanijiet direzzjonali huma għodda essenzjali li ttiprovdi għarfien fond u stabbiltà fit-tul lil partijiet ikkonċernati u biex jiġu identifikati interessi komuni, inkonsistenzi possibbli u kunflitti fl-iżvilupp tal-politiki. Il-pjanijiet direzzjonali jenħtieġ li jiġu aġġornati kull ħames snin bil-partijiet ikkonċernati involuti mill-qrib sabiex jitqiesu l-aħħar żviluppi xjentifiċi.*



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 484

## Proposta għal direttiva

## Premessa 61

Test propost mill-Kummissjoni

- (61) EU ETS riformata u li tiffunzjona sewwa, li tinkludi strument li jstabbilizza s-suq, hija mezz ewlieni għal-l-Unjoni biex tilħaq il-mira miftiehma tagħha għall-2030 u l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi. Ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq tfittex li tindirizza l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-kwoti fis-suq. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 jstabbilixxi li r-riżerva għandha tiġi rieżaminata tliet snin wara li ssir operattiva, billi tingħata attenzjoni partikolari liċ-ċifra perċentwali għad-determinazzjoni tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq, il-limitu għall-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni (TNAC) li jiddetermina l-inkorporazzjoni tal-kwoti, u l-għadd ta' kwoti li għandhom jiġu rilaxxati mir-riżerva.

Emenda

- (61) EU ETS riformata u li tiffunzjona sewwa, li tinkludi strument li jstabbilizza s-suq, hija mezz ewlieni għal-l-Unjoni biex tilħaq il-mira miftiehma tagħha għall-2030, ***L-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn dakinhar 'il quddiem kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119*** u l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi. Ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq tfittex li tindirizza l-iżbilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-kwoti fis-suq. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 jstabbilixxi li r-riżerva għandha tiġi rieżaminata tliet snin wara li ssir operattiva, billi tingħata attenzjoni partikolari liċ-ċifra perċentwali għad-determinazzjoni tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq, il-limitu għall-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni (TNAC) li jiddetermina l-inkorporazzjoni tal-kwoti, u l-għadd ta' kwoti li għandhom jiġu rilaxxati mir-riżerva.

## Emenda 485

## Proposta għal direttiva

## Premessa 62

Test propost mill-Kummissjoni

- (62) Meta titqies il-ħtieġa li jingħata sinjal ta' investment aktar b'saħħtu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mod kosteffiċjenti u bil-ħsieb li tissaħħaħ l-EU ETS, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tiġi emendata sabiex tiżdied ir-rata perċentwali għad-determinazzjoni tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu kull sena fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq. Barra minn hekk, għal livelli aktar baxxi tat-TNAC, jenħtieġ li l-inkorporazzjoni tkun ugwali għad-differenza bejn it-TNAC u l-limitu li jiddetermina l-inkorporazzjoni tal-kwoti. Dan jipprevjeni l-inċertezza konsiderevoli fil-volumi tal-irkant li tirriżulta meta t-TNAC ikun qrib il-limitu, u fl-istess ħin jiżgura li l-eċċess jilħaq il-wisa' tal-banda tal-volum li fiha s-suq tal-karbonju jitqies li jopera b'mod bilanċjat.

Emenda

- (62) Meta titqies il-ħtieġa li jingħata sinjal ta' investment aktar b'saħħtu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mod kosteffiċjenti u bil-ħsieb li tissaħħaħ l-EU ETS, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 tiġi emendata sabiex tiżdied ir-rata perċentwali għad-determinazzjoni tal-għadd ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu kull sena fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq. Barra minn hekk, għal livelli aktar baxxi tat-TNAC, jenħtieġ li l-inkorporazzjoni tkun ugwali għad-differenza bejn it-TNAC u l-limitu li jiddetermina l-inkorporazzjoni tal-kwoti. Dan jipprevjeni l-inċertezza konsiderevoli fil-volumi tal-irkant li tirriżulta meta t-TNAC ikun qrib il-limitu, u fl-istess ħin jiżgura li l-eċċess jilħaq il-wisa' tal-banda tal-volum li fiha s-suq tal-karbonju jitqies li jopera b'mod bilanċjat. ***Tali aġġustament jenħtieġ li jsir mingħajr ma jirriżulta fi tnaqqis fl-ambizzjoni meta mqabbel mar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq attwali.***

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 486

## Proposta għal direttiva

## Premessa 66a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (66a) **Biex jiġi żgurat li jkun hemm prevedibbiltà għall-operaturi u tiġi evitata d-diżincentivazzjoni ta' daww bl-aqwa prestazzjoni u l-innovazzjoni bħala riżultat ta' kostijiet addizzjonali u mhux previsti, huwa kruċjali li tiġi evitata l-applikazzjoni tal-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali għal daww fuq quddiem nett.**

## Emenda 487

## Proposta għal direttiva

## Premessa 67

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (67) Huwa meħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex titqies l-inklużjoni tas-settur tat-trasport marittimu fl-EU ETS. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex jobbliga lill-kumpaniji jirrapportaw id-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u jissottomettu għall-approvazzjoni l-pjanijiet ta' monitoraġġ ivverifikati tagħhom u d-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji lill-awtorità amministrattiva responsabbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-metodi għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u r-regoli dwar il-monitoraġġ, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra stabbilita fir-Regolament (UE) 2015/757, sabiex tiżgura l-funzjonament effettiv tal-EU ETS fil-livell amministrattiv u tissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 bir-regoli għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-bidliet tagħhom mill-awtoritajiet amministrattivi, bir-regoli għall-monitoraġġ, ir-rapportar u s-sottomissjoni tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u bir-regoli għall-verifika tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u għall-ħruġ ta' rapport ta' verifika fir-rigward tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji. Id-data mmonitorjata, irrapportata u vverifikata skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tista' tintuża wkoll għall-fini ta' konformità ma' liġi oħra tal-Unjoni li tirrikjedi l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-istess informazzjoni dwar il-bastimenti.

- (67) Huwa meħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex titqies l-inklużjoni tas-settur tat-trasport marittimu fl-EU ETS. Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2015/757 jiġi emendat biex jobbliga lill-kumpaniji jirrapportaw id-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u jissottomettu għall-approvazzjoni l-pjanijiet ta' monitoraġġ ivverifikati tagħhom u d-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji lill-awtorità amministrattiva responsabbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-metodi għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, CH<sub>4</sub> u N<sub>2</sub>O u r-regoli dwar il-monitoraġġ, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra stabbilita fir-Regolament (UE) 2015/757, sabiex tiżgura l-funzjonament effettiv tal-EU ETS fil-livell amministrattiv u tissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 bir-regoli għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-bidliet tagħhom mill-awtoritajiet amministrattivi, bir-regoli għall-monitoraġġ, ir-rapportar u s-sottomissjoni tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u bir-regoli għall-verifika tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji u għall-ħruġ ta' rapport ta' verifika fir-rigward tad-data aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji. Id-data mmonitorjata, irrapportata u vverifikata skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tista' tintuża wkoll għall-fini ta' konformità ma' liġi oħra tal-Unjoni li tirrikjedi l-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-istess informazzjoni dwar il-bastimenti.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 488

## Proposta għal direttiva

## Premessa 67a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(67a) Minbarra l-ipprezzar effettiv tal-karbonju bbażat fuq EU ETS li tiffunzjona tajjeb, it-trasparenza tas-suq hija ta' importanza ewlenija biex ikun jista' jsir tnaqqis rapidu u kosteffettiv tal-emissjonijiet fis-setturi kollha tal-ekonomija. Sabiex il-konsumaturi u l-atturi kollha tul il-katina tal-provvista jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati dwar l-emissjonijiet inkorporati fil-prodotti, jenħtieġ li tiġi żviluppata sistema Ewropea għal tikkettar robust tal-impronta tal-karbonju tal-prodotti.

## Emenda 489

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt - 1 (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 1 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

**Din** id-Direttiva se tipprovdi wkoll għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sabiex tikkontribwixxi għal-livelli tat-tnaqqis kunsidrati meħtieġa xjentifikament biex jimpedixxu bidla perikoluża fil-klima.

(-1) **fl-Artikolu 1, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:**

**“Din** id-Direttiva se tipprovdi wkoll għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra sabiex tikkontribwixxi għal-livelli tat-tnaqqis kunsidrati meħtieġa xjentifikament biex jimpedixxu bidla perikoluża fil-klima, **biex jintlaħaq l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sa mhux aktar tard mill-2050 u biex minn hemm 'il quddiem jinkisbu emissjonijiet negattivi kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), u biex jinkisbu l-impenji tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha skont il-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li tirrifletti l-prinċipji tal-ekwità u tar-responsabbiltajiet komuni iżda differenzjati u l-kapaċitajiet rispettivi tan-nazzjonijiet.**

(\*) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ('il-Liġi Ewropea dwar il-Klima') (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).”;

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 490****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet elenkati fl-Annessi I u III, u għall-gassijiet serra elenkati fl-Anness II. Meta installazzjoni li tkun inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS minħabba t-tħaddim tal-unitajiet ta' kombustjoni b'input termiku nominali totali li jaqbeż 1-20 MW tbiddel il-proċessi ta' produzzjoni tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha u ma tibqax tissodisfa dak il-limitu, **hija** għandha tibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS sa tmiem il-perjodu **rilevanti** ta' ħames snin imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1), wara l-bidla fil-proċess tal-produzzjoni tagħha.

*Emenda*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet elenkati fl-Annessi I u III, u għall-gassijiet serra elenkati fl-Anness II. Meta installazzjoni li tkun inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS minħabba t-tħaddim tal-unitajiet ta' kombustjoni b'input termiku nominali totali li jaqbeż 1-20 MW tbiddel il-proċessi ta' produzzjoni tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha u ma tibqax tissodisfa dak il-limitu **jew ma tibqax tarmi gassijiet serra, l-operatur ta' dik l-installazzjoni jista' jiddeċiedi li l-installazzjoni** għandha tibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS sa tmiem il-perjodu ta' ħames snin **li jmiss** imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1), wara l-bidla fil-proċess tal-produzzjoni tagħha.

*Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-inklużjoni ta' installazzjonijiet b'input termali kklassifikat totali ta' inqas minn 20 MW fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS fil-perjodu li jmiss. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex tinkludi tali installazzjonijiet.*

**Emenda 491****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt va (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(va) **“vjaġġ”** tfisser **vjaġġ kif iddefinit fl-Artikolu 3, punt (c), tar-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*)**;

(\*) **Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 492****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt wa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(wa) “port tat-trażbord mhux tal-UE” tfisser port tat-trażbord f’pajjiż ġar mhux tal-UE f’distanza ta’ inqas minn 300 mil nawtiku minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta’ Stat Membru, fejn il-moviment ta’ tip wieħed ta’ merkanzija permezz ta’ operazzjonijiet tat-trażbord jaqbeż is-60 % tat-traffiku totali ta’ dak il-port;

**Emenda 493****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt wb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(wb) “operazzjoni ta’ trażbord” tfisser operazzjoni li fiha kull tip ta’ merkanzija, kontejner jew oġġett jinħattu minn bastiment lejn il-port għall-uniku fini li jitgħabbew fuq bastiment ieħor;

**Emenda 494****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt wc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(wc) “port tal-waqfa” tfisser port fejn bastiment jieqaf biex jgħabbi jew iħott merkanzija jew biex jimbarka jew jiżbarka passiġġieri; konsegwentement, huma esklużi minn din id-definizzjoni l-waqfiet għall-finijiet uniċi ta’ riforniment ta’ fjuwil, akkwist ta’ provvisti, bdil tal-ekwipaġġ, dħul f’baċir imbattal mill-ilma jew biex isiru tiswijiet lill-bastiment jew lit-tagħmir tiegħu, waqfiet f’port għaliex il-bastiment ikun jeħtieġ assisten-za jew jinsab fil-periklu, trasferimenti minn bastiment għal ieħor imwettqa barra mill-portijiet, waqfiet f’port tat-trażbord mhux tal-UE, u waqfiet għall-iskop uniku ta’ rifuġju minn kundizzjonijiet tat-temp ħżiena jew waqfiet li jsiru meħtieġa minħabba attivitajiet ta’ tiftix u salvataġġ;

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 495****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt d**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt y

*Test propost mill-Kummissjoni*

(y) “fjuwil” għall-finijiet tal-Kapitolu IVa għandu jfisser kwalunkwe fjuwil elenkat fit-Tabella-A u fit-Tabella-C tal-Anness I tad-Direttiva 2003/96/KE, kif ukoll kwalunkwe prodott ieħor offrut għall-bejgħ bħala fjuwil tal-magni jew fjuwil tat-tisħin kif speċifikat fl-Artikolu 2(3) ta' dik id-Direttiva;

*Emenda*

(y) “fjuwil” għall-finijiet tal-Kapitolu IVa għandu jfisser kwalunkwe fjuwil elenkat fit-Tabella-A u fit-Tabella-C tal-Anness I tad-Direttiva 2003/96/KE, kif ukoll kwalunkwe prodott ieħor **maħsub għall-użu**, offrut għall-bejgħ **jew użat** bħala fjuwil tal-magni jew fjuwil tat-tisħin kif speċifikat fl-Artikolu 2(3) ta' dik id-Direttiva;

**Emenda 496****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu – 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***(2a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:****“Artikolu - 3a**

**Il-Kummissjoni, flimkien mal-Kumitat Eżekuttiv tal-Mekkaniżmu Internazzjonali ta' Varsavja għal Telf u Ħsara u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, għandha tivvaluta miżuri ta' kumpens potenzjali li l-Unjoni kollha kemm hi tista' timplimenta għall-pajjiżi vulnerabbli u li qed jiżviluppaw u tirrapporta dwar dik il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa tmiem l-2022.”;**

**Emenda 497****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3a – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Artikoli 3b sa 3f għandhom japplikaw għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward tal-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I. L-Artikoli 3g sa **3ge** għandhom japplikaw fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu elenkati fl-Anness I.

*Emenda*

L-Artikoli 3b sa 3f għandhom japplikaw għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward tal-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I. L-Artikoli 3g sa **3ġeb** għandhom japplikaw **għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti** fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu elenkati fl-Anness I **imwettqa minn bastimenti ta' 5 000 tunnellaġġ gross u aktar.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mill-1 ta' Jannar 2027, l-Artikoli 3g sa 3ġeb għandhom japplikaw għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu elenkati fl-Anness I imwettqa minn bastimenti ta' 400 tunnellaġġ gross u aktar. Sa dik id-data, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-bastimenti kollha u l-evitar ta' effetti negattivi mhux mixtieqa possibbli fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mis-sostituzzjoni possibbli ta' bastimenti b'tunnellaġġ gross ta' 5 000 jew aktar minn diversi bastimenti ta' tunnellaġġ gross taħt dak il-limitu fin-nuqqas ta' tnaqqis tal-limitu. Il-Kummissjoni, fejn xieraq, għandha takkumpanja dik il-valutazzjoni bi proposta leġiżlattiva biex temenda din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni, appoġġata mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/1119, għandha, sal-31 ta' Diċembru 2024, tivvaluta u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt fuq il-klima globali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minbarra CO<sub>2</sub>, CH<sub>4</sub> u N<sub>2</sub>O u ta' partikkel b'potenzjal ta' tisħin globali minn bastimenti li jaslu, jidħlu jew jitolqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru. Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' kif jiġu ttrattati tali emissjonijiet u partikkel.

## Emenda 498

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1– paragrafu 1 – punt 5

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3g – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-allokazzjoni tal-kwoti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ċediment fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu għandhom japplikaw fir-rigward ta' **ħamsin** fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitolqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port **barra mill-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru, **ħamsin** fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti **li jwettqu vjaġġ li jitlaq minn port barra mill-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru u li **jasal** f'port **taħt il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru, **mija** fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitolqu minn port **taħt il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru u li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn vapuri **rmiġġati f'port** taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

1. L-allokazzjoni tal-kwoti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ċediment fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu għandhom japplikaw fir-rigward ta' **mija** fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitolqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port **taħt il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru, **u mija** fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti **rmiġġati f'port taħt il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru.

**Sal-31 ta' Diċembru 2026, l-allokazzjoni tal-kwoti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ċediment fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu għandhom japplikaw fir-rigward ta' ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitolqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitolqu minn port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Mill-1 ta' Jannar 2027 u soġġett għad-derogi stabbiliti fl-Artikolu 3gaa, l-allokkazzjoni tal-kwoti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ċediment fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu għandhom japplikaw fir-rigward ta' mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn vapuri li jwettqu vjaġġi li jitilqu minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, u mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jitilqu minn port barra mill-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.**

## Emenda 499

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3ga

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3ga

Artikolu 3ga

**L-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżiti** għat-trasport marittimu**Ir-rekwiżiti** għat-trasport marittimu

Il-kumpaniji tat-tbaħħir għandhom ikunu responsabbli biex iċedu l-kwoti **skont l-iskeda li ġejja:**

**Mill-1 ta' Jannar 2024 u kull sena minn hemm 'il quddiem,** il-kumpaniji tat-tbaħħir għandhom ikunu responsabbli biex iċedu l-kwoti **li jikkorrispondu għal mija fil-mija (100 %) tal-emissjonijiet** ivverifikati rrapportati **għal kull sena rispettiva.**

- (a) 20 % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għall-2023;
- (b) 45 % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għall-2024;
- (c) 70 % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għall-2025;
- (d) 100 % tal-emissjonijiet ivverifikati rrapportati għall-2026 u kull sena minn hemm 'il quddiem.

Sal-punt li jiġu ċeduti inqas kwoti meta mqabbla mal-emissjonijiet ivverifikati mit-trasport marittimu għas-snin 2023, 2024 u 2025, ladarba tkun ġiet stabbilita d-differenza bejn l-emissjonijiet ivverifikati u l-kwoti ċeduti fir-rigward ta' kull sena, kwantità korrispondenti ta' kwoti għandha tiġi kkanċellata minflok irkantata skont l-Artikolu 10.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 500

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3ga a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

## Artikolu 3ga a

**Derogi bil-kundizzjoni li jittieħdu miżuri minn pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali biex jiġi indirizzat l-impatt tat-trasport marittimu fuq il-klima**

1. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha ma' pajjiżi terzi bil-għan li tistabbilixxi ftehimiet bilaterali jew multilaterali dwar azzjonijiet u miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu f'konformità mal-għan li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm fi ħdan 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati bi kwalunkwe żvilupp f'dan ir-rigward.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tintroduċi tnaqqis proporzjonat għall-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri tal-Unjoni filwaqt li żżomm fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS mill-inqas ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jtilqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u ħamsin fil-mija (50 %) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jtilqu minn port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, fejn:

- (a) pajjiż terz ikollu fis-seħħ mekkaniżmu tal-ipprezzar tal-karbonju biex jillimita u jnaqqas l-emissjonijiet li jkun mill-inqas ekwivalenti għal dak tal-EU ETS;
- (b) ikun ġie stabbilit mekkaniżmu tal-ipprezzar tal-karbonju biex jiġu limitati u jitnaqqsu l-emissjonijiet li jkun mill-inqas ekwivalenti għal dawk tal-EU ETS permezz ta' ftehim bilaterali jew multilaterali bejn l-Unjoni u pajjiż terz wieħed jew aktar u jkun ġie deċiż li dan jintrabat mal-EU ETS skont l-Artikolu 25; jew
- (c) pajjiż terz ikun Pajjiż l-Anqas Żviluppat jew Stat Għira Żgħira li qed Tiżviluppa li jkollu PDG per capita li ma jkunx daqs jew jaqbeż il-medja tal-Unjoni u jinkludi emissjonijiet skont il-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali tiegħu skont il-Ftehim ta' Pariġi.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 501****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3ga b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Artikolu 3ġab****Fond għall-Oċeani**

1. Għandu jiġi stabbilit fond (“il-Fond għall-Oċeani”) biex jappoġġa l-proġetti u l-investimenti msemmija fil-paragrafu 4. 75 % tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fl-Artikolu 3g għandu jintuża permezz tal-Fond għall-Oċeani. Barra minn hekk, kwalunkwe dħul assenjat estern imsemmi fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) .../... [FuelEU Maritime] għandu jiġi allokati lill-Fond għall-Oċeani u għandu jintuża skont il-paragrafu 4.

2. Il-kumpaniji tat-tbajhir jistgħu jħallsu kontribuzzjoni annwali tas-sħubija lill-Fond f'konformità mal-emissjonijiet totali tagħhom irrapportati għas-sena kalendarja preċedenti skont ir-Regolament (UE) 2015/757 biex jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-kumpaniji, inklużi l-kumpaniji żgħira u ta' daqs medju u l-kumpaniji li mhumiex attivi spiss fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Fond għall-Oċeani għandu jċedi l-kwoti kollettivament f'isem il-kumpaniji tat-tbajhir li jkunu membri tal-Fond. Il-kontribuzzjoni tas-sħubija għal kull tunnellata ta' emissjonijiet għandha tiġi stabbilita mill-Fond għall-Oċeani sat-28 ta' Frar ta' kull sena, iżda għandha tkun mill-inqas ugwali għall-ogħla prezz tas-saldu primarju jew sekondarju reġistrat tas-suaq għall-kwoti fis-sena preċedenti.

3. Il-Fond għall-Oċeani għandu jkun ġestit ċentralment permezz ta' korp tal-Unjoni. L-istruttura ta' governanza tal-Fond għall-Oċeani għandha tkun simili għal u tiżgura sinerġija mal-istruttura ta' governanza tal-Fond ta' Investiment għall-Klima stabbilita skont l-Artikolu 10a(8), filwaqt li tapplika, fejn rilevanti, ir-regoli għall-governanza u l-appoġġ kif stabbilit f'dak l-Artikolu. L-istruttura tal-governanza u l-proċess tat-tehd tad-deċiżjonijiet tal-Fond għall-Oċeani għandhom ikunu trasparenti u inklużivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment tal-oqsma ta' prijorità, il-kriterji u l-proċeduri tal-allokazzjoni tal-għotjiet. Il-partijiet ikkonċernati rilevanti għandu jkollhom rwol konsultattiv xieraq. L-informazzjoni kollha dwar il-proġetti u l-investimenti appoġġati mill-Fond għall-Oċeani u l-informazzjoni rilevanti l-oħra kollha dwar il-funzjonament tal-Fond għall-Oċeani għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-fondi pprovduti taħt il-Fond għall-Oċeani għandhom jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn settur marittimu tal-Unjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti għall-klima u jintużaw biex jappoġġaw proġetti u investimenti b'rabta ma' dan li ġej:

- (a) it-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti u l-portijiet;
- (b) teknoloġiji u infrastruttura innovattivi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport marittimu, inkluż fir-rigward tat-tbaħħir fuq distanzi qosra u l-portijiet, inklużi konnessjonijiet ma' grilji elettriċi fil-portijiet;
- (c) l-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli, bħall-idroġenu, l-e-fjuwils u l-ammonijaka, li jiġu prodotti minn enerġija rinnovabbli, inkluż permezz ta' kuntratti għad-differenza għall-karbonju (CCD);
- (d) teknoloġiji ta' propulsjoni b'emissjonijiet zero, inklużi t-teknoloġiji tar-riħ;
- (e) ir-riċerka u l-iżvilupp u l-ewwel applikazzjoni industrijali ta' teknoloġiji u disinji li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, inklużi teknoloġiji u fjuwils innovattivi għal bastimenti bi klassi ta' silġ u navigazzjoni fix-xitwa f'żoni ffriżati;
- (f) għandha tingħata prijorità lil proġetti li jippromwovu l-innovazzjoni fis-settur, bħal teknoloġiji li mhux biss iwasslu għad-dekarbonizzazzjoni iżda, inter alia, inaqqsu wkoll ir-riskju ta' tniġġis akustiku, tal-arja u marittimu;
- (g) il-kontribuzzjoni għal tranżizzjoni ġusta fis-settur marittimu permezz tat-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol eżistenti u t-tħejjija tal-forza tax-xogħol marittima tal-ġenerazzjoni li jmiss.

15 % tal-Fond għall-Oċeani għandhom jintużaw biex jikkontribwixxu għall-protezzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni aħjar tal-ekosistemi tal-baħar milquta mit-tisħin globali, bħaż-żoni marini protetti, u biex jippromwovu ekonomija blu sostenibbli trażversali, bħal enerġija tal-baħar rinnovabbli.

L-investimenti kollha appoġġati mill-Fond għall-Oċeani għandhom jiġu ppubblikati u jkunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-finanzjament kollu pprovdut fl-ambitu tal-Fond għall-Oċeani għandu jitwettaq f'konformità ma':

- (a) il-kriterju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" kif stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*);
- (b) mas-salvagwardji minimi kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2020/852.

6. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-esplorazzjoni ta' għażliet dwar kif jistgħu jagħmlu użu wkoll mill-Fond għall-Oċeani. Sehem korrispondenti tal-Fond għall-Oċeani għandu jkun disponibbli għal dawk il-pajjiżi barra l-Unjoni, b'mod partikolari l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw, li l-vjaġġi tagħhom minn jew lejn port barra l-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru huma koperti mija fil-mija (100%) b'miżuri li għandhom l-għan li jadattaw għat-tibdil fil-klima u jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom fis-settur marittimu.

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva b'rabta mal-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Fl-implimentazzjoni tal-Fond għall-Oċeani, il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa kollha f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*) biex tiżgura l-protezzjoni tal-fondi fir-rigward tal-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond għall-Oċeani, fil-każ ta' nuqqas ta' rispett tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tipprovdi sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u għandha tfittex l-irkupru ta' ammonti mħallsa bi żball jew użati ħażin.

- (\*) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).
- (\*\*) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 502****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3gd a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Artikolu 3gda****Arranġamenti kuntrattwali**

*Meta r-responsabbiltà aħħarija għax-xiri tal-fjuwil jew l-operat tal-bastiment tintrefa', skont arranġament kuntrattwali, minn entità oħra għajr il-kumpanija tat-tbaħħir, dik l-entità għandha tkun responsabbli taħt l-arranġament kuntrattwali biex tkopri l-kostijiet li jirriżultaw mill-konformità mal-obbligi taħt din id-Direttiva.*

*Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "l-operat tal-bastiment" tfisser id-determinazzjoni tal-merkanzija li tinġarr mill-bastiment, jew ir-rotta u l-veloċità tiegħu.*

*L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kumpanija tat-tbaħħir ikollha mezzi xierqa u effettivi biex tirkupra l-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu skont l-Artikolu 16.*

**Emenda 503****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3ge – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra emendi possibbli b'rabta mal-adozzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali ta' miżura globali bbażata fuq is-suq biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu. Fil-każ tal-adozzjoni ta' tali miżura, u fi kwalunkwe każ qabel l-inventarju globali tal-2028 u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2028, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina kwalunkwe miżura bħal din. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' ssegwi r-rapport bi proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda din id-Direttiva kif xieraq.

1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra emendi possibbli b'rabta mal-adozzjoni mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (**OMI**) ta' miżura globali bbażata fuq is-suq biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu. Fil-każ tal-adozzjoni ta' tali miżura, u fi kwalunkwe każ qabel l-inventarju globali tal-2028 u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2028, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina kwalunkwe miżura bħal din. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista' ssegwi r-rapport bi proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda din id-Direttiva kif xieraq.

*Fil-każ tal-adozzjoni ta' tali miżura fi żmien 12-il xahar u qabel dik il-miżura ssir operazzjonali, u fi kwalunkwe każ qabel l-inventarju globali tal-2028 u mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2028, il-Kummissjoni, appoġġata mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina kwalunkwe miżura bħal din.*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dak ir-rapport għandu jeżamina l-ambizzjoni u l-integrità ambjentali ġenerali tal-miżuri deċiżi mill-OMI, inkluża l-ambizzjoni ġenerali tagħhom fir-rigward tal-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura medja globali tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, għall-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni għall-2030 u għall-objettiv tan-newtralità klimatika kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, u għandu jqabbel l-integrità ambjentali ġenerali ta' dawk il-miżuri mal-integrità ambjentali ġenerali involuta fl-applikazzjoni tal-EU ETS f'konformità mar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva.

Ir-rapport għandu jqis il-livell ta' parteċipazzjoni f'dawk il-miżuri globali, l-infurzabbiltà tagħhom, it-trasparenza tagħhom, il-penali għan-nuqqas ta' konformità, il-proċessi għall-input pubbliku, il-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet, ir-reġistri u r-responsabbiltà.

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja wkoll l-impatti negattivi fir-rigward, inter alia, ta' żidiet possibbli fl-ispejjeż tat-trasport, distorsjonijiet tas-suq u bidliet fit-traffiku tal-portijiet, bħall-evazzjoni tal-portijiet u ċ-ċaqliq taċ-ċentri tat-trażbord, il-kompetittività ġenerali tas-settur marittimu fl-Istati Membri, u b'mod partikolari l-impatti negattivi fuq dawk is-servizzi tat-tbajr li jipprovdu servizzi essenzjali ta' "kontinwità territorjali".

Fil-każ tal-adozzjoni ta' tali miżura globali bbażata fuq is-suq biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u għal mill-inqas livell komparabbli ma' dak li jirriżulta mill-miżuri tal-Unjoni meħuda skont din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista', fejn xieraq, takkumpanja r-rapport bi proposta legġislattiva biex temenda din id-Direttiva u tallinjaha mal-miżuri meħuda fil-livell globali filwaqt li tirrikonoxxi s-sovranità tal-Unjoni li tirregola s-sehem tagħha ta' emissjonijiet minn vjaġġi marittimi internazzjonali f'konformità mal-obbligi tal-Ftehim ta' Pariġi.



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 504

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3ge – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u x-xejriet possibbli fir-rigward tal-kumpaniji li jfittxu li jevitaw li jkunu marbuta bir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippromponi miżuri biex tipprevjeni **tali evitar**.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja, **u tirrapporta kull sentejn minn ... [is-sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja],** dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu u x-xejriet possibbli fir-rigward tal-kumpaniji li jfittxu li jevitaw li jkunu marbuta bir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. **Il-Kummissjoni għandha timmonitorja wkoll l-impatti negattivi fir-rigward, inter alia, ta' żidiet possibbli fil-kostijiet tat-trasport, distorsjonijiet tas-suq u bidliet fit-traffiku tal-portijiet, bħall-evazzjoni tal-portijiet u ċ-ċaqliq taċ-ċentri tat-trażbord, il-kompetittività ġenerali tas-settur marittimu fl-Istati Membri, u b'mod partikolari l-impatti negattivi fuq dawk is-servizzi tat-tbakhir li jipprovdu servizzi essenzjali ta' kontinwità territorjali.** Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tippromponi miżuri biex tipprevjeni **l-impatti negattivi possibbli jew iċ-ċirkomvenzjoni tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.**

## Emenda 505

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3gea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

## Artikolu 3gea

**B'deroga mill-Artikolu 3g(1), fejn id-distanza bejn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru tkun inqas minn 300 mil nawtiku, l-allokazzjoni tal-kwoti u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' ċediment fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu għandhom japplikaw fir-rigward ta' mija fil-mija (100%) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jtilqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u jaslu f'port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, inklużi portijiet tat-trażbord, u mija fil-mija (100%) tal-emissjonijiet minn bastimenti li jwettqu vjaġġi li jtilqu minn port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, inklużi portijiet tat-trażbord, u jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 506/rev

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 3h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3h

Artikolu 3h

Kamp ta' applikazzjoni

Kamp ta' applikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward tal-attivitajiet elenkati fl-Anness I għajr l-attivitajiet tal-avjazzjoni u tat-trasport marittimu.

**1.** Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-permessi għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward tal-attivitajiet elenkati fl-Anness I għajr l-attivitajiet tal-avjazzjoni u tat-trasport marittimu.

**1a.** Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE, mill-1 ta' Jannar 2026, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-permessi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti fir-rigward ta' installazzjonijiet tal-inkinerazzjoni tal-iskart muniċipali.

**1b.** Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina l-impatti li possibbilment ikollha l-inklużjoni tal-installazzjonijiet tal-inkinerazzjoni tal-iskart muniċipali fl-EU ETS, fuq ir-rimi tal-iskart permezz tar-rimi fil-landfills fl-Unjoni, u fuq l-esportazzjonijiet tal-iskart lejn pajjiżi terzi.

F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll il-possibbiltà li tinkludi proċessi oħra ta' mmaniġġjar tal-iskart fl-EU ETS, b'mod partikolari landfills li joħlqu emissjonijiet tal-metan u tal-ossidu nitruż fl-Unjoni.

Il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, għandha takkumpanja dak ir-rapport bi proposta leġiżlattiva, b'mod partikolari meta jkun hemm sottokapaċità, biex jiġu evitati l-impatti msemmija fl-ewwel subparagrafu u biex il-proċessi msemmija fit-tieni subparagrafu jiġu inklużi fl-EU ETS.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 677

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Fi [is-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda], il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha titnaqqas **bi** [– miljun kwota (**li għandhom jiġu ddeterminati skont is-sena tad-dħul fis-seħħ**)]. **Fl-istess sena**, il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha **tiżdied b'79** miljun kwota **għat-trasport marittimu**. **Minn** [is-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda], il-fattur lineari għandu jkun ta' **4,2** %. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha fi żmien 3 xhur minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda li għandha tiddaħħal].;

Emenda

Fi [is-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda], il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha titnaqqas **b'70** miljun kwota. **Fl-2026**, il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha **tonqos b'50** miljun kwota. **Fi** [is-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' din l-emenda], **il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha tiżdied b'**[numru li jikkorrispondi għall-kamp ta' applikazzjoni għall-attivitajiet tat-trasport marittimu tal-EU ETS kif stabbilit fl-Artikolu 3g] **miljun kwoti għat-trasport marittimu**. **Mill-2024 'il quddiem**, il-fattur lineari għandu jkun ta' **4,4** % **sa tmiem l-2025**. **Mill-2026 'il quddiem**, **il-fattur lineari għandu jkun ta' 4,5** %. **Mill-2029 'il quddiem**, **il-fattur lineari għandu jkun ta' 4,6** %. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha fi żmien 3 xhur minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tal-emenda li għandha tiddaħħal].;

## Emenda 508

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Mill-1 ta' Jannar 2026**, il-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għandha tiżdied **biex tqis l-inklużjoni ta' installazzjonijiet ta' inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali fl-EU ETS**. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-ammont taż-żieda fil-kwantità ta' kwoti fl-Unjoni kollha **biex tqis l-inklużjoni ta' installazzjonijiet ta' inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali fl-EU ETS**. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 509

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt a

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a

Test propost mill-Kummissjoni

Barra minn hekk, 2,5 % tal-kwantità totali ta' kwoti bejn **[is-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]** u l-2030 għandhom jiġu rkantati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-Istati Membri benefiċjarji għal dan l-ammont ta' kwoti għandhom ikunu l-Istati Membri b'PDG *per capita* bi prezzijiet tas-suq taħt il-65 % tal-medja tal-Unjoni matul il-perjodu mill-2016 sal-2018. Il-fondi li jikkorrispondu għal din il-kwantità ta' kwoti għandhom jitqassmu f'konformità mal-Parti B tal-Anness IIb.

Emenda

Barra minn hekk, 2,5 % tal-kwantità totali ta' kwoti bejn **l-2024** u l-2030 għandhom jiġu rkantati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-Istati Membri benefiċjarji għal dan l-ammont ta' kwoti għandhom ikunu l-Istati Membri b'PDG *per capita* bi prezzijiet tas-suq taħt il-65 % tal-medja tal-Unjoni matul il-perjodu mill-2016 sal-2018. Il-fondi li jikkorrispondu għal din il-kwantità ta' kwoti għandhom jitqassmu f'konformità mal-Parti B tal-Anness IIb. **Il-kwantità addizzjonali ta' kwoti msemija f'dan is-subparagrafu għandha, meta jkun xieraq, tintuża wkoll biex jiġu ffinanzjati proġetti transfruntiera bejn l-Istati Membri benefiċjarji u r-reġjuni tal-fruntiera bi tkabbir baxx.**

**Barra minn hekk, 0,5 % tal-kwantità totali tal-kwoti bejn ... [is-sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] u l-2030 għandhom ikunu disponibbli għall-Fond ta' Investiment għall-Klima stabbilit skont l-Artikolu 10a(8).**

## Emenda 510

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat **mill-irkant** tal-kwoti **msemmija fil-paragrafu 4**, ħlief għad-dħul stabbilit bħala riżorsi proprji **f'konformità mal-Artikolu 311(3)** tat-TFUE u mdaħħal fil-baġit tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul tagħhom iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, **bl-eċċezzjoni** tad-dħul użat għall-kumpens tal-kostijiet indiretti tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 10a(6), għal wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

Emenda

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat **mill-irkantar** tal-kwoti, ħlief għad-dħul stabbilit bħala riżorsi proprji **skont l-Artikolu 311(3)** tat-TFUE u mdaħħal fil-baġit tal-Unjoni **bħala introjtu ġenerali. Id-dħul li jakkumula għall-baġit tal-Unjoni għandu jirrispetta l-prinċipju tal-universalità f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 (\*)**. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul tagħhom iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, **[bl-eċċezzjoni]** tad-dħul użat għall-kumpens tal-kostijiet indiretti tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 10a(6)], għal wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(\*) **Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2014/335/UE, Euratom (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1).**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 511

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt ba (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punti b sa f

Test fis-seħħ

Emenda

(b) għall-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli biex **jitwettaq** l-impenn tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli, kif ukoll biex jiġu żviluppati teknoloġiji oħra li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni għal ekonomija sikura u sostenibbli b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u bħala għajnuna fit-tweqqiq tal-impenn tal-Unjoni li tiżdied l-effiċjenza enerġetika għal-livelli maqbula fatti leġiżlattivi rilevanti;

(c) għal miżuri mmirati biex jevitaw id-deforestazzjoni u jiżdiedu l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li rratifikaw il-ftehim internazzjonali dwar il-bidla fil-klima biex jiġu trasferiti t-teknoloġiji u jiġi ffaċilitat l-adattament għall-effetti negattivi tal-bidla fil-klima f'dawn il-pajjiżi;

(d) **is-sekwestru tal-karbonju bil-forestrija** fl-Unjoni;

(e) għall-ġabra u l-ħażna ġeoloġika tas-CO<sub>2</sub> b'mod ambjentalment sikur, b'mod partikolari minn impjanti tal-enerġija tal-karburanti mill-fossili solidi u numru ta' setturi u subseturi industrijali, anke f'pajjiżi terzi;

(ba) **fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punti (b) sa (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:**

“(b) għall-iżvilupp ta' enerġiji rinnovabbli **u grilji għat-trażmissjoni tal-elettriku** biex **jitwettqu** l-impenn tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli **u l-ġhanijiet tal-Unjoni dwar l-interkonnnettività**, kif ukoll biex jiġu żviluppati teknoloġiji oħra li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni għal ekonomija sikura u sostenibbli b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju, u bħala għajnuna fit-tweqqiq tal-impenn tal-Unjoni li tiżdied l-effiċjenza enerġetika għal-livelli maqbula fatti leġiżlattivi rilevanti, **inkluż il-produzzjoni tal-elettriku minn awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;**

(ba) **għall-appoġġ għar-rinnovazzjoni profonda u estensiva fi stadji tal-bini f'konformità mal-Artikolu 2, il-punti (19) u (20) tad-Direttiva (UE) .../... [Riformulazzjoni tal-EPBD], li tibda mir-rinnovazzjoni tal-bini bl-aġar rendiment;**

(c) għal miżuri mmirati biex jevitaw id-deforestazzjoni, **jipproteġu u jirrestawraw l-ekosistemi tat-torbiera, tal-foresti u ekosistemi oħra tal-art jew tal-baħar**, u jiżdiedu l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni **favur il-bijodiversità** f'pajjiżi li qed jiżviluppaw li rratifikaw il-ftehim internazzjonali dwar il-bidla fil-klima biex jiġu trasferiti t-teknoloġiji u jiġi ffaċilitat l-adattament għall-effetti negattivi tal-bidla fil-klima f'dawn il-pajjiżi;

(d) **għas-sekwestrazzjoni tal-forestrija u tal-ħamrija** fl-Unjoni;

(da) **għall-adattament għat-tibdil fil-klima fl-Unjoni;**

(e) għall-ġabra u l-ħażna ġeoloġika tas-CO<sub>2</sub> b'mod ambjentalment sikur, b'mod partikolari minn impjanti tal-enerġija tal-karburanti mill-fossili solidi u numru ta' setturi u subseturi industrijali, anke f'pajjiżi terzi, **u metodi innovattivi u teknoloġiċi tal-assorbiment tal-karbonju, bħal Qbid mill-Arja ('DAC') u l-ħżin tiegħu;**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test fis-seħħ

Emenda

(f) biex **titħeġġeġ mixja** favur **l-emissjonijiet baxxi** u **l-forom pubbliċi tat-trasport**;

(f) biex **ikun hemm investiment u aċċelerazzjoni fil-mixja** favur **il-forom ta' trasport** li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, inkluż l-iżvilupp ta' servizzi u teknoloġiji tat-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u tal-merkanzija li ma jagħmlux ħsara lill-klima, u biex ikun hemm finanzjament għal miżuri li jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tal-ajruporti f'konformità mar-Regolament (UE) .../... [l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi], u r-Regolament (UE) .../... [l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għal trasport bl-ajru sostenibbli];”

## Emenda 512

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt c

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) miżuri maħsuba biex itejbu l-effiċjenza enerġetika, is-sistemi tat-tisħin distrettwali u **l-insulazzjoni**, jew biex jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi **bi dħul** baxx u medju, inkluż billi jitnaqqsu t-taxxi **distortivi**;

(h) miżuri maħsuba biex itejbu l-effiċjenza enerġetika, is-sistemi tat-tisħin distrettwali u **l-iżolazzjoni, is-sistemi tat-tisħin u t-tkessiġ effiċjenti u rinnovabbli**, jew biex jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali f'unitajiet domestiċi **b'introjt** baxx u medju, inkluż billi jitnaqqsu **b'mod partikolari** t-taxxi, **id-dazju t-tariffi għall-elettriku rinnovabbli**;

## Emenda 513

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt ca (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) **fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, jiddaħħal il-punt li ġej:**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

“(ħa) għall-finanzjament ta' skemi ta' dividendi klimatiċi nazzjonali b'impatti pożittivi pprovati fuq l-ambjent kif iddokumentat fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*);

(\*) Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).”

## Emenda 514

## Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt cb (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt k

Test fis-seħħ

Emenda

(k) **għall-promozzjoni** tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-rilokazzjoni tal-ħaddiema sabiex isir kontribut għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija **b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju**, b'mod partikolari fir-reġjuni milquta l-aħgar mit-tranżizzjoni tal-impjiegi, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali.

(cb) **fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu, il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“(k) **għall-promozzjoni** tal-formazzjoni tal-ħiliet u r-rilokazzjoni tal-ħaddiema sabiex isir kontribut għal tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija **newtrali għall-klima**, b'mod partikolari fir-reġjuni milquta l-aħgar mit-tranżizzjoni tal-impjiegi, f'koordinazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali **u sabiex isir investiment fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li potenzjalment huma affettwati mit-tranżizzjoni.**”

## Emenda 515

## Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt cc (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafi 1a (ġdid) u 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) **fil-paragrafu 3, jiddaħħlu s-subparagrafi li ġejjin wara l-ewwel subparagrafu:**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**“B’deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jużaw mill-inqas 10 % tad-dħul iġġenerat mill-irkant ta’ kwoti għall-iżvilupp tat-trasport pubbliku, b’mod partikolari t-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri u tal-merkanzija u s-servizzi u t-teknoloġiji tal-karozzi tal-linja li ma jagħmlux ħsara lill-klima, kif imsemmi fil-punt (f) ta’ dak is-subparagrafu.**

**B’deroga mill-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jużaw mill-inqas 10 % tad-dħul iġġenerat mill-irkant ta’ kwoti għall-finanzjament ta’ azzjonijiet klimatiki addizzjonali f’pajjiżi terzi vulnerabbli, kif imsemmi fil-punt (j) ta’ dak is-subparagrafu.”**

**Emenda 516****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt cd (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

L-Istati Membri ikunu kunsidrati bħala li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu jekk jistabilixxu u jimplementaw politika ta’ appoġġ fiskali jew finanzjarju, inkluż b’mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew linji politiċi regolatorji domestiċi li jaffettwaw l-appoġġ finanzjarju, stabbilti għar-raġunijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu u li jkollhom valur ekwivalenti għal mill-inqas **50 %** tad-dħul ġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-użu tad-dħul u tal-azzjonijiet meħuda konformement ma’ dan il-paragrafu fir-rapporti tagħhom ippreżentati konformement mad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE.

**(cd) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:**

“L-Istati Membri ikunu kunsidrati bħala li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu jekk jistabilixxu u jimplementaw politika ta’ appoġġ fiskali jew finanzjarju, inkluż b’mod partikolari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew linji politiċi regolatorji domestiċi li jaffettwaw l-appoġġ finanzjarju, stabbilti għar-raġunijiet stipulati fl-ewwel subparagrafu u li jkollhom valur ekwivalenti għal mill-inqas **100 %** tad-dħul ġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2, inkluż id-dħul kollu mill-irkant imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-użu tad-dħul u tal-azzjonijiet meħuda konformement ma’ dan il-paragrafu fir-rapporti tagħhom ippreżentati konformement mad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE.”

**Emenda 517****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt ce (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafi 3a (ġdid) u 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ce) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

“3a. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan dwar l-użu tad-dħul flimkien ma' kull aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 14(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2018/1999. F'konformità mal-Artikolu 19(2) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw ukoll lill-Kummissjoni kull sena dwar l-użu tad-dħul u l-azzjonijiet meħuda skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw informazzjoni sħiħa, konsistenti u ta' kwalità. B'mod partikolari, fir-rapporti tagħhom għandhom jiddefinixxu t-tifsira ta' ammonti 'impenjati' u 'żborżati', u jippreżentaw informazzjoni finanzjarja rigoruża. Jekk meħtieġ biex jiżguraw konformità ma' dawk l-obbligi ta' rapportar, l-Istati Membri għandhom jallokaw id-dħul fil-baġits nazzjonali tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dħul tal-EU ETS jintefaq b'mod konsistenti mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 3, iżommu t-traċċabbiltà tagħhom, u jiżguraw li jkun addizzjonali għall-infiq nazzjonali fuq il-klima. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa kollha biex tiżgura li l-Istati Membri jirrispettaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan il-paragrafu.

3b. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul ġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija, u mhux użat bħala riżorsi proprji, imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, f'konformità:

- (a) mal-prinċipju 'la tagħmilx ħsara sinifikanti' kif stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852;
- (b) ma' salvagwardji minimi kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2020/852; and
- (c) mal-pjan nazzjonali integrat għall-enerġija u għall-klima tal-Istat Membru sottomess f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999, u, jekk rilevanti, mal-pjan territorjali għal tranżizzjoni ġusta mħejji f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).

(\*) Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 1).”

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 518

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt da (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

5. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-funzjonament tas-suq tal-karbonju Ewropew. Kull sena, hija għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju u dwar politiki rilevanti oħra dwar il-klima u l-enerġija, inklużi ***l-operar*** tal-irkanti, il-likwidità u l-volumi nnegozjati, u li jiġbor fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar il-miżuri finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10a(6). Jekk ***huwa*** meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni rilevanti ***hija mressqa*** quddiem il-Kummissjoni mill-inqas xahrejn qabel l-adozzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni.

Emenda

(da) ***il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:***

“5. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-funzjonament tas-suq tal-karbonju Ewropew. Kull sena, hija għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju u dwar politiki rilevanti oħra dwar il-klima u l-enerġija, inklużi ***l-operat*** tal-irkanti, ***ir-rwol u l-impatt ta' operaturi mhux konformi bħal investituri finanzjarji fis-suq***, il-likwidità u l-volumi nnegozjati, u li jiġbor fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar il-miżuri finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10a(6). Jekk ***ikun*** meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni rilevanti ***titressaq*** quddiem il-Kummissjoni mill-inqas xahrejn qabel l-adozzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni.”

## Emenda 519

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt db (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-funzjonament tas-suq tal-karbonju Ewropew. Kull sena, hija għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju u dwar politiki rilevanti oħra dwar il-klima u l-enerġija, inklużi ***l-operar*** tal-irkanti, il-likwidità u l-volumi nnegozjati, u li jiġbor fil-qosor l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri dwar il-miżuri finanzjarji msemmija fl-Artikolu 10a(6). Jekk ***huwa*** meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni rilevanti ***hija mressqa*** quddiem il-Kummissjoni mill-inqas xahrejn qabel l-adozzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni.

Emenda

(db) ***jiżdied il-paragrafu li ġej:***

“5a. Wara r-rapport finali tat-28 ta' Marzu 2022 tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) dwar il-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivattivi assoċjati, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva sa... [sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet f'dak ir-rapport, sabiex ittejjeb il-livell ta' trasparenza, monitoraġġ u rapportar dwar is-swieq Ewropej tal-kwoti tal-emissjonijiet kif ukoll is-swieq tad-derivati relatati, filwaqt li titqies in-natura fl-Unjoni kollha ta' dawk is-swieq.”

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 520

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt dc (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(dc) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5b. L-ESMA għandha timmonitorja b'mod regolari l-integrità u t-trasparenza tas-swieq Ewropej tal-kwoti tal-emissjonijiet kif ukoll tas-swieq tad-derivati relatati. Hija għandha tippubblika fuq bażi regolari rapport dwar l-integrità u t-trasparenza ta' dawk is-swieq, billi tibbaża, kif meħtieġ, fuq id-data tar-reġistru tal-Unjoni u d-data rrapportata jew magħmula disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. F'dak ir-rapport, l-ESMA għandha b'mod partikolari teżamina l-funzjonament tas-swieq fid-dawl ta' kwalunkwe volatilità tas-suq u l-evoluzzjoni tal-prezz, l-operat tal-irkantijiet u l-operazzjonijiet tan-negozjar fis-swieq, il-likwidità u l-volumi nnegozjati, u l-kategoriji u l-imġiba kummerċjali tal-parteċipanti fis-suq. Dak ir-rapport għandu, fejn rilevanti, jinkludi rakkomandazzjonijiet biex tissaħħaħ l-integrità tas-suq u tittejjeb it-trasparenza tas-suq. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jikkunsidraw miżuri li jtejbu l-informazzjoni disponibbli għall-parteċipanti fis-suq u għall-pubbliku ġenerali dwar il-funzjonament tas-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet u s-swieq tad-derivati relatati, itejbu r-rapportar regolatorju u l-monitoraġġ tas-suq fis-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet u s-swieq tad-derivati relatati, jippromwovu l-prevenzjoni u l-kxif tal-abbuż tas-suq u jgħinu fiż-żamma ta' swieq ordnati għall-kwoti tal-emissjonijiet u d-derivati relatati.

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fir-rapport li jmiss ippreżentat skont il-paragrafu 5 wara l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-ESMA. Il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, takkumpanja dak ir-rapport bi proposta leġiżlattiva sabiex ittejjeb it-trasparenza u l-integrità tas-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet u tas-swieq tad-derivattivi relatati, filwaqt li titqies in-natura fl-Unjoni kollha ta' dawk is-swieq.”

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 521

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt a – punt -i (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

**Il-miżuri** msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw punti **ta' riferiment** ex ante Komunitarji sabiex jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis **fl-emissjonijiet** ta' **gass** serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet tal-iskart, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tas-CO<sub>2</sub>, fejn dawn il-faċilitajiet ikunu disponibbli, u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdedu l-emissjonijiet. M'għandha ssir **ebda allokazzjoni gratis** fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku, **ħlief għall-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 10c u l-elettriku prodott mill-gassijiet tal-iskart.**

(-i) **it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:**

**“Il-miżuri** msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom, safejn ikun fattibbli, jiddeterminaw punti **referenzjarji** ex ante Komunitarji sabiex jiżguraw li l-allokazzjoni sseħħ b'mod li tagħti inċentivi għal tnaqqis **tal-emissjonijiet** ta' **gassijiet** serra u għal teknika ta' effiċjenza fl-enerġija, billi tqis it-teknika l-aktar effiċjenti, is-sostituti, il-proċessi alternattivi ta' produzzjoni, il-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-irkupru effiċjenti tal-enerġija mill-gassijiet tal-iskart, l-użu tal-bijomassa u tal-ġabra u l-ħażna tas-CO<sub>2</sub>, fejn dawn il-faċilitajiet ikunu disponibbli, u ma għandhiex tipprovdi inċentivi biex jiżdedu l-emissjonijiet. **L-ebda allokazzjoni gratis** m'għandha ssir **disponibbli** fir-rigward ta' kwalunkwe produzzjoni tal-elettriku.”

## Emenda 522

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt a – punt i

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 2a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-każ ta' installazzjonijiet koperti mill-obbligu li jwettqu awditjar tal-enerġija skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*) [referenza tal-Artikolu li għandha tiġi aġġornata bid-Direttiva riveduta], l-allokazzjoni bla ħlas għandha tingħata kompletament biss jekk jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar, sal-punt li ż-żmien tal-ħlas lura għall-investimenti rilevanti ma jaqbiż il-ħames snin u li l-kostijiet ta' dawk l-investimenti jkunu proporzjonati. Inkella, l-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas għandu jitnaqqas b'25 %. L-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas ma għandux jitnaqqas jekk operatur juri li jkun implimenta miżuri oħrajn li jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra ekwivalenti għal dawk irrakkomandati mir-rapport tal-awditjar. Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu aġġustati kif xieraq.

Fil-każ ta' installazzjonijiet koperti mill-obbligu li jwettqu awditjar tal-enerġija jew li tiġi implimentata sistema ċertifikata tal-ġestjoni tal-enerġija skont l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*) [referenza tal-Artikolu li għandha tiġi aġġornata bid-Direttiva riveduta], l-allokazzjoni bla ħlas għandha tingħata kompletament biss jekk jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-awditjar jew tas-sistema ċertifikata tal-ġestjoni tal-enerġija, sal-punt li ż-żmien tal-ħlas lura għall-investimenti rilevanti ma jaqbiż it-tmien snin u li l-kostijiet ta' dawk l-investimenti jkunu proporzjonati. Inkella, l-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas għandu jitnaqqas skont id-disa' u l-għaxar subparagrafi ta' dan il-paragrafu. L-ammont ta' allokazzjoni bla ħlas ma għandux jitnaqqas jekk operatur juri li jkun implimenta miżuri oħrajn li jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra ekwivalenti għal dawk irrakkomandati mir-rapport tal-awditjar għall-installazzjoni kkonċernata. Il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu aġġustati kif xieraq.

## L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, sal-1 ta' Lulju 2025, l-operaturi fis-setturi jew fis-subsetturi eliġibbli għall-allokazzjoni bla hłas tal-kwoti skont l-Artikoli 10a u 10b għandhom jistabbilixxu pjan ta' dekarbonizzazzjoni għal kull waħda mill-installazzjonijiet tagħhom għall-attivitajiet tagħhom koperti minn din id-Direttiva. Dak il-pjan għandu jkun konsistenti mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 u kwalunkwe pjan direzzjonali settorjali rilevanti mħejji f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament u għandu jistabbilixxi:

- (a) miżuri u pjanijiet finanzjarji u ta' investiment relatati għal kull installazzjoni biex jintlaħaq it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet konsistenti mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119 u kwalunkwe pjan direzzjonali settorjali rilevanti mħejji f'konformità mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament fil-livell tal-installazzjoni, minbarra l-użu ta' krediti ta' kumpens għal emissjonijiet ta' karbonju;
- (b) miri u stadji ewlenin intermedji biex jitkejjel, sal-31 ta' Diċembru 2025 u sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena sussegwenti sal-2050, il-progress li sar lejn il-ksib tan-newtralità klimatika kif stabbilit fil-punt (a);
- (c) stima tal-impatt ta' kull waħda mill-miżuri u pjanijiet finanzjarji u ta' investiment relatati msemmija fil-punt (a) fir-rigward tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-miri u l-istadji ewlenin imsemmija fil-punt (b);
- (d) miżuri li jindirizzaw l-implikazzjonijiet għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, inkluż permezz tad-djalogu soċjali, f'konformità mad-dritt u mal-prassi nazzjonali, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta.

L-Istati Membri jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-operaturi għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom imsemmija fir-raba' subparagrafu. Dan l-appoġġ ma għandux jitqies bħala għajnuna illegali mill-Istat.

Il-ksib tal-miri u l-istadji ewlenin imsemmija fil-punt (b) tar-raba' subparagrafu, għandu jiġi vverifikat sal-31 ta' Diċembru 2025 u sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena sussegwenti sal-2050, f'konformità mal-proċeduri ta' verifika u akkreditament previsti fl-Artikolu 15.

Jekk ma jkun ġie stabbilit l-ebda pjan ta' dekarbonizzazzjoni skont ir-raba' subparagrafu jew jekk l-istadji ewlenin u l-miri f'dak il-pjan ma jkunux intlaħqu, l-ammont ta' allokazzjoni bla hłas għandu jitnaqqas skont id-disa' u l-għaxar subparagrafi.



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni, appoġġata mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimentata din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-kontenut u l-format minimi tal-pjanijiet ta' dekarbonizzazzjoni msemmija fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu, b'mod partikolari fir-rigward tal-parametri referenzjarji għall-miri u l-istadji ewlenin imsemmija fil-punt (b) ta' dak is-subparagrafu. L-istabbiliment u l-adozzjoni tal-atti delegati għandhom jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

Meta r-rekwiżiti fit-tielet subparagrafu jew fir-raba' subparagrafu ma jkunux ġew issodisfati, l-allokazzjoni bla ħlas għandha titnaqqas bi:

- (a) 50 % tal-installazzjonijiet li l-livelli ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom huma ogħla mill-medja tal-10 % tal-installazzjonijiet l-inqas effiċjenti f'settur jew subsettur fl-Unjoni għall-parametri referenzjarji tal-prodotti rilevanti;
- (b) 30 % tal-installazzjonijiet li l-livelli ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom huma taħt il-medja tal-10 % tal-installazzjonijiet l-inqas effiċjenti f'settur jew subsettur fl-Unjoni għall-parametri referenzjarji tal-prodotti rilevanti u ogħla mill-medja tal-50 % tal-installazzjonijiet l-aktar effiċjenti f'dak is-settur jew is-subsettur;
- (c) 25 % tal-installazzjonijiet li l-livelli ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom huma ogħla mill-medja tal-10 % tal-installazzjonijiet l-aktar effiċjenti f'settur jew subsettur fl-Unjoni għall-parametri referenzjarji tal-prodotti rilevanti u taħt il-medja tal-50 % tal-installazzjonijiet l-aktar effiċjenti f'dak is-settur jew is-subsettur.

Meta r-rekwiżiti la fit-tielet subparagrafu u lanqas fir-raba' subparagrafu ma jkunu ġew issodisfati, il-perċentwali stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tad-disa' subparagrafu għandhom jiġu rduppjati.

Għandha tingħata allokazzjoni addizzjonali bla ħlas ta' 10 % tal-valur tal-parametru referenzjarju applikabbli lill-installazzjonijiet li l-livelli ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom huma taħt il-medja tal-10 % tal-aktar installazzjonijiet effiċjenti f'settur jew subsettur fl-Unjoni għall-parametri referenzjarji tal-prodotti rilevanti, sakemm il-kwoti jkunu disponibbli skont it-tnax-il subparagrafu.

Għall-fini tal-allokazzjoni addizzjonali bla ħlas imsemmija fil-ħdax-il subparagrafu, għandha tintuża kwalunkwe kwota li mhijiex allokata minħabba tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas skont id-disa' u l-għaxar subparagrafi.



## L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Test propost mill-Kummissjoni

## Emenda

(\*) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

(\*) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

## Emenda 523

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt a – punt ii

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1 – subparagrafu 3

## Test propost mill-Kummissjoni

## Emenda

Sabiex jiġu pprovduti aktar inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, il-parametri referenzjarji ex ante ddeterminati għall-Unjoni kollha għandhom jiġu rieżaminati **qabel il-perjodu mill-2026 sal-2030** bil-ħsieb li potenzjalment jiġu mmodifikati d-definizzjonijiet u l-konfini tas-sistema tal-parametri referenzjarji tal-prodotti eżistenti.

Sabiex jiġu pprovduti aktar inċentivi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, il-parametri referenzjarji ex ante ddeterminati għall-Unjoni kollha għandhom jiġu rieżaminati **kemm jista' jkun malajr u mhux aktar minn ... [sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja]** bil-ħsieb li potenzjalment jiġu mmodifikati d-definizzjonijiet, **il-kamp ta' applikazzjoni** u l-konfini tas-sistema tal-parametri referenzjarji tal-prodotti eżistenti **u l-inklużjoni potenzjali ta' parametri referenzjarji ġodda bl-għan li jiġi żgurat li allokkazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni ta' prodott hija indipendenti mill-materja prima jew it-tip ta' proċess ta' produzzjoni, li fil-proċessi ta' produzzjoni għandhom l-istess skop, tammonta għall-użu ċirkolari potenzjali ta' materjali, jew tevita li installazzjonijiet bi proċessi parzjalment jew kompletament dekarbonizzati li jipproduċu prodotti b'karatteristiċi simili jew ugwali għal installazzjonijiet konvenzjonali fil-parametru referenzjarju li jkunu esklużi milli jipparteċipaw fis-sistema tal-parametri referenzjarji jew ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fihom. Il-valuri referenzjarji li jirriżultaw minn dak ir-rieżami għandhom jiġu ppubblikati hekk kif l-informazzjoni meħtieġa ssir disponibbli, sabiex daww il-valuri referenzjarji japplikaw mill-2026.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 678

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1a – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

B'deroga **mis-subparagrafu preċedenti**, għall-ewwel snin tat-t-haddim tar-Regolament [CBAM], il-produzzjoni ta' **dawn il-prodotti** għandha tibbenefika minn allokkazzjoni bla ħlas f'ammonti mnaqqsa. Għandu jiġi applikat fattur li jnaqqas l-allokkazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni ta' **dawn il-prodotti** (il-fattur CBAM). Il-fattur CBAM għandu jkun ugwali għal 100 % għall-perjodu **matul id-dħul** fis-seħħ tar-[Regolament CBAM] u l-aħħar **tal-2025, 90 % fl-2026 u għandu jitnaqqas b'10 punti perċentwali kull sena** biex jilħaq 0 % **sal-għaxar sena**.

Emenda

B'deroga **mill-ewwel subparagrafu**, għall-ewwel snin tat-t-haddim tar-Regolament [CBAM], il-produzzjoni **tal-prodotti elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament** għandha tibbenefika minn allokkazzjoni bla ħlas f'ammonti mnaqqsa. Għandu jiġi applikat fattur li jnaqqas l-allokkazzjoni bla ħlas għall-produzzjoni ta' **tali prodotti** (il-fattur CBAM). Il-fattur CBAM għandu jkun ugwali għal 100 % għall-perjodu **bejn... [id-data tad-dħul** fis-seħħ tar-[Regolament CBAM]] u l-aħħar **tal-2026, u, ikun kontinġenti fuq l-applikazzjoni tal-Artikolu 36(3), il-punt (d), tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament CBAM], 93 % fl-2027, 84 % fl-2028, 69 % fl-2029, 50 % fl-2030, u 25 % fl-2031, biex jilħaq 0 % fl-2032.**

## Emenda 679

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1a – subparagrafi 2 a (ġdid) u 2 b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, b'deroga mill-ewwel u t-tieni subparagrafu, il-produzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament [CBAM] għandha tkompli tirċievi allokkazzjoni bla ħlas, diment li tali prodotti jkunu prodotti għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi mingħajr mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju simili għall-EU ETS.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sa ... [sena qabel tmieġ il-perjodu tranżitorju kif stabbilit fir-Regolament [CBAM]], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha ttiprovdi valutazzjoni dettaljata tal-effetti tal-EU ETS u tas-CBAM fuq il-produzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament [CBAM] li huma prodotti għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u fuq l-iżvilupp tal-emissjonijiet globali, kif ukoll valutazzjoni tal-kompatibbiltà mad-WTO tad-deroga stabbilita fis-subparagrafu preċedenti, li tivvaluta b'mod partikolari l-mekkaniżmi potenzjali ta' aġġustament għall-esportazzjoni għall-installazzjonijiet li jappartjenu għall-10 % tal-aktar installazzjonijiet effiċjenti kif stabbilit f'dan l-Artikolu, fid-dawl tal-kompatibbiltà mad-WTO jew kwalunkwe proposta oħra li l-Kummissjoni tqies xierqa. Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, takkumpanja dak ir-rapport bi proposta leġiżlattiva li tipprevedi l-protezzjoni għar-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju li ddaqqas l-ipprezzar tal-karbonju għall-produzzjoni fl-Unjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I għar-Regolament [CBAM] li huma prodotti għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi mingħajr mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju simili għall-EU ETS, b'mod li jkun kompatibbli mad-WTO sa ... [tmieġ il-perjodu tranżitorju kif stabbilit fir-Regolament [CBAM]].

## Emenda 529

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1a – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-kwoti li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas għandhom ikunu disponibbli **biex jappoġġaw l-innovazzjoni** f'konformità mal-Artikolu 10a(8).

Il-kwoti li jirriżultaw mit-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas għandhom ikunu disponibbli **għall-Fond ta' Investment għall-Klima** f'konformità mal-Artikolu 10a(8).

## Emenda 530

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt ba (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 1aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*“1aa Kull sena mill-2025, bħala parti mir-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 10(5), il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effettività tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri ('CBAM') fl-indirizzar tar-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għal merkanzija prodotta fl-Unjoni għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi li ma japplikawx L-EU ETS jew mekkaniżmu simili tal-ipprezzar tal-karbonju. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jivvaluta l-iżvilupp tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni fis-setturi tas-CBAM u l-iżviluppi fir-rigward tal-flussi kummerċjali u l-emissjonijiet integrati ta' dik il-merkanzija fis-suq globali. Meta r-rapport jikkonkludi li hemm riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għal merkanzija prodotta fl-Unjoni għall-esportazzjoni lejn tali pajjiżi terzi li ma japplikawx L-EU ETS jew mekkaniżmu simili tal-ipprezzar tal-karbonju, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tindirizza dak ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod li jkun konformi mar-regoli tad-WTO u li jqis id-dekarbonizzazzjoni tal-installazzjonijiet fl-Unjoni.”*

## Emenda 531

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt c – punt i

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) Għall-perjodu mill-2026 sal-2030, il-valuri ta' referenza għandhom jiġu ddeterminati bl-istess mod kif stabbilit fil-punti (a) u (d) abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 għas-snin 2021 u 2022 u abbażi tal-applikazzjoni tar-rata ta' tnaqqis annwali fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2028.;

(c) Għall-perjodu mill-2026 sal-2030, il-valuri ta' referenza għandhom jiġu ddeterminati bl-istess mod kif stabbilit fil-punti (a) u (d) abbażi tal-informazzjoni ppreżentata skont l-Artikolu 11 għas-snin 2021 u 2022, **u jiġu esklużi mid-determinazzjoni tal-valuri ta' referenza d-data tat-tliet installazzjonijiet l-inqas intensità ta' emissjonijiet li jew bdew joperaw wara l-2017 jew irċievew allokkazzjoni bla ħlas ibbażata fuq referenza oħra**, u abbażi tal-applikazzjoni tar-rata ta' tnaqqis annwali fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2028.;

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 532****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt c – punt ii**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 2 – subparagrafu 3 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) Fejn ir-rata ta' tnaqqis annwali taqbeż it-2,5 % jew tkun inqas minn **0,2** %, il-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-2026 sal-2030 għandhom ikunu l-valuri ta' referenza applikabbli fil-perjodu mill-2013 sal-2020 imnaqqsa bi kwalunkwe waħda minn dawk iż-żewġ rati perċentwali li tkun rilevanti, fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2028.

*Emenda*

(d) Fejn ir-rata ta' tnaqqis annwali taqbeż it-2,5 % jew tkun inqas minn **0,4** %, il-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-2026 sal-2030 għandhom ikunu l-valuri ta' referenza applikabbli fil-perjodu mill-2013 sal-2020 imnaqqsa bi kwalunkwe waħda minn dawk iż-żewġ rati perċentwali li tkun rilevanti, fir-rigward ta' kull sena bejn l-2008 u l-2028.”;

**Emenda 533****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt da (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Sabiex jiġi rispettata is-sehem tal-irkantar stabbilit fl-Artikolu 10, għal kull sena li fiha l-għadd tal-allokazzjonijiet mingħajr hłas ma jilħaqx l-ammont massimu li jirrispetta s-sehem tal-irkantar, il-kwoti li jifdal sa dak l-ammont għandhom jintużaw għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-allokazzjonijiet mingħajr hłas sabiex jiġi rrispettat is-sehem tal-irkantar fis-snin ta' wara. Fejn, madankollu, jintlaħaq l-ammont massimu, l-allokazzjonijiet mingħajr hłas għandhom ikunu aġġustati kif xieraq. Kwalunkwe tali aġġustament għandu jsir b'mod uniformi.

*Emenda*

**(da) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“5. Sabiex jiġi rispettata is-sehem tal-irkantar stabbilit fl-Artikolu 10, għal kull sena li fiha l-għadd tal-allokazzjonijiet mingħajr hłas ma jilħaqx l-ammont massimu li jirrispetta s-sehem tal-irkantar, il-kwoti li jifdal sa dak l-ammont għandhom jintużaw għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-tnaqqis tal-allokazzjonijiet mingħajr hłas sabiex jiġi rrispettat is-sehem tal-irkantar fis-snin ta' wara. Fejn, madankollu, jintlaħaq l-ammont massimu, l-allokazzjonijiet mingħajr hłas għandhom ikunu aġġustati kif xieraq. Kwalunkwe tali aġġustament għandu jsir b'mod uniformi. **Madankollu, l-installazzjonijiet li l-livelli ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom huma taħt il-medja tal-10 % tal-installazzjonijiet l-aktar effiċjenti f'settur jew subsettur fl-Unjoni għar-referenzi rilevanti f'sena meta japplika l-aġġustament għandhom jiġu eżentati minn dak l-aġġustament.**”

## Emenda 534

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 1

## Test propost mill-Kummissjoni

**365** miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi allokata bla ħlas skont dan l-Artikolu, u **85** miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi rkantata skont l-Artikolu 10, kif ukoll il-kwoti li **jirriżultaw** mit-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas imsemmija fl-Artikolu 10a(1a), **għandhom jiġu magħmula disponibbli għal Fond bl-għan** li **jappoġġaw** l-innovazzjoni **f'teknoloġiji** u **proċessi b'livell baxx** ta' **emissjonijiet** ta' **karbonju**, u jikkontribwixxu **għall-oġġettivi** ta' **tniġġis żero** (il-**"Fond għall-Innovazzjoni"**). Il-kwoti li ma jinħarġux lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru minħabba l-għeluq tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u li ma humiex meħtieġa biex ikopru kwalunkwe nuqqas ta' ċediment minn dawk l-operaturi, għandhom jintużaw ukoll għall-appoġġ għall-innovazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

## Emenda

**390** miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi allokata bla ħlas skont dan l-Artikolu, u **110** miljun kwota mill-kwantità li altrimenti tista' tiġi rkantata skont l-Artikolu 10, kif ukoll il-kwoti **msemmija fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 10(1), għandhom isiru disponibbli għal Fond (il-"Fond ta' Investiment għall-Klima")**. Barra minn hekk, kwalunkwe kwota li **tirriżulta** mit-tnaqqis tal-allokazzjoni bla ħlas imsemmija fl-Artikolu 10a(1a), **għandha ssir disponibbli wkoll għall-Fond ta' Investiment għall-Klima. Il-Fond ta' Investiment għall-Klima għandu jkollu l-għan** li **jappoġġa** l-innovazzjoni **f'tekniki, proċessi** u **teknoloġiji** li **jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi koperti minn din id-Direttiva** u **jikkontribwixxu għall-oġġettivi** ta' **tniġġis żero** u ta' **ċirkolarità**, kif ukoll **iż-żieda fit-tekniki, il-proċessi** u **t-teknoloġiji** li **jistgħu** ma jibqgħux **jitqiesu innovattivi, iżda** li **madankollu għandhom potenzjal sinifikanti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra** u jikkontribwixxu **għall-if-frankar tal-enerġija** u **tar-riżorsi f'konformità mal-miri tal-enerġija** u **tal-klima tal-Unjoni għall-2030**. Biex trawwem l-innovazzjoni **f'teknoloġiji rivoluzzjonarji mill-aktar fis possibbli, il-Kummissjoni għandha tiżgura li sehem mill-finanzjament disponibbli permezz tal-Fond ta' Investiment għall-Klima jkun "frontloaded" matul il-perjodu minn ... għal ...** [l-ewwel ħames snin tal-implimentazzjoni ta' **din id-Direttiva emendatorja**]. Il-kwoti li ma jinħarġux lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru minħabba l-għeluq tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u li ma humiex meħtieġa biex ikopru kwalunkwe nuqqas ta' ċediment minn dawk l-operaturi, għandhom jintużaw ukoll għall-appoġġ għall-innovazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 535

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 2

## Test propost mill-Kummissjoni

Barra minn hekk, 50 miljun kwota, mhux allokat, mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għandhom jissupplimentaw kull dħul li jifdal mit-300 miljun kwota disponibbli fil-perijodu mill-2013 sal-2020 taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE (\*), u għandhom jintużaw b'mod f'waqtu għall-appoġġ tal-innovazzjoni kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Barra minn hekk, id-dħul assenjat estern imsemmi fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) **[FuelEU Maritime]** għandu jiġi allokati lill-Fond **għall-Innovazzjoni** u implimentat f'konformità ma' dan il-paragrafu.

(\*) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE tat-3 ta' Novembru 2010 li tistabbilixxi l-kriterji u l-miżuri għall-finanzjament ta' proġetti kummerċjali ta' dimostrazzjoni li l-għan tagħhom huwa l-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ta' CO<sub>2</sub>, f'kundizzjonijiet ta' sigurtà għall-ambjent, kif ukoll ta' proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, fl-ambitu tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 290, 6.11.2010, p. 39).

## Emenda

Barra minn hekk, 50 miljun kwota, mhux allokat, mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq għandhom jissupplimentaw kull dħul li jifdal mit-300 miljun kwota disponibbli fil-perijodu mill-2013 sal-2020 taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE (\*), u għandhom jintużaw b'mod f'waqtu għall-appoġġ tal-innovazzjoni **u d-dekarbonizzazzjoni** kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu. Barra minn hekk, id-dħul assenjat estern imsemmi fl-Artikolu 5(6) tar-Regolament (UE) **2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*)** għandu jiġi allokati lill-Fond **għall-Oċeani stabbilit mill-Artikolu 3għab**, u implimentat f'konformità ma' dan il-paragrafu.

(\*) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE tat-3 ta' Novembru 2010 li tistabbilixxi l-kriterji u l-miżuri għall-finanzjament ta' proġetti kummerċjali ta' dimostrazzjoni li l-għan tagħhom huwa l-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ta' CO<sub>2</sub>, f'kundizzjonijiet ta' sigurtà għall-ambjent, kif ukoll ta' proġetti ta' dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli, fl-ambitu tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 290, 6.11.2010, p. 39).

(\*\*) **Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).**



## Emenda 536

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 3

## Test propost mill-Kummissjoni

Il-Fond **għall-Innovazzjoni** għandu jkopri s-setturi elenkati fl-Anness I u fl-Anness III, **inkluż il-qbid u l-użu tal-karbonju ("CCU") mingħajr ħsara għall-ambjent, li jikkontribwixxi sostanzjalment għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima**, kif ukoll prodotti li jissostitwixxu lil dawk intensivi fil-karbonju prodotti fis-setturi elenkati fl-Anness I, u li jgħin biex jistimula l-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti mmirati lejn il-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ("CCS") tas-CO<sub>2</sub> mingħajr ħsara għall-ambjent, **kif ukoll ta' enerġija rinnovabbli innovattiva u teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija; f'postijiet ġeografikament bilanċjati**. Il-Fond **għall-Innovazzjoni jista' jappoġġa wkoll teknoloġiji u infrastruttura innovattivi rivoluzzjonarji għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu u għall-produzzjoni ta' fjuwils b'livell baxx u b'livell zero ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-avjazzjoni, fit-trasport ferrovjarju u fit-trasport bit-triq**. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil proġetti f'setturi koperti mir-[Regolament CBAM] biex tiġi appoġġata l-innovazzjoni **f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, fis-CCU, fis-CCS, fl-enerġija rinnovabbli u fil-ħżin tal-enerġija**, b'mod li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

## Emenda

Il-Fond **ta' Investiment għall-Klima** għandu jkopri s-setturi elenkati fl-Anness I u fl-Anness III, **bħal teknoloġiji innovattivi tal-enerġija rinnovabbli u tal-ħżin tal-enerġija**, kif ukoll prodotti **u proċessi** li jissostitwixxu lil dawk intensivi fil-karbonju prodotti fis-setturi elenkati fl-Anness I, u li jgħin biex jistimula l-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' proġetti **innovattivi** mmirati lejn il-qbid **u l-użu tal-karbonju ("CCU") mingħajr ħsara għall-ambjent li jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari għall-emissjonijiet inevitabbli minn proċessi industrijali, il-qbid, it-trasport u l-ħżin ġeoloġiku ("CCS") permanenti tas-CO<sub>2</sub>**, mingħajr ħsara għall-ambjent **għall-emissjonijiet inevitabbli minn proċessi industrijali, u l-qbid dirett tas-CO<sub>2</sub> mill-atmosfera bi ħżin sikur, sostenibbli u permanenti ("DACs")**. **L-investimenti fit-teknoloġiji tal-idroġenu rinnovabbli jistgħu, fejn ikun xieraq, jiġu mħeġġa wkoll**. Il-Fond **ta' Investiment għall-Klima** għandu jappoġġa wkoll teknoloġiji u infrastruttura innovattivi rivoluzzjonarji għad-dekarbonizzazzjoni **tat-trasport ferrovjarju u tat-trasport bit-triq, inklużi forom kollettivi ta' trasport bħat-trasport pubbliku u servizzi okkażjonali ta' kowċis, filwaqt li jfittex sinerġiji ma' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari mas-sħubijiet Ewropej u meta rilevanti, ma' programmi oħra tal-Unjoni**. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lil proġetti, **inkluż għall-esportazzjonijiet**, f'setturi koperti mir-[Regolament CBAM] biex tiġi appoġġata l-innovazzjoni **f'tekniki, proċessi u teknoloġiji u l-implimentazzjoni ta' dawn li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi koperti minn dak ir-Regolament, is-CCU, is-CCS, it-trasport tas-CO<sub>2</sub>, l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin tal-enerġija**, b'mod li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima **f'konformità mal-miri u l-oġġettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119 għall-2030 u l-2050, u tranżizzjoni ġusta u li jagħti l-aktar benefiċċju marġinali f'termini ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għal kull appoġġ ipprovdut**. Il-Fond **ta' Investiment għall-Klima jista' jappoġġa wkoll teknoloġiji innovattivi rivoluzzjonarji bl-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-settur tal-iskart**.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 537****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Mill-inqas 12 % tal-kwoti disponibbli għall-Fond ta' Investiment għall-Klima għandhom jintużaw għall-iżvilupp u l-użu ulterjuri ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-Unjoni f'konformità mad-Direttiva (UE) .../... [RED riveduta].*

**Emenda 538****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Il-Fond ta' Investiment għall-Klima jista' jappoġġa wkoll is-CCDs biex jappoġġaw it-teknoloġiji għad-dekarbonizzazzjoni li għalihom il-prezz tal-karbonju jista' ma jkunx incientiv suffiċjenti. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva rigward ir-regoli dwar it-tħaddim tas-CCDs sal-31 ta' Diċembru 2023.*

*L-appoġġ finanzjarju mill-Fond ta' Investiment għall-Klima għandu jkun proporzjonali għall-oġettivi ta' politika stabbiliti f'dan l-Artikolu u ma għandhomx iwasslu għal distorsjonijiet mhux dovuti tas-suq intern. Għal dan l-għan, il-fondi għandhom biss jingħataw biex ikopru kostijiet addizzjonali jew riskji ta' investiment li ma jkunux jistgħu jiġġarrbu mill-investituri f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Għaldaqstant, għajna mill-Fond ta' Investiment għall-Klima ma għandhiex twassal għal diskriminazzjoni inġusta fir-rigward ta' prodotti importati li jkunu qed jikkompetu, kif meħtieġ skont ir-regoli tad-WTO.*

*Meta l-prezz tal-EU ETS ikun oġhla mill-prezz tal-eżerċitar li bih il-proġett ikun ingħata, il-benefiċjarju għandu jħallas lura d-differenza lill-Fond ta' Investiment għall-Klima.*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 539****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-proġetti fit-territorju tal-Istati Membri kollha, inklużi proġetti fuq skala żgħira, għandhom ikunu eliġibbli. It-teknoloġiji li jirċievu appoġġ għandhom ikunu innovattivi u jkunu għadhom mhux kummerċjalment vijabbli fuq skala simili mingħajr appoġġ, iżda għandhom jirrappreżentaw soluzzjonijiet rivoluzjonarji jew **ikunu** maturi biżżejjed għall-applikazzjoni fuq skala **prekummerċjali**.

*Emenda*

Il-proġetti fit-territorju tal-Istati Membri kollha, inklużi proġetti fuq skala **medja u** żgħira, għandhom ikunu eliġibbli. It-teknoloġiji li jirċievu appoġġ għandhom ikunu innovattivi, **jurru potenzjal għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fuq skala kbira** u jkunu għadhom mhux kummerċjalment vijabbli fuq skala simili mingħajr appoġġ, iżda għandhom jirrappreżentaw soluzzjonijiet rivoluzjonarji jew **li jkunu għadhom mhumiex kummerċjalment implimentabbli jew teknoloġikament** maturi biżżejjed għall-applikazzjoni fuq skala **(pre) kummerċjali, jew jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-objettiv tan-newtralità klimatika u ma għandhomx ikunu jistgħu jintużaw fuq skala kbira mingħajr appoġġ.**

**Emenda 540****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kwoti destinati għall-Fond **għall-Innovazzjoni** jiġu rkantati f'konformità mal-prinċipji u l-modalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 10(4). Ir-rikavat mill-irkant għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jestendu fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jiġu diżaggregati fuq diversi snin f'pagamenti akkont annwali.

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-kwoti destinati għall-Fond **ta' Investiment għall-Klima** jiġu rkantati f'konformità mal-prinċipji u l-modalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 10(4). Ir-rikavat mill-irkant għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jestendu fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jiġu diżaggregati fuq diversi snin f'pagamenti akkont annwali.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 541

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Il-proġetti għandhom jintgħażlu fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, filwaqt li jitqies, fejn ikun rilevanti, kemm il-proġetti jikkontribwixxu biex jinkiseb tnaqqis tal-emissjonijiet sew taħt il-parametri referenzjarji msemmija fil-paragrafu 2. Il-proġetti għandu jkollhom il-potenzjal għal applikazzjoni **mifruxa** jew li jnaqqsu b'mod sinifikanti **l-kostijiet** tat-tranżizzjoni lejn ekonomija **b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju fis-setturi kkonċernati**. Proġetti li jinvolvu s-CCU għandhom iwasslu għal tnaqqis nett fl-emissjonijiet u jiżguraw l-evitar jew il-ħżin permanenti tas-CO<sub>2</sub>. Fil-każ ta' għotjiet ipprovduti permezz ta' sejħiet għal proposti, jistgħu jiġu appoġġati sa 60 % tal-kostijiet rilevanti tal-proġetti, li 40 % minnhom ma hemmx bżonn li jkunu dipendenti fuq l-evitar ivverifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, diment li jinkisbu l-istadji ewlenin iddeterminati minn qabel, filwaqt li titqies it-teknoloġija użata. Fil-każ ta' appoġġ ipprovdut permezz ta' offerti kompetittivi u fil-każ ta' appoġġ għal assistenza teknika, jistgħu jiġu appoġġati sa 100 % tal-kostijiet rilevanti tal-proġetti.

Emenda

Il-proġetti għandhom jintgħażlu **permezz ta' proċedura tal-għażla trasparenti, b'mod newtrali fir-rigward tat-teknoloġija f'konformità mal-objettivi tal-Fond ta' Investiment għall-Klima kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu** fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u trasparenti, filwaqt li jitqies **il-punt sa fejn il-proġetti jipprovdut kontribut sinifikanti għall-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni filwaqt li jikkontribwixxu għall-objettivi ta' tniġġis zero u ta' ċirkolarità f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata d-distribuzzjoni ġeografika ġusta tal-proġetti f'konformità mas-subparagrafu 6a ta' dan il-paragrafu u**, fejn ikun rilevanti, kemm il-proġetti jikkontribwixxu biex jinkiseb tnaqqis tal-emissjonijiet sew taħt il-parametri referenzjarji msemmija fil-paragrafu 2. Il-proġetti għandu jkollhom il-potenzjal għal applikazzjoni **estensiva** jew li jnaqqsu b'mod sinifikanti **l-ispejjeż** tat-tranżizzjoni lejn ekonomija **newtrali għall-klima fis-setturi kkonċernati. Għandha tingħata prijorità lit-teknoloġiji u lill-proċessi li jindirizzaw bosta impatti ambjentali**. Proġetti li jinvolvu s-CCU għandhom iwasslu għal tnaqqis nett fl-emissjonijiet u jiżguraw l-evitar jew il-ħżin permanenti tas-CO<sub>2</sub>. Fil-każ ta' għotjiet ipprovduti permezz ta' sejħiet għal proposti, jistgħu jiġu appoġġati sa 60 % tal-kostijiet rilevanti tal-proġetti, li 40 % minnhom ma hemmx bżonn li jkunu dipendenti fuq l-evitar ivverifikat tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, diment li jinkisbu l-istadji ewlenin iddeterminati minn qabel, filwaqt li titqies it-teknoloġija użata. Fil-każ ta' appoġġ ipprovdut permezz ta' offerti kompetittivi u fil-każ ta' appoġġ għal assistenza teknika, jistgħu jiġu appoġġati sa 100 % tal-kostijiet rilevanti tal-proġetti. **Proġetti li t-tnaqqis tagħhom fl-emissjonijiet ikun ta' benefiċċju għad-dekarbonizzazzjoni ta' atturi oħra f'żoni ġeografiċi fil-viċinat għandu jkollhom trattament preferenzjali fil-kriterji użati għall-għażla tal-proġetti.**

Il-proġetti **ffinanzjati mill-Fond ta' Investiment għall-Klima għandhom ikunu meħtieġa jaqsmu l-għarfien ma' proġetti rilevanti oħra kif ukoll ma' riċerkaturi bbażati fl-Unjoni li għandhom interess leġittimu. It-termini tal-kondiviżjoni tal-għarfien għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni f'sejħiet għal proposti.**

**Is-sejħiet għal proposti għandhom ikunu miftuħa u trasparenti u jistabbilixxu b'mod ċar liema tipi ta' teknoloġiji jistgħu jiġu appoġġati. Fit-tħejjija tas-sejħiet għal proposti, il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-setturi kollha jkunu koperti kif xieraq. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri biex tiżgura li s-sejħiet jiġu kkomunikati bl-aktar mod wiesa' possibbli, u speċjalment lill-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju ("SMEs").**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 542****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Il-Fond ta' Investiment għall-Klima għandu jimmira lejn appoġġ ġeografiku bbilanċjat għall-appoġġ ipprovdut fil-forma ta' CCDs, u għal proġetti relatati mat-titjib, filwaqt li jiżgura l-ogħla kwalità possibbli tal-proġetti u jirrispetta l-kriterji tal-għażla msemmija fis-sitt subparagrafu ta' dan il-paragrafu, filwaqt li jqis iċ-ċirkostanzi settorjali u l-ħtiġijiet ta' investiment speċifiċi, b'mod partikolari fis-setturi koperti mill-Artikolu 3g l-Kapitolu IVa.**

**Emenda 543****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva li tikkonċerna r-regoli dwar it-tħaddim tal-Fond **għall-Innovazzjoni**, inklużi l-proċedura u l-kriterji tal-għażla, u s-setturi eliġibbli u r-rekwiżiti teknoloġiċi għat-tipi differenti ta' appoġġ.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva li tikkonċerna r-regoli dwar it-tħaddim tal-Fond **ta' Investiment għall-Klima**, inklużi l-proċedura u l-kriterji tal-għażla, **il-parteċipazzjoni tal-SMEs**, u s-setturi eliġibbli u r-rekwiżiti teknoloġiċi għat-tipi differenti ta' appoġġ. **Il-Kummissjoni għandha timmira għal kalendarju li jagħmel sehem tal-appoġġ mill-Fond ta' Investiment għall-Klima disponibbli bil-quddiem fil-bidu tal-perjodu. Fl-implimentazzjoni tal-Fond ta' Investiment għall-Klima, il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri xierqa kollha f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 biex tiżgura l-protezzjoni tal-fondi fir-riġward tal-miżuri u l-investimenti appoġġati mill-Fond ta' Investiment għall-Klima fil-każ ta' nuqqas ta' rispett tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tippovdi sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti u għandha tfittex l-irkupru ta' ammonti mħallsa bi żball jew użati ħażin.**

**Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u ekwa, il-kriterji tal-għażla għandhom iqisu s-salvagwardji ambjentali u soċjali. Ir-riżorsi finanzjarji kollha mill-Fond ta' Investiment għall-Klima għandhom jintużaw f'konformità:**

(a) mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” kif stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852;

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) **mas-salvagwardji minimi kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2020/852.**

*Fil-każ ta' appoġġ permezz tas-CCDs, dawk l-atti delegati għandhom jippermettu sejħiet għall-offerti li jkunu newtrali fir-rigward tat-teknoloġija u kompetittivi fil-prezzijiet f'konformità mal-oġġettivi tal-Fond ta' Investiment għall-Klima kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu.*

## Emenda 544

## Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12 – punt g

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10a – paragrafu 8 – subparagrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jiddeskrivi l-konsistenza tal-proġetti ffinanzjati permezz tal-Fond ta' Investiment għall-Klima u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119, il-progress miksub lejn l-użu tal-investimenti deskritti fil-pjanijiet tad-dekarbonizzazzjoni industrijali, u l-pjan ta' azzjoni tagħha għall-perjodu ta' sentejn li jkun imiss.*

## Emenda 545

## Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) **fl-Artikolu 10c, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

(13) **jitħassar l-Artikolu 10c;**

*“L-Istati Membri għandhom jesigū li l-ġeneraturi tal-elettriku u l-operaturi ta' netwerks li jibbenefikaw jirrapportaw, sat-28 ta' Frar ta' kull sena, dwar l-implimentazzjoni tal-investimenti magħżula tagħhom, inkluż il-bilanċ tal-allokazzjoni bla ħlas u n-nefqa ta' investiment imġarrba u t-tipi ta' investiment appoġġati. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar dan lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tagħmel it-tali rapporti pubbliċi.”;*



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 546****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(13a) Jiddaħħal l-artikolu li ġej:****“Artikolu 10ca****Allokazzjoni tranżitorja bla ħlas għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija****Kwalunkwe kwota għal allokkazzjoni tranżitorja bla ħlas għall-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija li ma tkunx ġiet allokata lill-operaturi fl-Istati Membri kkonċernati sal-31 ta' Diċembru 2023 għandha tiżdied mal-kwantità totali ta' kwoti li l-Istat Membru kkonċernat jirċievi għall-irkant skont l-Artikolu 10(2)(a). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jużaw dawg il-kwoti, jew xi wħud minn dawg il-kwoti, f'konformità mal-Artikolu 10d biex jappoġġaw investimenti fil-qafas tal-Fond għall-Modernizzazzjoni.”****Emenda 547****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 1 – subparagrafi 1a (ġdid) u 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**L-appoġġ mill-Fond għall-Modernizzazzjoni għandu jingħata biss lill-Istati Membri li jkunu adottaw miri legalment vinkolanti għall-ksib tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, kif ukoll miżuri għall-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili kollha f'perjodu ta' żmien konsistenti mal-miri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119.****Barra minn hekk, ma għandu jingħata l-ebda appoġġ fl-ambitu tal-Fond għall-Modernizzazzjoni biex jiġu appoġġati investimenti proposti minn Stat Membru benefiċjarju li fir-rigward tagħhom tkun għaddejja l-proċedura prevista fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 jew li fir-rigward tagħhom il-Kunsill ikun adotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni dwar miżuri xierqa skont dak l-Artikolu.**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 548****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 1 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-investimenti appoġġati għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva, kif ukoll mal-oġġettivi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (\*) u tar-Regolament (UE) 2021/1119 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*)** u mal-oġġettivi fit-tul kif espressi fil-Ftehim ta' Pariġi. Ma għandu jiġi pprovdut l-ebda appoġġ mill-Fond għall-Modernizzazzjoni **lill-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija** li jużaw fjuwils fossili.

(\*) COM(2019)0640 final.

(\*\*) **Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).***Emenda*

L-investimenti appoġġati għandhom ikunu konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Direttiva, kif ukoll mal-oġġettivi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (\*) u tar-Regolament (UE) 2021/1119 u mal-oġġettivi fit-tul kif espressi fil-Ftehim ta' Pariġi. Ma għandu jiġi pprovdut l-ebda appoġġ mill-Fond għall-Modernizzazzjoni **lill-attivitajiet relatati mal-enerġija** li jużaw fjuwils fossili.

(\*) COM(2019)0640 final.

**Emenda 549****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. **Mill-inqas 80 %** tar-riżorsi finanzjarji mill-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jintużaw biex jappoġġaw l-investimenti f'dawn li ġejjin:

*Emenda*

2. **100 %** tar-riżorsi finanzjarji mill-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jintużaw biex jappoġġaw l-investimenti f'dawn li ġejjin:

**Emenda 550****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

**(aa) il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn ġeneraturi tal-idroġenu;**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 551

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) *it-titjib tal-effiċjenza enerġetika min-naħa* tad-domanda, inkluż fit-trasport, fil-bini, fl-agrikoltura u fl-iskart;

Emenda

- (c) *it-tnaqqis tal-użu totali tal-enerġija permezz tal-ġestjoni* tad-domanda *u l-effiċjenza enerġetika*, inkluż fit-trasport, fil-bini, fl-agrikoltura u fl-iskart, *filwaqt li titqies il-ħtieġa ta' elettrifikazzjoni marbuta mat-tranżizzjoni klimatika u ż-żieda assoċjata fid-domanda għall-elettriku rinnovabbli*;

## Emenda 552

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

- (e) l-appoġġ ta' unitajiet domestiċi *bi dħul* baxx, inkluż f'żoni rurali u remoti, biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku u biex jimmodernizzaw is-sistemi tat-tisħin tagħhom; *u*

Emenda

- (e) l-appoġġ ta' unitajiet domestiċi *b'introjtu* baxx, inkluż f'żoni rurali u remoti, biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku u biex jimmodernizzaw is-sistemi tat-tisħin *u t-tkessiħ* tagħhom *u l-isforzi biex tinkiseb l-effiċjenza enerġetika fil-bini kemm għall-użu residenzjali kif ukoll għal dak kummerċjali*;

## Emenda 553

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

- (f) tranżizzjoni ġusta f'reġjuni dipendenti fuq il-karbonju fl-Istati Membri benefiċjarji, sabiex jiġu appoġġati r-riallokazzjoni, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, l-edukazzjoni, l-inizjattivi ta' tfittxija tal-impjiegi u n-negozji ġodda, fi djalogu mas-sħab soċjali;

Emenda

- (f) tranżizzjoni ġusta f'reġjuni dipendenti fuq il-karbonju fl-Istati Membri benefiċjarji, sabiex jiġu appoġġati r-riallokazzjoni, it-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, l-edukazzjoni, l-inizjattivi ta' tfittxija tal-impjiegi u n-negozji ġodda, fi djalogu *mas-soċjetà ċivili u mas-sħab soċjali, konsistenti mal-azzjonijiet rilevanti inklużi mill-Istati Membri fil-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta tagħhom u li jikkontribwixxu għalihom skont l-Artikolu 8(2)(k), tar-Regolament (UE) 2021/1056, fejn rilevanti; u*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 554****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(fa) investimenti fl-użu ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.**

**Emenda 555****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt ba (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ba) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

**“2a. Ir-riżorsi finanzjarji kollha mill-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jintużaw f'konformità:**

**(a) mal-prinċipju ‘la tagħmilx ħsara sinifikanti’ kif stabbilit fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852;**

**(b) mas-salvagwardji minimi kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2020/852.”**

**Emenda 556****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt bb (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

**(bb) fil-paragrafu 5, jiddied is-subparagrafu li ġej:**

**“Il-Kumitat tal-investimenti għandu jfittex il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima biex jiżgura li d-deċiżjonijiet ta' investiment ikunu allinjati mal-kriterji stabbiliti f'dan l-Artikolu u jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119.”**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 557

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt bc (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 6

Test fis-seħħ

6. Qabel ma Stat Membru benefiċjarju jiddeċiedi li jiffinanzja investiment mis-sehem tiegħu fil-Fond għall-Modernizzazzjoni, huwa għandu jippreżenta l-proġett ta' investiment lill-kumitat tal-investimenti u lill-BEI. **Fejn il-BEI jikkonferma li investiment ikun jaqa' f'wieħed mill-oqsma elenkati fil-paragrafu 2, l-Istat Membru jista' jipproċedi għall-finanzjament tal-proġett ta' investiment mis-sehem tiegħu.**

**Fejn investiment fil-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija, li jkun propost li jiġi ffinanzjat mill-Fond għall-Modernizzazzjoni, ma jaqax fl-oqsma elenkati fil-paragrafu 2,** il-kumitat tal-investimenti għandu jevalwa l-vijabbiltà teknika u finanzjarja ta' dak l-investiment, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet li jinkiseb minnu, u jgħid rakkomandazzjoni dwar il-finanzjament tal-investiment mill-Fond għall-Modernizzazzjoni. Il-kumitat tal-investimenti għandu jiżgura li kwalunkwe investiment relatat mat-tisħin urban jikseb titjib sostanzjali fl-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis fl-emissjonijiet.

Dik ir-rakkomandazzjoni tista' tinkludi suġġerimenti dwar l-istrumenti ta' finanzjament adatti. **Sa 70 % tal-ispejjeż rilevanti ta' investiment li ma jaqax fl-oqsma elenkati fil-paragrafu 2 jista' jiġi appoġġat mir-riżorsi tal-Fond għall-Modernizzazzjoni sakemm l-ispejjeż li jkun fadal jiġu ffinanzjati minn entitajiet legali privati.**

## Emenda 558

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt bd (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 10d – paragrafu 11

Test fis-seħħ

11. Il-kumitat tal-investimenti għandu jirrapporta kull sena lill-Kummissjoni dwar l-esperjenza fl-evalwazzjoni tal-investimenti. Sal-31 ta' Diċembru 2024, filwaqt li tqis is-sejbiet tal-kumitat tal-investimenti, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-oqsma għal proġetti msemmija fil-paragrafu 2 u l-bażi li fuqha l-kumitat tal-investimenti jibbaża r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

Emenda

**(bc) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“6. Qabel ma Stat Membru benefiċjarju jiddeċiedi li jiffinanzja investiment mis-sehem tiegħu fil-Fond għall-Modernizzazzjoni, huwa għandu jippreżenta l-proġett ta' investiment lill-kumitat tal-investimenti u lill-BEI.

Il-kumitat tal-investiment għandu jivvaluta l-vijabbiltà teknika u finanzjarja ta' dak l-investiment, inkluż it-tnaqqis tal-emissjonijiet li jikseb, u jgħid rakkomandazzjoni dwar il-finanzjament tal-investiment mill-Fond għall-Modernizzazzjoni. Il-kumitat tal-investimenti għandu jiżgura li kwalunkwe investiment relatat mat-tisħin urban jikseb titjib sostanzjali fl-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis fl-emissjonijiet.

Dik ir-rakkomandazzjoni tista' tinkludi suġġerimenti dwar l-istrumenti ta' finanzjament adatti.”

Emenda

**(bd) il-paragrafu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“11. Il-kumitat tal-investimenti għandu jirrapporta kull sena lill-Kummissjoni, **lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew** dwar l-esperjenza fl-evalwazzjoni tal-investimenti. **Dak ir-rapport għandu jsir pubbliku.** Sal-31 ta' Diċembru 2024, filwaqt li tqis is-sejbiet tal-kumitat tal-investimenti, il-Kummissjoni għandha tirrivedi l-oqsma għal proġetti msemmija fil-paragrafu 2 u l-bażi li fuqha l-kumitat tal-investimenti jibbaża r-rakkomandazzjonijiet tiegħu.”

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 559

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt -a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-kwoti jistgħu jiġu ttrasferiti bejn:

(a) **persuni** ġewwa l-Unjoni;

(b) **persuni** ġewwa l-Unjoni u persuni f'pajjiżi terzi, meta dawn il-kwoti jiġu konossuti skont il-proċedura riferita fl-Artikolu 25 mingħajr restrizzjonijiet oħra għajr li jkunu jinsabu, jew jiġu adottati skont din id-Direttiva.

(-a) **il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-kwoti jistgħu jiġu ttrasferiti bejn:

(a) **entitajiet regolati** ġewwa l-Unjoni;

(b) **entitajiet regolati** ġewwa l-Unjoni u persuni f'pajjiżi terzi, meta dawn il-kwoti jiġu konossuti skont il-proċedura riferita fl-Artikolu 25 mingħajr restrizzjonijiet oħra għajr li jkunu jinsabu, jew jiġu adottati skont din id-Direttiva.

*L-entitajiet regolati jistgħu jawtorizzaw lil persuna fiżika jew lil entità ġuridika biex topera kontijiet ta' reġistru li jappartjenu għall-entità regolata u twettaq it-tipi kollha ta' tranżazzjonijiet li għalihom huwa intitolat dak il-kont, f'isem l-entità regolata. Ir-responsabbiltà għall-konformità għandha tibqa' tal-entità regolata. Meta tawtorizza lill-persuna fiżika jew lill-entità ġuridika, l-entità regolata għandha tiżgura li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess bejn il-persuna jew l-entità awtorizzata u l-awtoritajiet kompetenti, l-amministraturi nazzjonali, il-verifikaturi jew korpi oħra soġġetti għal din id-Direttiva.”*

## Emenda 560

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt -aa (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 1a a (ġdid)

.Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-aa) **jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

*“1aa Sal-1 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha tivvaluta kif restrizzjoni tal-aċċess għas-swieq Ewropej tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-karbonju għal entitajiet regolati u intermedjarji finanzjarji li jaġixxu f'isimhom, ikollha impatt fuq l-integrità u l-funzjonament effettiv tas-swieq tal-kwoti tal-emissjonijiet tal-karbonju u fuq il-kisba tal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030 u l-2050. Meta l-valutazzjoni tkun negattiva, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex taġġusta d-dispożizzjonijiet rilevanti fl-Artikolu 12(1) u l-Artikolu 19(2).”*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 561****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt c**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafi 1a (ġdid) u 1b (ġdid)

*.Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*B'deroga mill-punt (c) tal-ewwel paragrafu, sal-31 ta' Diċembru 2029, il-kumpaniji tat-tbaħħir jistgħu jċedu inqas kwoti abbażi tal-klassi tas-silġ jew il-fatt li l-bastimenti tagħhom jinnavigaw f'kundizzjonijiet ta' silġ, jew abbażi tat-tnejn li huma, f'konformità mal-Anness Va.*

*B'deroga mill-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), sal-31 ta' Diċembru 2029, il-kumpaniji tat-tbaħħir jistgħu jċedu 55 % inqas kwoti fir-rigward tal-emissjonijiet li jseħħu sal-2030 minn vjaġġi bejn port li jinsab f'reġjun ultraperiferiku ta' Stat Membru u port li jinsab fl-istess Stat Membru, inkluż bejn żewġ portijiet differenti li jinsabu f'reġjuni ultraperiferiċi differenti tal-istess Stat Membru. Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, u ttippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-impatt tat-tmiem ta' din id-deroga għat-trasport marittimu lejn u mir-reġjuni ultraperiferiċi.*

**Emenda 562****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt e**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 3b – subparagrafu 1

*.Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

Ma għandux jinħoloq obbligu ta' ċediment tal-kwoti fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jitqiesu li jkunu nqabdu u ntużaw biex isiru kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu normali ma jidħlux fl-atmosfera.

Ma għandux jinħoloq obbligu ta' ċediment tal-kwoti fir-rigward tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jitqiesu li jkunu nqabdu u maħżuna jew intużaw biex isiru kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu **u rimi** normali ma jidħlux fl-atmosfera.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 563****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt e**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 3b – subparagrafu 2

*.Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni dwar ir-rekwiżiti** biex tikkunsidra li l-gassijiet serra jkunu saru kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu normali ma jidħlux fl-atmosfera.

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi r-rekwiżiti** biex tikkunsidra li l-gassijiet serra jkunu saru kimikament marbuta b'mod permanenti fi prodott hekk li f'kundizzjonijiet ta' użu **u rimi** normali **kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu** ma jidħlux fl-atmosfera.

**Emenda 564****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt e**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 3b – subparagrafu 3

*.Test propost mill-Kummissjoni*

**Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).**

*Emenda**imħassar***Emenda 565****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt ea (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 3b a (ġdid)

*.Test propost mill-Kummissjoni**Emenda**(ea) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*

**“3ba. Sal-1 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina kif għandhom jiġi kontabilizzati l-emissjonijiet negattivi li jirriżultaw mill-gassijiet serra li jitneħħew mill-atmosfera u jinħażnu b'mod sikur u permanenti u kif dawn l-emissjonijiet negattivi jistgħu jiġu koperti bl-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, u li fih għandha tippromponi kamp ta' applikazzjoni ċar u kriterji u salvagwardji stretti biex jiġi żgurat li tali assorbimenti ma jkunux qed jikkompensaw għat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet skont il-miri klimatiċi tal-Unjoni kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119. Dak ir-rapport għandu, fejn xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġislattiva biex jiġu koperti emissjonijiet negattivi.”**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 566****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt eb (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 3bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(eb) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

“3bb. Sal-31 ta' Diċembru 2029, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina jekk l-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra mill-attivitajiet differenti koperti minn din id-Direttiva humiex effettivament kontabilizzati, f'liema stadji tal-proċess dawk l-emissjonijiet ta' gassijiet serra huma kontabilizzati, u jekk ġiex evitat l-għadd doppju, b'mod partikolari billi jitqiesu l-istadji downstream, inklużi r-rimi u l-inkinerazzjoni tal-iskart, u l-esportazzjoni, u għandha tivvaluta l-benefiċċji komparattivi, fil-livell klimatiku u ekonomiku, tal-kontabilizzazzjoni tal-emissjonijiet minn kull attività fi stadji differenti tal-proċess. Il-Kummissjoni tista', fejn xieraq, takkumpanja dak ir-rapport bi proposta leġiżlattiva biex temenda din id-Direttiva biex tiżgura li l-emissjonijiet kollha jiġu kontabilizzati fl-aktar stadju effettiv u li jiġi evitat l-għadd doppju.”

**Emenda 567****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt ec (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12 – paragrafu 3bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ec) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

“3bc. Sal-1 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha teżamina metodoloġija trasparenti, komparabbli u affidabbli dwar kif jiġu kontabilizzati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra li huma kkunsidrati li jkunu nqabdu jew intużaw biex isiru kimikament marbuta fi prodott b'mod differenti minn dak imsemmi fil-paragrafu 3b, abbażi tal-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott. Il-metodoloġija għall-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott għandha tqis ir-rwol doppju tal-gassijiet serra bħala emissjonijiet u bħala materja prima, inklużi l-emissjonijiet maqbuda fil-manifattura tal-prodott, l-emissjonijiet prodotti bħala parti mill-proċess tal-qbid u l-utilizzazzjoni, l-emissjonijiet li jkunu ntużaw fil-manifattura tal-prodott u n-numru ta' snin li l-karbonju maqbud mill-emissjonijiet huwa marbut fil-prodott. Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, takkumpanja dak ir-rapport bi proposta leġiżlattiva biex temenda din id-Direttiva biex jiġi inkluż tali approċċ ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja.”

## Emenda 568/rev

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – point ed (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 12b – paragrafu 4

Test fis-seħħ

Emenda

(ed) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li **L-konċessjonijiet** jiġu kkanċellati f'kull waqt fuq it-talba tal-persuna li jkollha minnhom. F'każ tal-għeluq tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-territorju tagħhom minħabba miżuri nazzjonali addizzjonali, l-Istati Membri **jistgħu** jikkanċellaw kwoti mill-kwantità totali ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati minnhom imsemmija fl-Artikolu 10(2) sa ammont li jikkorrispondi għall-medja tal-emissjonijiet verifikati tal-installazzjoni kkonċernata matul il-perijodu ta' ħames snin qabel l-għeluq. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dik il-kanċellazzjoni ppjanata f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(4).

“4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw li **L-kwoti** jiġu kkanċellati f'kull waqt fuq it-talba tal-persuna li jkollha minnhom. F'każ tal-għeluq tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fit-territorju tagħhom minħabba miżuri nazzjonali addizzjonali, l-Istati Membri **għandhom** jikkanċellaw kwoti mill-kwantità totali ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati minnhom imsemmija fl-Artikolu 10(2) sa ammont li jikkorrispondi għall-medja tal-emissjonijiet verifikati tal-installazzjoni kkonċernata matul il-perijodu ta' ħames snin qabel l-għeluq. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dik il-kanċellazzjoni ppjanata f'konformità mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10(4).”

## Emenda 569

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) *fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 14(1), tiżdied is-sentenza li ġejja:*

(16) *fl-Artikolu 14, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġejj:*

“1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni** rigward l-arranġamenti dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet u, fejn rilevanti, id-data dwar l-attività, mill-attività elenkati fl-Anness I, għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' data tunnellata-kilometru għall-fini ta' applikazzjoni taħt l-Artikolu 3e jew 3f, li għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji għall-monitoraġġ u r-rappurtar stabbiliti fl-Anness IV u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti **ta' implimentazzjoni** għandhom jispeċifikaw ukoll il-potenzjal għat-tisħin globali ta' kull gass serra fir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet għal dak il-gass. Dawk l-atti delegati għandhom japplikaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni skont din id-Direttiva, sabiex din il-bijomassa jkollha rata żero. Huma għandhom jispeċifikaw kif għandu jitqies il-ħżin tal-emissjonijiet minn taħlita ta' sorsi b'emissjonijiet ugwali għal żero u sorsi mhux b'emissjonijiet ugwali għal żero. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll kif għandhom jitqiesu l-emissjonijiet mill-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u mill-fjuwils tal-karbonju riċiklat, filwaqt li jiżguraw li dawn l-emissjonijiet jitqiesu u li jiġi evitat l-għadd doppju.

**Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).**

(\*) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).”

“1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva** rigward l-arranġamenti dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet u, fejn rilevanti, id-data dwar l-attività, mill-attività elenkati fl-Anness I, għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' data tunnellata-kilometru għall-fini ta' applikazzjoni taħt l-Artikolu 3e jew 3f, li għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji għall-monitoraġġ u r-rappurtar stabbiliti fl-Anness IV u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti **delegati** għandhom jispeċifikaw ukoll il-potenzjal għat-tisħin globali ta' kull gass serra fir-rekwiżiti għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet għal dak il-gass **u jkunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt dettaljata, filwaqt li titqies l-aħħar data xjentifika disponibbli**. Dawk l-atti delegati għandhom japplikaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni skont din id-Direttiva, sabiex din il-bijomassa jkollha rata żero. Huma għandhom jispeċifikaw kif għandu jitqies il-ħżin tal-emissjonijiet minn taħlita ta' sorsi b'emissjonijiet ugwali għal żero u sorsi mhux b'emissjonijiet ugwali għal żero. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll kif għandhom jitqiesu l-emissjonijiet mill-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u mill-fjuwils tal-karbonju riċiklat, filwaqt li jiżguraw li dawn l-emissjonijiet jitqiesu u li jiġi evitat l-għadd doppju.

(\*) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).”

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 570

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 19 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

2. Kull persuna jista' jkollha kwoti. L-uffiċċju tar-reġistrazzjonijiet għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku u għandu jkun fih kontijiet separati sabiex jirreġistra l-kwoti miżmuma minn kull wieħed mill-entitajiet li lilhom jew minn għandhom joħorġu jew jiġu ttrasferiti l-kwoti.

(19a) *fl-Artikolu 19, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“2. *Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 12(1aa), minbarra l-kontijiet amministrattivi ċentrali u nazzjonali, l-entitajiet regolati biss b'obbligi ta' konformità tal-ETS tal-passat, tal-preżent jew tal-futur prevedibbli jista' jkollhom kwoti.* L-uffiċċju tar-reġistrazzjonijiet għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku u għandu jkun fih kontijiet separati sabiex jirreġistra l-kwoti miżmuma minn kull wieħed *mill-entitajiet regolati* li lilhom jew minn għandhom joħorġu jew jiġu ttrasferiti l-kwoti.”

## Emenda 571

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 23 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija *fl-Artikoli 3d(3), 10(4), 10a(1) u (8), 10b(5), 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikoli 24(3), 24a(1), 25a(1) u l-Artikolu 28c* hija mogħtija lill-Kummissjoni għal *perijodu* ta' żmien indeterminat mit-8 ta' April 2018.

(19b) *fl-Artikolu 23, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija *fl-Artikolu 3d(3), l-Artikolu 3gaa(2), l-Artikolu 3ġab(7), l-Artikolu 3gea, it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 10a(1) u (8), l-Artikolu 10b(5), l-Artikolu 12(3b), l-Artikolu 14(1), l-Artikolu 19(3), l-Artikolu 22, l-Artikolu 24(3), l-Artikolu 24a(1), l-Artikolu 25a(1), l-Artikolu 28c, l-Artikolu 30c(2a) u l-Artikolu 30f(4a)* hija mogħtija lill-Kummissjoni għal *perjodu* ta' żmien indeterminat mit-8 ta' April 2018.”

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 572

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19c (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 29a

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 29a

(19c) L-Artikolu 29a huwa sostitwit b'dan li ġejj:

"Artikolu 29a

Miżuri f'każ li jkun hemm oxxillazzjonijiet kbar fil-prezzijiet

Miżuri f'każ li jkun hemm oxxillazzjonijiet kbar fil-prezzijiet

1. Jekk, għal aktar minn sitt xhur konsekuttivi, il-prezz tal-kwoti jkun aktar **minn tliet darbiet il-prezz** medju tal-kwoti fuq is-suq Komunitarju tal-karbonju matul is-sentejn ta' qabel, il-Kummissjoni għandha minnufih tlaqqa' l-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE.

1. Jekk, għal aktar minn sitt xhur konsekuttivi, il-prezz **medju** tal-kwoti jkun aktar **mid-doppju tal-prezz** medju tal-kwoti fuq is-suq Komunitarju tal-karbonju matul is-sentejn ta' qabel, il-Kummissjoni għandha minnufih, **u mhux aktar tard minn sebat ijiem wara dak il-punt fiż-żmien**, tlaqqa' l-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE **biex tivvaluta jekk l-evoluzzjoni tal-prezz imsemmija f'dan il-paragrafu tikkorrispondix għar-regoli fundamentali tas-suq.**

2. Jekk l-evoluzzjoni tal-prezz msemija fil-paragrafu 1 ma tikkorrispondix għar-regoli fundamentali tas-suq, **tista' tiġi adottati** waħda mill-miżuri li ġejjin, filwaqt li jitqies il-grad tal-evoluzzjoni tal-prezz:

2. Jekk l-evoluzzjoni tal-prezz msemija fil-paragrafu 1 ma tikkorrispondix għar-regoli fundamentali tas-suq, **għandha tittieħed kwalunkwe** waħda mill-miżuri li ġejjin, **bħala kwistjoni ta' urġenza**, filwaqt li jitqies il-grad tal-evoluzzjoni tal-prezz:

(-a) **ir-rilaxx ta' 100 miljun kwota koperti minn dan il-Kapitolu mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq f'konformità mal-Artikolu 1(7) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, li għandhom jitqassmu b'mod ugwali fl-irkantijiet matul perjodu ta' sitt xhur;**

(a) miżura li tippermetti lill-Istati Membri **li** jantiċipaw l-irkantar bħala parti **minn kwantità** li trid tiġi rkantata.

(a) miżura li tippermetti lill-Istati Membri jantiċipaw l-irkantar bħala parti **mill-kwantità** li trid tiġi rkantata **f'sena kalendarja sussegwenti.**

(b) miżura li tippermetti lill-Istati Membri li jirkantaw sa 25 % tal-kwoti li jifdal fir-riżerva tal-istallazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq.

(b) miżura li tippermetti lill-Istati Membri li jirkantaw sa 25 % tal-kwoti li jifdal fir-riżerva tal-istallazzjonijiet li daħlu ġodda fis-suq.

Dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura amministrattiva msemija fl-Artikolu 23(4).

Dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati konformement mal-proċedura amministrattiva msemija fl-Artikolu 23(4).

3. Kwalunkwe miżura għandha tqis kif xieraq ir-rapporti ppreżentati mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill taħt l-Artikolu 29, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra mogħtija mill-Istati Membri.

3. Kwalunkwe miżura għandha tqis kif xieraq ir-rapporti ppreżentati mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill taħt l-Artikolu 29, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra mogħtija mill-Istati Membri.

4. L-arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu stipulati fl-atti msemija fl-Artikolu 10(4).

4. L-arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu stipulati fl-atti msemija fl-Artikolu 10(4)."

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 573

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19d (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 29aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19d) *jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

## “Artikolu 29aa

1. L-aċċess għas-suq tal-EU ETS għandu jkun limitat għal entitajiet li huma installazzjonijiet, operaturi tal-avjazzjoni u dawk marittimi b'obbligi ta' konformità skont l-EU ETS.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-intermedjarji finanzjarji li jixtru kwoti għall-kont tal-installazzjoni u mhux għall-kont tagħhom stess għandu jkollhom aċċess għas-suq tal-EU ETS.

3. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 <sup>(1a)</sup> huwiex kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, u, meta jkun meħtieġ, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda dak ir-Regolament.

<sup>(1a)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għewwa l-Komunità (ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1).”

## Emenda 574

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 e (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

(19e) *fl-Artikolu 30, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test fis-seħħ

1. Din id-Direttiva għandha tinżamm taħt reviżjoni fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali u l-isforzi meħuda biex jintlaħqu l-oġġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.

Emenda

“1. Din id-Direttiva għandha tinżamm taħt reviżjoni fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali u l-isforzi meħuda biex jintlaħqu l-oġġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, **inkluż l-impenn meħud fis-26 Konferenza tal-tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP26) biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.**”

## Emenda 575

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-kuntest ta' kull rendikont globali miftiehem taħt il-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl tat-tnaqqis meħtieġ ta' gassijiet serra mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, inkluż relattivament għall-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9. Il-Kummissjoni tista' tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-emendar ta' din id-Direttiva fejn meħtieġ.

Emenda

**(20a) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

“3. Il-Kummissjoni, **wara li talbet il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima**, għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-kuntest ta' kull rendikont globali miftiehem taħt il-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl tat-tnaqqis meħtieġ ta' gassijiet serra mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, inkluż relattivament għall-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9. Il-Kummissjoni tista' tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-emendar ta' din id-Direttiva fejn meħtieġ. **Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konformità mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika kif stabbilit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119, mal-miri klimatiċi tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament, u mal-baġit indikattiv tal-Unjoni għall-gassijiet serra għall-perjodu 2030-2050 kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) ta' dak ir-Regolament. Il-proposti għandhom jirriflettu l-progressjoni matul iż-żmien, u jirriflettu l-ogħla ambizzjoni possibbli tagħha f'konformità mal-Artikolu 4(3) tal-Ftehim ta' Pariġi.**”

## Emenda 576

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20b (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30 – paragrafu 4a (ġdid)

Test fis-seħħ

3. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fil-kuntest ta' kull rendikont globali miftiehem taħt il-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl tat-tnaqqis meħtieġ ta' gassijiet serra mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, inkluż relattivament għall-fattur lineari msemmi fl-Artikolu 9. Il-Kummissjoni tista' tagħmel proposti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-emendar ta' din id-Direttiva fejn meħtieġ.

Emenda

**(20b) fl-Artikolu 30, jiżdied il-paragrafu li ġej:**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test fis-seħħ

Emenda

**“4a. Meta tirrevedi din id-Direttiva, f’konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tanalizza kif jistgħu jiġu stabbiliti rabtiet bejn l-EU ETS u swieq oħra tal-karbonju, mingħajr ma xxekkel il-ksib tal-obiettiv tan-newtralità klimatika u tal-miri klimatiċi tal-Unjoni kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119.”**

**Emenda 577****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Kapitolu IVa – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

SISTEMA TA’ SKAMBJU TA’ KWOTI TAL-EMISSJONIJIET GĦALL-BINI U GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ

Emenda

SISTEMA TA’ SKAMBJU TA’ KWOTI TAL-EMISSJONIJIET GĦALL-BINI, GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ **U GĦAL FJUWILS OĦRA**

**Emenda 578****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

SISTEMA TA’ SKAMBJU TA’ KWOTI TAL-EMISSJONIJIET GĦALL-BINI U GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ

Emenda

**1a. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Kapitolu għandhom japplikaw fir-rigward tar-rilaxx għall-konsum ta’ fjuwils użati għat-trasport privat bit-triq u għat-tisħin u għat-tkessiħ privat ta’ bini residenzjali sal-1 ta’ Jannar 2029, soġġett għall-valutazzjoni prevista fil-paragrafu 1b.**

**Emenda 579****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30a – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

SISTEMA TA’ SKAMBJU TA’ KWOTI TAL-EMISSJONIJIET GĦALL-BINI U GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ

Emenda

**1b. Jekk il-kundizzjonijiet ikunu tajbin, il-Kummissjoni għandha timmira li testendi dan il-Kapitolu għall-emissjonijiet mit-trasport privat bit-triq u mit-tisħin u mit-tkessiħ privat ta’ bini residenzjali mill-1 ta’ Jannar 2029.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sal-1 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih għandha tivvaluta l-estensjoni ta' dan il-Kapitolu għall-emissjonijiet mit-trasport privat bit-triq u mit-tisħin u mit-tkessiġ privat ta' bini residenzjali mill-1 ta' Jannar 2029 b'mod li ħadd ma jitħalla lura. B'mod partikolari, dak ir-rapport għandu jinkludi:

- (a) valutazzjoni dettaljata tal-evoluzzjoni tal-faqar enerġetiku u tal-mobbiltà fl-Unjoni u f'kull Stat Membru kif irrapportat skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) .../... [Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima];
- (b) valutazzjoni dettaljata tar-riżultati tal-miżuri u l-investimenti inklużi fil-Pjanijiet Soċjali għall-Klima tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tal-għadd ta' persuni li nħarġu mill-faqar enerġetiku u tal-mobbiltà b'riżultat ta' dawk il-miżuri u l-investimenti, u ta' investimenti oħra minn fondi oħra tal-Unjoni;
- (c) analiżi dettaljata u kwantifikazzjoni tat-tnaqqis addizzjonali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jista' jinkiseb permezz ta' din l-estensjoni, kif ukoll il-progress tal-Istati Membri lejn il-ksib tal-miri stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/842;
- (d) valutazzjoni tal-fattibbiltà u l-modalitajiet tar-rapportar tat-trasferiment tal-kostijiet u l-mekkaniżmu ta' limitu stabbilit fl-Artikolu 30f(2a).

Abbażi tar-riżultati ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta rieżami mmirat ta' din id-Direttiva u tar-Regolament (UE) .../... [Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima] biex dan il-Kapitolu jiġi estiż għall-emissjonijiet mit-trasport privat bit-triq u mit-tisħin u mit-tkessiġ privat ta' bini residenzjali mill-1 ta' Jannar 2029.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 580**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30a – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**1c.** Stat Membru jista' jiddeċiedi li d-deroga fir-rigward ta' fjuwils li jintużaw għall-kombustjoni fit-trasport privat bit-triq u t-tisħin u t-tkessiħ privat ta' bini residenzjali msemmi fil-paragrafu 1a ma għandhiex tapplika fit-territorju tiegħu, dment li jkollu fis-seħħ programmi suffiċjenti biex jappoġġaw unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u biex jindirizzaw il-faqar enerġetiku u tal-mobbiltà u soġġett għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni jekk ikollu l-intenzjoni li jieħu tali deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Istat Membru għandux biżżejjed programmi fis-seħħ għal dawk il-finijiet u tinforma lill-Istat Membru bid-deċiżjoni tagħha.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 581****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Artikolu 30aa**

1. Meta, fis-sitt xhur konsekuttivi li jippreċedu s-sena tal-bidu tal-irkantar tal-kwoti għall-fjuwils li jintużaw għall-kombustjoni fit-trasport privat bit-triq u fit-tisħin u fit-tkessiħ privat ta' bini residenzjali skont l-Artikolu 30a (1a), il-prezz medju tal-fjuwils għall-konsum fis-setturi koperti minn dan il-Kapitolu huwa aktar mill-prezz medju ta' tali fjuwils f'Marzu 2022, l-iskadenza biex jiġu ċeduti l-kwoti fir-rigward ta' fjuwils li jintużaw għall-kombustjoni fit-trasport privat bit-triq u fit-tisħin u fit-tkessiħ privat ta' bini residenzjali, imsemmija fl-Artikolu 30d(1), għandha tiġi estiża sakemm il-prezz jinżel taħt dak il-limitu.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, f'każ li l-Fond Soċjali għall-Klima stabbilit bir-Regolament (UE) .../... [Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima] ma jkunx beda jopera, jew ikun ilu jopera għal inqas minn tliet snin, l-irkantar tal-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu għandu jiddewwem sakemm il-Fond Soċjali għall-Klima jkun ilu jopera għal mill-inqas tliet snin.

2. Jekk applikabbli, il-Kummissjoni għandha tippubblika li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jkunx ssodisfati qabel il-bidu tal-irkantijiet fil-qafas ta' dan il-Kapitolu.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

### Emenda 582

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30b – paragrafu 1

#### Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mill-1 ta' Jannar **2025**, l-ebda entità regolata ma twettaq l-attività msemmija fl-Anness III, sakemm dik l-entità regolata ma jkollhiex permess maħruġ minn awtorità kompetenti f'konformità mal-paragrafi 2 u 3.

#### Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mill-1 ta' Jannar **2024**, l-ebda entità regolata ma twettaq l-attività msemmija fl-Anness III, sakemm dik l-entità regolata ma jkollhiex permess maħruġ minn awtorità kompetenti f'konformità mal-paragrafi 2 u 3.

### Emenda 583

#### Proposta għal direttiva

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30c – paragrafu 1

#### Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-kwantità ta' kwoti maħruġa fl-Unjoni kollha skont dan il-Kapitolu kull sena mill-**2026** għandha tonqos b'mod lineari mill-2024. Il-valur tal-2024 għandu jiġi definit bħala l-limiti tal-emissjonijiet tal-2024, ikkalkolati abbażi tal-emissjonijiet ta' referenza skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*)** għas-setturi koperti minn dan il-Kapitolu u bl-applikazzjoni tat-trajettorja lineari għat-tnaqqis tal-emissjonijiet kollha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Il-kwantità għandha tonqos kull sena wara l-2024 b'fattur ta' tnaqqis lineari ta' 5,15%. Sal-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità **ta'** kwoti għall-Unjoni kollha għas-sena **2026**.

#### Emenda

1. Il-kwantità ta' kwoti maħruġa fl-Unjoni kollha skont dan il-Kapitolu kull sena mill-**2025** għandha tonqos b'mod lineari mill-2024. Il-valur tal-2024 għandu jiġi definit bħala l-limiti tal-emissjonijiet tal-2024, ikkalkolati abbażi tal-emissjonijiet ta' referenza skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2018/842 għas-setturi koperti minn dan il-Kapitolu u bl-applikazzjoni tat-trajettorja lineari għat-tnaqqis tal-emissjonijiet kollha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Il-kwantità għandha tonqos kull sena wara l-2024 b'fattur ta' tnaqqis lineari ta' 5,15%. Sal-1 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni għandha tippubblika l-kwantità **ta'** kwoti għall-Unjoni kollha għas-sena **2025**.

(\*) Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 584****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30c – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. *Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi ammont addizzjonali ta' kwoti li għandhom jinħarġu għal kull sena mill-2025 'il quddiem biex tikkumpensa għal kwoti ċeduti f'każijiet li fihom kien hemm għadd doppju tal-emissjonijiet, minkejja r-regoli biex jiġi evitat tali għadd doppju kif imsemmi fl-Artikolu 30f(4). L-ammont addizzjonali ta' kwoti stabbilit mill-Kummissjoni għandu jikkorrispondi għall-ammont totali ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra kkompensat fis-sena ta' rapportar rilevanti skont l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 30f(4a).*

**Emenda 585****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Mill-**2026**, il-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu għandhom jiġu rkantati, sakemm ma jitqegħdux fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814. Il-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu għandhom jiġu rkantati separatament mill-kwoti koperti mill-Kapitoli II, IIa u III.

1. Mill-**2025**, il-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu għandhom jiġu rkantati, sakemm ma jitqegħdux fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq stabbilita bid-Deċiżjoni (UE) 2015/1814. Il-kwoti koperti minn dan il-Kapitolu għandhom jiġu rkantati separatament mill-kwoti koperti mill-Kapitoli II, IIa u III.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 586****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30d – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-irkant tal-kwoti skont dan il-Kapitolu għandu jibda fl-**2026** b'volum li jikkorrispondi għal 130 % tal-volumi tal-irkant għall-**2026** stabbiliti abbażi tal-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għal dik is-sena u l-ishma u l-volumi tal-irkant rispettivi skont il-paragrafi 3, 5 u 6. Il-volumi addizzjonali li għandhom jiġu rkantati għandhom jintużaw biss biex jiġu ċeduti l-kwoti skont l-Artikolu 30e(2) u jitnaqqsu mill-volumi tal-irkant għall-perjodu mill-2028 sal-2030. Il-kundizzjonijiet għal dawn l-irkantijiet bikrija għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 7 u mal-Artikolu 10(4).

*Emenda*

L-irkant tal-kwoti skont dan il-Kapitolu għandu jibda fl-**2025** b'volum li jikkorrispondi għal 130 % tal-volumi tal-irkant għall-**2025** stabbiliti abbażi tal-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha għal dik is-sena u l-ishma u l-volumi tal-irkant rispettivi skont il-paragrafi 3, 5 u 6. Il-volumi addizzjonali li għandhom jiġu rkantati għandhom jintużaw biss biex jiġu ċeduti l-kwoti skont l-Artikolu 30e(2) u jitnaqqsu mill-volumi tal-irkant għall-perjodu mill-2028 sal-2030. Il-kundizzjonijiet għal dawn l-irkantijiet bikrija għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 7 u mal-Artikolu 10(4).

**Emenda 587****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30d – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fl-**2026**, se jinħolqu 600 miljun kwota koperti minn dan il-Kapitolu bħala parteċipazzjonijiet fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq skont l-Artikolu 1a(3) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814.

*Emenda*

Fl-**2025**, se jinħolqu 600 miljun kwota koperti minn dan il-Kapitolu bħala parteċipazzjonijiet fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq skont l-Artikolu 1a(3) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814.



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 588

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30d – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Għandhom jiġu rkantati 150 miljun kwota maħruġa taħt dan il-Kapitolu u d-dħul kollu minn dawn l-irkanti għandu **jiġi magħmul** disponibbli għall-Fond **għall-Innovazzjoni** stabbilit skont l-**Artikolu 10a(8)**. L-**Artikolu 10a(8)** għandu **japplika għall-kwoti msemmija f'dan il-paragrafu**.

Emenda

3. Għandhom jiġu rkantati 150 miljun kwota maħruġa taħt dan il-Kapitolu u d-dħul kollu minn dawn l-irkanti għandu **jsir** disponibbli għall-Fond **Soċjali għall-Klima** stabbilit skont **ir-Regolament (UE) .../... [Ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima] bħala dħul estern assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*)**, u għandu **jintuża f'konformità mar-regoli applikabbli għall-Fond Soċjali għall-Klima**.

(\*) **Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).**

## Emenda 589

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30d – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**3a. Sabiex jiġi żgurat li l-appropriazzjonijiet disponibbli għall-Fond Soċjali għall-Klima fil-baġit tal-Unjoni jkunu jistgħu jevolvu f'allinjament mill-qrib mal-prezz tal-karbonju, u b'hekk, mal-piż għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-utenti tat-traffiku, Mekkaniżmu ta' Aġġustament għall-Fluttwazzjonijiet tal-Prezz tal-Karbonju għandu jippermetti rinforzi annwali. Id-dispożizzjonijiet dettaljati għandhom jiġu previsti fir-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, li, f'konformità mal-Artikolu 312 tat-TFUE, għandu jiżgura li l-limiti massimi tan-nefqa rilevanti jiġu aġġustati awtomatikament kull sena skont ir-rata tal-bidla tal-prezz tal-karbonju fl-ambitu tal-EU ETS għall-bini, għat-trasport bit-triq u għal fjuwils oħra. L-impatt baġitarju tal-aġġustament annwali għandu jiġi bbaġitjat.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 590

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30d – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

## Test propost mill-Kummissjoni

5. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 4, ħliet għad-dħul stabbilit bħala riżorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311(3) tat-TFUE u mdaħħal fil-baġit tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul tagħhom **għal waħda jew aktar mill-attivitàjiet imsemmija fl-Artikolu 10(3) jew għal waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:**

## Emenda

5. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 4, ħliet għad-dħul stabbilit bħala riżorsi proprji f'konformità mal-Artikolu 311(3) tat-TFUE u mdaħħal fil-baġit tal-Unjoni **bħala introjtu ġenerali**. L-Istati Membri għandhom jużaw id-dħul tagħhom **l-ewwel għall-kofinanzjament nazzjonali tal-Pjanijiet Soċjali tagħhom għall-Klima u, għal kwalunkwe dħul li jifdal, għal miżuri u investimenti soċjali għall-klima f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) .../... [Ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima]:**

## Emenda 591

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30d – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a

## Test propost mill-Kummissjoni

(a) miżuri maħsuba biex jikkontribwixxu **għad-dekarbonizzazzjoni** tat-tiżhin u tat-teksturi tal-bini jew għat-tnaqqis tal-ħtiġijiet tal-enerġija tal-bini, **inkluża l-integrazzjoni ta' enerġiji rinnovabbli u miżuri relatati skont l-Artikoli 7(11), 12 u 20 tad-Direttiva 2012/27/UE [ir-referenzi għandhom jiġu aġġornati bid-Direttiva riveduta], kif ukoll miżuri li jipprovdu appoġġ finanzjarju għal unitajiet domestiċi bi dħul baxx f' bini bl-agħar rendiment;**

## Emenda

(a) miżuri maħsuba biex jikkontribwixxu **għan-newtralità klimatika** tat-tiżhin u tat-teksturi tal-bini jew għat-tnaqqis tal-ħtiġijiet tal-enerġija tal-bini **f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) .../... [Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima];**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 592****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30d – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) miżuri maħsuba biex jaċċelleraw l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew biex jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-introduzzjoni ta' infrastruttura kompletament interoperabbli tar-riforniment tal-fjuwil u tal-irriċarġjar għal vetturi b'emissjonijiet żero jew miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu tranżizzjoni lejn forom pubbliċi tat-trasport u jtejbu l-multi-modalità, **jew biex jipprovdu appoġġ finanzjarju sabiex jiġu indirizzati l-aspetti soċjali li jikkonċernaw l-utenti tat-trasport bi dħul baxx u medju.**

*Emenda*

(b) miżuri maħsuba biex jaċċelleraw l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero jew biex jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-introduzzjoni ta' infrastruttura kompletament interoperabbli tar-riforniment tal-fjuwil u tal-irriċarġjar għal vetturi b'emissjonijiet żero jew miżuri maħsuba biex jinkoraġġixxu tranżizzjoni lejn forom pubbliċi tat-trasport u jtejbu l-multi-modalità **f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) .../... [Ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima].**

**Emenda 593****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30e – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Mill-1 ta' Jannar **2027**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sat-30 ta' April ta' kull sena, l-entità regolata ċċedi għadd ta' kwoti koperti minn dan il-Kapitolu, **li huwa** ugwali għall-emissjonijiet totali, li jikkorrispondu għall-kwantità ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum skont l-Anness III, matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ivverifikat f'konformità mal-Artikoli 15 u 30f, u li daww il-kwoti sussegwentement jiġu kkanċellati.

*Emenda*

2. Mill-1 ta' Jannar **2026**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sat-30 ta' April ta' kull sena, l-entità regolata ċċedi għadd ta' kwoti koperti minn dan il-Kapitolu, ugwali għall-emissjonijiet totali, li jikkorrispondu għall-kwantità ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum skont l-Anness III, matul is-sena kalendarja preċedenti, kif ivverifikat f'konformità mal-Artikoli 15 u 30f, u li daww il-kwoti sussegwentement jiġu kkanċellati.

**Emenda 594****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30f – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull entità regolata timmonitorja, għal kull sena kalendarja mill-**2025**, l-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum skont l-Anness III. Huma għandhom jiżguraw ukoll li kull entità regolata tirrapporta dawn l-emissjonijiet lill-awtorità kompetenti fis-sena ta' wara, billi tibda mill-**2026**, f'konformità mal-atti msemmija fl-Artikolu 14(1).

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull entità regolata timmonitorja, għal kull sena kalendarja mill-**2024**, l-emissjonijiet li jikkorrispondu għall-kwantitajiet ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum skont l-Anness III. Huma għandhom jiżguraw ukoll li kull entità regolata tirrapporta dawn l-emissjonijiet lill-awtorità kompetenti fis-sena ta' wara, billi tibda mill-**2025**, f'konformità mal-atti msemmija fl-Artikolu 14(1).

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 595

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30f – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Soġġett għall-valutazzjoni fl-Artikolu 30a(1b), it-tieni subparagrafu, il-punt (d), minn ... [sena qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu fir-rigward tal-fjuwils li jintużaw għall-kombustjoni fit-trasport privat bit-triq u fit-tisħin u t-tkessiħ privat ta' bini residenzjali] u kull xahar minn hemm 'il quddiem, l-entitajiet regolati għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni tqassim tal-kostijiet li jiġu inklużi fil-prezz bl-immnut tal-fjuwils rilaxxati għall-konsum skont l-Anness III, inkluż b'mod partikolari s-sehem tat-taxxi u t-tariffi nazzjonali u l-kostijiet relatati maċ-ċediment tal-kwoti fil-prezz bl-immnut, kif ukoll il-perċentwal tal-kostijiet relatati maċ-ċediment tal-kwoti li jiġi ttrasferit lill-konsumatur finali. Meta dan il-perċentwal jinbidel b'aktar minn ħames punti perċentwali meta mqabbel mal-aħħar perjodu ta' rapportar, għandha tiġi pprovduta spjegazzjoni.

Sa ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Kapitolu], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-kategoriji ta' rapportar u l-format li għandhom jintużaw għar-rapportar f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22a(2).

Minn ... [id-data tal-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu fir-rigward ta' fjuwils li jintużaw għall-kombustjoni fit-trasport privat bit-triq u fit-tisħin u t-tkessiħ privat ta' bini residenzjali] jew, jekk Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 30a(1c) ikun iddeċieda li d-deroga msemmija fil-paragrafu 1a ta' dak l-Artikolu ma tapplikax, minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Kapitolu], l-entitajiet regolati ma għandhomx jittrasferixxu aktar minn 50 % tal-kostijiet relatati maċ-ċediment tal-kwoti għall-fjuwils rilaxxati għall-konsum skont l-Anness III lill-konsumatur finali.

Fejn il-Kummissjoni ssib li entità regolata tkun ittrasferiet sehem mill-kostijiet ogħla minn 50 %, dik l-entità għandha tħallas penali f'konformità mal-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva. L-ammont tal-penali għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-kwantità ta' kwoti ekwivalenti għat-trasferiment żejjed f'konformità ma' dan il-paragrafu, immultiplikata bl-ogħla prezz tas-saldu tas-suq primarju jew sekondarju rreġistrat għall-kwoti taħt dan il-Kapitolu fis-sena preċedenti. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-prezz tal-penali tat-trasferiment żejjed. Id-dħul iġġenerat mill-penali msemmija f'dan is-subparagrafu għandu jiġi allokati għall-Fond Soċjali għall-Klima msemmi fir-Regolament (UE) .../... [Ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima].

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 596****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30f – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet regolati jkunu jistgħu jidentifikaw u jiddokumentaw b'mod affidabbli u preċiż, għal kull tip ta' fjuwil, il-volumi preċiżi ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum, **li jintużaw għall-kombustjoni fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, kif identifikati fl-Anness III**, u l-użu finali tal-fjuwils rilaxxati għall-konsum mill-entitajiet regolati. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jevitaw kwalunkwe riskju ta' għadd doppju tal-emissjonijiet koperti taħt dan il-Kapitolu u tal-emissjonijiet koperti taħt il-Kapitolu II, IIa u III. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-evitar tal-għadd doppju f'konformità mal-Artikolu 14(1).

*Emenda*

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-entitajiet regolati jkunu jistgħu jidentifikaw u jiddokumentaw b'mod affidabbli u preċiż, għal kull tip ta' fjuwil, il-volumi preċiżi ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum **skont l-Anness III**, u l-użu finali tal-fjuwils rilaxxati għall-konsum mill-entitajiet regolati. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jevitaw kwalunkwe riskju ta' għadd doppju tal-emissjonijiet koperti taħt dan il-Kapitolu u tal-emissjonijiet koperti taħt il-Kapitolu II, IIa u III. Għandhom jiġu adottati regoli dettaljati **u armonizzati** għall-e-vitar tal-għadd doppju f'konformità mal-Artikolu 14(1).

(Din l-emenda fir-rigward ta' fjuwils rilaxxati għall-konsum "li jintużaw għall-kombustjoni fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq, kif identifikati fl-Anness III" tapplika tul it-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

**Emenda 597****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30f – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

**4a.** Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi r-regoli kompletament armonizzati u applikabbli għall-Unjoni kollha rigward il-kumpens ta' kostijiet li jokkorru minn għadd doppju għal operaturi ta' installazzjonijiet skont l-Artikolu 3e li jiġġarrbu minn kostijiet trasferiti fil-prezzijiet tal-fjuwils li jikkonċernaw emissjonijiet mill-kombustjoni tal-fjuwils, u dment li daww l-emissjonijiet jiġu rrapportati mill-operatur skont l-Artikolu 14 kif ukoll mill-entità regolata skont dan l-Artikolu, u li l-għadd doppju ma jiġix evitat skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Il-kalkolu tal-ammont tal-kumpens għandu jkun ibbażat fuq il-prezz medju tal-kwoti rkantati skont l-Artikolu 30d(4) fis-sena ta' rapportar ikkonċernata skont dan l-Artikolu. Id-dħul iġġenerat mill-irkant ta' kwoti koperti minn dan il-Kapitolu għandu, sal-punt meħtieġ u sa livell li jikkorrispondi għall-għadd doppju fis-sena ta' rapportar skont dan l-Artikolu, jintuża għall-ammont tal-kumpens.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 598**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30h – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**2a.** Fejn, qabel l-1 ta' Jannar 2030, kull darba li l-prezz medju tal-kwoti msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jaqbeż limitu massimu tal-prezz ta' EUR 50, il-Kummissjoni għandha, bħala kwistjoni ta' urġenza, tadotta deċiżjoni biex tirrilaxxa 10 miljun kwota koperti b'dan il-Kapitolu mir-riżerva tal-istabbiltà tas-suq f'konformità mal-Artikolu 1a(7) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814.

Fejn, qabel l-1 ta' Jannar 2030, il-prezz medju tal-kwoti msemmi fil-paragrafu 1 jaqbeż EUR 45, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, bħala kwistjoni ta' urġenza, jieħdu aktar miżuri biex inaqqsu l-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju sabiex jevitaw li jintlaħaq il-limitu massimu tal-prezz imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

F'każ li japplikaw il-paragrafi 1 jew 2, l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu għandha tiġi sospiża matul dak il-perjodu.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 599****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30i – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sal-1 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu fir-rigward tal-effettività, l-amministrazzjoni u l-applikazzjoni prattika tagħhom, inkluż dwar l-applikazzjoni tar-regoli skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 u l-użu ta' kwoti ta' dan il-Kapitolu biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' konformità tal-entitajiet ta' konformità koperti mill-Kapitoli II, IIa u III. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha takkumpanja dan ir-rapport bi proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi emendat dan il-Kapitolu. Sal-31 ta' Ottubru 2031, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-integrazzjoni tas-setturi koperti mill-Anness III fis-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet li tkopri s-setturi elenkati fl-anness 1 tad-Direttiva 2003/87/KE.

*Emenda*

Sal-1 ta' Jannar 2028, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu fir-rigward tal-effettività, l-amministrazzjoni u l-applikazzjoni prattika tagħhom, inkluż dwar l-applikazzjoni tar-regoli skont id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 u l-użu ta' kwoti ta' dan il-Kapitolu biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' konformità tal-entitajiet ta' konformità koperti mill-Kapitoli II, IIa u III. Fejn xieraq, il-Kummissjoni għandha takkumpanja dan ir-rapport bi proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi emendat dan il-Kapitolu. **Sal-1 ta' Jannar 2029, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih tivvaluta jekk il-limitu massimu tal-prezz imsemmi fl-Artikolu 30h(2a), l-ewwel subparagrafu, kienx effettiv u jekk għandux jtkompla. Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, takkumpanja dak ir-rapport bi proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda din id-Direttiva biex taġġusta dak il-limitu massimu tal-prezz, fi żmien xieraq biex dan ikun japplika mill-1 ta' Jannar 2030.** Sal-31 ta' Ottubru 2031, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-integrazzjoni tas-setturi koperti mill-Anness III fis-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet li tkopri s-setturi elenkati fl-anness 1 tad-Direttiva 2003/87/KE.

**Emenda 600****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30i – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

**Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-possibbiltà ta' emendi għal din id-Direttiva fir-rigward tas-simplifikazzjoni regolatorja. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jadattaw fuq bażi kontinwa għall-proċeduri amministrattivi tal-aħjar prattika u jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jissimplifikaw l-infurzar ta' din id-Direttiva, filwaqt li jżommu l-piżijiet amministrattivi għal livell minimu.**



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 601****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21a (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(21a) jiddaħħal l-artikolu li ġej:****“Artikolu 30ia****Pjanijiet direzzjonali settorjali**

1. Sal-1 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni, appoġġata mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima, għandha tippubblika pjanijiet direzzjonali indikattivi għall-attivitajiet koperti mill-Anness I ta' din id-Direttiva lejn il-kisba tal-oġġettiv tal-Unjoni ta' newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u l-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem kif stipulat fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2021/1119.

2. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-individwi, is-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali, l-akkademja, dawk li jfasslu l-politika u s-setturi u s-sottosetturi affettwati b'din id-Direttiva, waqt li tkun qed tħejji l-pjanijiet direzzjonali previsti fil-paragrafu 1.

3. Kull erba' snin wara l-pubblikazzjoni tal-pjanijiet direzzjonali previsti fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha taġġorna dawk il-pjanijiet direzzjonali f'konformità mal-għarfien xjentifiku l-aktar reċenti, filwaqt li tikkoopera mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kif imsemmi fil-paragrafu 2.

4. Id-data kollha li tintuża għall-produzzjoni tal-pjanijiet direzzjonali settorjali previsti fil-paragrafu 1, u għall-aġġornamenti tagħhom skont il-paragrafu 3, għandha ssir disponibbli għall-pubbliku, f'forma li tkun faċilment aċċessibbli.”;

**Emenda 602****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21b (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30ib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(21b) jiddaħħal l-artikolu li ġej:**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**“Artikolu 30ib****Parir xjentifiku dwar is-setturi tal-EU ETS**

Il-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima jista', fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jipprova pariri xjentifiċi u jorog rapporti dwar din id-Direttiva, u l-konsistenza tagħha mal-oġġettivi klimatiċi tar-Regolament (UE) 2021/1119 u tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari bl-għan li tinkiseb tranżizzjoni ġusta u li jservu ta' informazzjoni għal kwalunkwe revizzjoni sussegwenti ta' din id-Direttiva. Il-pariri kollha ppreżentati mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima skont dan l-Artikolu għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku, f'forma li tkun aċċessibbli faċilment. Il-Kummissjoni għandha tqis b'mod xieraq il-parir tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u tiġġustifika pubblikament ir-raġunijiet għala tkun injoratu.”;

**Emenda 603****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21 c (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Kapitolu IVaa (ġdid) – Artikoli 30iċ (ġdid) u 30id (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(21c) jiddaħħal il-kapitolu li ġej wara l-Artikolu 30ib:****“KAPITOLU IVaa****Il-viżibbiltà tal-appoġġ finanzjarju mid-dħul tal-EU ETS****Artikolu 30iċ****Il-viżibbiltà tal-appoġġ finanzjarju mid-dħul nazzjonali tal-EU ETS**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament mid-dħul tal-EU ETS fl-operazzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 10(3), l-Artikolu 10a(6) u l-Artikolu 30d(5).

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-viżibbiltà tal-appoġġ finanzjarju għall-benefiċjarji finali u għall-pubbliku billi:

(a) juru tikketta xierqa li taqra ‘finanzjament mill-Unjoni Ewropea (Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet)', kif ukoll l-emblema tal-Unjoni u l-ammont tal-finanzjament, fuq dokumenti u materjal tal-komunikazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-operazzjoni maħsuba għall-benefiċjarji finali jew għall-pubbliku u, għal operazzjonijiet li jinvolvu investiment jew taġħmir fiżiku, plakek jew billboards viżibbli b'mod ċar u durabbli;

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) jipprovdu fuq is-sit web uffiċjali u s-siti tal-media soċjali tagħhom, fejn jeżistu tali siti, deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni, inklużi l-għanijiet u r-riżultati tagħha, u jenfasizzaw l-appoġġ finanzjarju mid-dħul tal-EU ETS.

3. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li r-regoli previsti fil-paragrafi 1 u 2 jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

#### Artikolu 30id

Il-viżibbiltà tal-appoġġ finanzjarju mid-dħul tal-EU ETS tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament mid-dħul tal-EU ETS fl-operazzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 10a(8) (il-Fond ta' Investiment għall-Klima), l-Artikolu 10d (il-Fond għall-Modernizzazzjoni) u l-Artikolu 3ġab (il-Fond għall-Oċeani) ta' din id-Direttiva u fir-Regolament (UE) .../... [Ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima].

2. Il-benefiċjarji għandhom jirrikonoxxu l-appoġġ finanzjarju mill-fondi msemmija fil-paragrafu 1 u l-orijini ta' daww il-fondi billi:

(a) juru tikketta xierqa li taqra 'finanzjament mill-Unjoni Ewropea (Is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet – [fond rilevanti])', kif ukoll l-emblema tal-Unjoni u l-ammont tal-finanzjament, fuq dokumenti u materjal tal-komunikazzjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-operazzjoni maħsuba għall-benefiċjarji finali jew għall-pubbliku u, għal operazzjonijiet li jinvolvu investiment jew taġmir fiżiku, plakek jew billboards viżibbli durabbli u b'mod ċar;

(b) jipprovdu fuq is-sit web uffiċjali u s-siti tal-media soċjali tagħhom, jekk jeżistu tali siti, deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni, inklużi l-għanijiet u r-riżultati tagħha, u jenfasizzaw l-appoġġ finanzjarju mid-dħul tal-fond rilevanti u tal-EU ETS;

3. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li r-regoli previsti fil-paragrafi 1 u 2 jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.”

#### Emenda 604

Proposta għal direttiva

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 21 d (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Artikolu 30i e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21d) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**“Artikolu 30ie****Rapport dwar il-ħtiġijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw**

**Sal-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni għandha tressaq rapport quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-ħtiġijiet ta' dekarbonizzazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dak ir-rapport għandu jinkludi:**

- (a) **valutazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għal kull pajjiż;**
- (b) **indikazzjoni tas-sorsi ewlenin tal-emissjonijiet għal kull pajjiż, li tindika, fejn possibbli, is-sehem tal-emissjonijiet attribwibbli għas-setturi tal-EU ETS u għas-setturi li mhumiex tal-EU ETS;**
- (c) **indikazzjoni tal-perkorsi ta' dekarbonizzazzjoni possibbli għal kull pajjiż;**
- (d) **il-kontributi ta' kull pajjiż stabbiliti fil-livell nazzjonali fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi.”**

**Emenda 605****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c**

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814

Artikolu 1 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fi kwalunkwe sena partikolari, jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun bejn **833** miljun u **1 096** miljun, għadd ta' kwoti ugwali għad-differenza bejn l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni, kif stabbilit fl-aktar pubblikazzjoni reċenti msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u **833** miljun, għandhom jitnaqqsu mill-volum ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u għandhom jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' Settembru ta' dik is-sena. Jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun ogħla minn **1 096** miljun kwota, l-għadd ta' kwoti li għandhom jitnaqqsu mill-volum ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' Settembru ta' dik is-sena għandu jkun ugwali għal 12 % tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni. B'deroga mill-aħħar sentenza, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-persentaġġ għandu jiġi rduppjat.

Fi kwalunkwe sena partikolari, jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun bejn **700** miljun u **921** miljun, għadd ta' kwoti ugwali għad-differenza bejn l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni, kif stabbilit fl-aktar pubblikazzjoni reċenti msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u **700** miljun, għandhom jitnaqqsu mill-volum ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u għandhom jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' Settembru ta' dik is-sena. Jekk l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni jkun ogħla minn **921** miljun kwota, l-għadd ta' kwoti li għandhom jitnaqqsu mill-volum ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE u li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva fuq perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-1 ta' Settembru ta' dik is-sena għandu jkun ugwali għal 12 % tal-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni. B'deroga mill-aħħar sentenza, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-persentaġġ għandu jiġi rduppjat. **Mill-2025, il-valuri limiti msemmija f'dan is-subparagrafu għandhom jitnaqqsu b'mod proporzjonat għat-tnaqqis tal-kwantità ta' kwoti għall-Unjoni kollha msemmija fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2003/87/KE fl-istess sena.**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 606

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1814

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-funzjonament ta' din ir-riżerva fil-kuntest tar-rapport previst fl-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2003/87/KE. Dak ir-rapport għandu jikkunsidra l-effetti rilevanti fuq il-kompetittività, b'mod partikolari fis-settur industrijali, inkluż fir-rigward tal-PDG, tal-impjiegi u tal-indikaturi tal-investment. Fi żmien tliet snin minn meta r-riżerva tibda topera, u f'intervalli ta' ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' analiżi tal-funzjonament ordnat tas-suq Ewropew tal-karbonju, tirrevedi r-riżerva u tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill meta dan ikun xieraq. Kull reviżjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari liċ-ċifra perċentwali għad-determinazzjoni tan-numru ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva skont l-Artikolu 1(5) ta' din id-Deċiżjoni, kif ukoll il-valur numeriku tal-valuri limiti għan-numru totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni u in-numru ta' kwoti li għandhom jinħarġu mir-riżerva skont l-Artikolu 1(6) jew (7) ta' din id-Deċiżjoni. Fir-reviżjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll l-impatt tar-riżerva fuq it-**tkabbir**, l-impjiegi, il-kompetittività industrijali tal-Unjoni u fuq ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

Emenda

(2a) *fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*

“Il-Kummissjoni, **appoġġata mill-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/1119**, għandha timmonitorja l-funzjonament ta' din ir-riżerva fil-kuntest tar-rapport previst fl-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2003/87/KE. Dak ir-rapport għandu jikkunsidra l-effetti rilevanti fuq **il-kisba tal-objettiv ta' newtralità klimatika u l-miri tal-Unjoni kif stipulati fir-Regolament (UE) 2021/1119 u fuq l-issodisfar tal-obbligi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi**, il-kompetittività, b'mod partikolari fis-settur industrijali, inkluż fir-rigward tal-PDG, tal-impjiegi, tal-indikaturi tal-investment u **l-objettiv li titwettaq tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura**. Fi żmien tliet snin minn meta r-riżerva tibda topera, u f'intervalli ta' ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha, abbażi ta' analiżi tal-funzjonament ordnat tas-suq Ewropew tal-karbonju, tirrevedi r-riżerva u tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill meta dan ikun xieraq. Kull reviżjoni għandha tagħti attenzjoni liċ-ċifra perċentwali għad-determinazzjoni tan-numru ta' kwoti li għandhom jitqiegħdu fir-riżerva skont l-Artikolu 1(5) ta' din id-Deċiżjoni, kif ukoll il-valur numeriku tal-valuri limiti għan-numru totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni, in-numru ta' kwoti li għandhom jinħarġu mir-riżerva skont l-Artikolu 1(6) jew (7) ta' din id-Deċiżjoni u **għażliet ta' żvilupp rilevanti oħra għar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq**. Fir-rieżami tagħha, il-Kummissjoni u **l-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima** għandhom iqisu wkoll l-impatt tar-riżerva fuq it-**tkabbir**, l-impjiegi, il-kompetittività industrijali tal-Unjoni u fuq ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.”

## Emenda 607

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt - 1 (ġdid)

Regolament (UE) 2015/757

Titolu

Test fis-seħħ

Emenda

(-1) *it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:*

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test fis-seħħ

Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet **tad-diossidu tal-karbonju** mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE

Emenda

“Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet **ta' gassijiet serra** mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE.”

## Emenda 608

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt - 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1a) **tul ir-Regolament kollu, ħliet fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) u fl-Anness I tar-Regolament, it-terminu “CO<sub>2</sub>” huwa sostitwit b’“gass serra” u ssir kwawlunkwe bidla grammatikali meħtieġa;**

## Emenda 609

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt - 1b (ġdid)

Regolament (UE) 2015/757

Artikolu 1

Test fis-seħħ

Emenda

(-1b) **L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

Artikolu 1

“Artikolu 1

Suġġett

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika preċiżi tal-emissjonijiet **tad-diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>)** u ta' informazzjoni oħra rilevanti minn bastimenti li jaslju jew ikunu f'portijiet, jew jitolqu minn portijiet, taħt **il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru, sabiex jippromwovi t-tnaqqis **tal-emissjonijiet** ta' **CO<sub>2</sub>** mit-trasport marittimu b'mod kosteffiċjenti.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika preċiżi tal-emissjonijiet **ta' gassijiet serra** u ta' informazzjoni oħra rilevanti minn bastimenti li jaslju jew ikunu f'portijiet, jew jitolqu minn portijiet, taħt **il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru, sabiex jippromwovi t-tnaqqis ta' **tali emissjonijiet** mit-trasport marittimu b'mod kosteffiċjenti.”

(Din l-emenda tapplika tul it-test kollu. L-adozzjoni tagħha se teħtieġ bidliet korrispondenti fit-test kollu.)

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 610

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt - 1c (ġdid)

Regolament (UE) 2015/757

Artikolu 2 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti **b'aktar minn 5 000 tunnellaġġ gross** fir-rigward ta' emissjonijiet CO<sub>2</sub> rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom mill-aħħar port ta' waqfa tagħhom lejn port ta' waqfa taħt **il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru u minn port ta' waqfa li jkun taħt **il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru għal port ta' waqfa li jmiss tagħhom, kif ukoll f'portijiet ta' waqfa taħt **il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru.

Emenda

**(-1c) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti **b'tunnellaġġ gross ta' 5 000 u aktar** fir-rigward ta' emissjonijiet **ta' gassijiet serra** rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom mill-aħħar port ta' waqfa tagħhom lejn port ta' waqfa taħt **il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru u minn port ta' waqfa li jkun taħt **il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru għal port ta' waqfa li jmiss tagħhom, kif ukoll f'portijiet ta' waqfa taħt **il-ġurisdizzjoni** ta' Stat Membru.

**1a. Mill-1 ta' Jannar 2024, dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti ta' tunnellaġġ gross ta' 400 jew aktar fir-rigward ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra rilaxxati matul il-vjaġġi tagħhom mill-aħħar port ta' waqfa tagħhom lejn port ta' waqfa taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u minn port ta' waqfa taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru lejn il-port ta' waqfa li jmiss tagħhom, kif ukoll f'portijiet ta' waqfa taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru. Madankollu, bastimenti ta' tunnellaġġ gross ta' 400 u aktar iżda ta' tunnellaġġ gross ta' inqas minn 5 000 għandhom ikunu meħtieġa jirrapportaw biss l-informazzjoni li tkun rilevanti għall-inklużjoni ta' tali bastimenti fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS mill-1 ta' Jannar 2027."**

## Emenda 611

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt - 1d (ġdid)

Regolament (UE) 2015/757

Artikolu 2 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal bastimenti tal-gwerra, bastimenti awżiljarji navali, bastimenti tal-qbid ta' ħut jew bastimenti tal-ipproċessar tal-ħut, bastimenti tal-injam b'binja primittiva, bastimenti li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi, **jew** bastimenti tal-gvern użati għal skopijiet mhux kummerċjali.

Emenda

**(-1d) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal bastimenti tal-gwerra, bastimenti awżiljarji navali, bastimenti tal-qbid ta' ħut jew bastimenti tal-ipproċessar tal-ħut, bastimenti tal-injam b'binja primittiva, bastimenti li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi, bastimenti tal-gvern użati għal skopijiet mhux kummerċjali **jew bastimenti għall-protezzjoni ċivili u skopijiet ta' tiftix u salvataġġ.**"



L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 612

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt - 1e (ġdid)

Regolament (UE) 2015/757

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ

Emenda

(a) “emissjonijiet ta’ **CO<sup>2</sup>**” tfisser ir-rilaxx ta’ CO<sub>2</sub> **fl-atmosfera minn bastimenti**;

(-1e) **fl-Artikolu 3, il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:**

“(a) ‘emissjonijiet ta’ **gassijiet serra**’ tfisser ir-rilaxx ta’ **diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>), metan (CH<sub>4</sub>) u ossidi nitrużi (N<sub>2</sub>O) fl-atmosfera**;

## Emenda 613

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt - 1f (ġdid)

Regolament (UE) 2015/757

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test fis-seħħ

Emenda

“(b) “port ta’ waqfa” tfisser port fejn bastiment jieqaf biex jgħabbi jew iħott **il-merkanzija** jew biex jimbarka jew jiżbarka **l-passiġġieri**; konsegwentement, **waqfiet** għall-finijiet uniċi ta’ riforniment ta’ fjuwil, akkwist ta’ provvisti, bdil **ta’ ekwipaġġ**, dħul **f’baċiri** jew tiswijiet lill-bastiment u/jew lit-tagħmir tiegħu, waqfiet f’port għaliex il-bastiment ikun jeħtieġ assistenza jew jinsab fil-periklu, **trażbordi** barra mill-portijiet, u waqfiet għall-iskop uniku ta’ rifuġju minn **temp ħażin** jew li jsiru meħtieġa minħabba attivitajiet ta’ tiftix u salvataġġ **huma esklużi**;

(-1f) **fl-Artikolu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:**

“(b) ‘port ta’ waqfa’ tfisser port fejn bastiment jieqaf biex jgħabbi jew iħott **merkanzija** jew biex jimbarka jew jiżbarka **passiġġieri**; konsegwentement, **huma esklużi minn din id-definizzjoni l-waqfiet** għall-finijiet uniċi ta’ riforniment ta’ fjuwil, akkwist ta’ provvisti, bdil **tal-ekwipaġġ**, dħul **f’baċir imbattal mill-ilma** jew **biex isiru** tiswijiet lill-bastiment u/jew lit-tagħmir tiegħu, waqfiet f’port għaliex il-bastiment ikun jeħtieġ assistenza jew jinsab fil-periklu, **trasferimenti minn bastiment għal ieħor imwettqa** barra mill-portijiet, **waqfiet f’port tat-trażbord mhux tal-UE** u waqfiet għall-iskop uniku ta’ rifuġju minn **kundizzjonijiet tat-temp ħżiena** jew **waqfiet** li jsiru meħtieġa minħabba attivitajiet ta’ tiftix u salvataġġ;”

## Emenda 614

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt - 1g (ġdid)

Regolament (UE) 2015/757

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test fis-seħħ

Emenda

(-1g) **fl-Artikolu 3, il-punt (c) huwa sostitwit b’dan li ġej:**

## L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test fis-seħħ

(c) "vjaġġ" tfisser kwalunkwe moviment ta' bastiment li joriġina minn port, jew jispiċċa f'port, ta' waqfa u li jaqdi l-funzjoni ta' trasport ta' passiġġieri jew merkanzija għal finijiet kummerċjali;

Emenda

"(c) 'vjaġġ' tfisser kwalunkwe moviment ta' bastiment li joriġina minn port, jew jispiċċa f'port ta' waqfa **jew struttura li tkun tinsab fuq il-blata kontinentali ta' Stat Membru, bħas-servizzi ta' provvista offshore**, u li jaqdi l-funzjoni ta' trasport ta' passiġġieri jew merkanzija għal finijiet kummerċjali **jew tat-twettiq ta' attivitajiet ta' servizz għall-installazzjonijiet offshore**;"

## Emenda 615

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Regulation (EU) 2015/757

Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) **fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu li ġej:**

"2a. **Sal-1 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika l-metodi għad-determinazzjoni u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra oħra minbarra dawk tas-CO<sub>2</sub>. Tali metodi għandhom ikunu bbażati fuq l-istess prinċipji bħall-metodi għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> kif stabbiliti fl-Anness I, bl-aġġustamenti meħtieġa minħabba n-natura tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra rilevanti.**"

## Emenda 616

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4 – punt -a (ġdid)

Regolament (UE) 2015/757

Artikolu 6 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. Il-pjan ta' monitoraġġ **jista'** wkoll ikun fih informazzjoni dwar il-klassi tas-silġ tal-bastiment u/jew il-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formuli u s-sorsi tad-data għad-determinazzjoni u r-reġistrazzjoni tad-distanza mbaħħra u ż-żmien ta' tbaħħir waqt li kien qed jinnaviga minn ġos-silġ.

Emenda

(-a) **il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

"4. **Għall-kumpaniji tat-tbaħħir li jixtiequ jċedu inqas kwoti tal-emissjonijiet abbażi tal-klassi tas-silġ jew tan-navi-gazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ tal-bastimenti tagħhom, jew abbażi tat-tnejn li huma, fl-ambitu tad-Direttiva 2003/87/KE**, il-pjan ta' monitoraġġ **għandu** wkoll ikun fih informazzjoni dwar il-klassi tas-silġ tal-bastiment u/jew il-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formuli u s-sorsi tad-data għad-determinazzjoni u r-reġistrazzjoni tad-distanza mbaħħra u ż-żmien ta' tbaħħir waqt li kien qed jinnaviga minn ġos-silġ."

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 617

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Regolament (UE) 2015/757

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ

**Il-kumpaniji** jistgħu wkoll jagħmlu monitoraġġ tal-informazzjoni relatata mal-klassi tas-silġ tal-bastiment u dik relatata man-navigazzjoni **minn ġos-silġ**, fejn applikabbli.

Emenda

(5a) fl-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“**Il-kumpaniji** jistgħu wkoll jagħmlu monitoraġġ tal-informazzjoni relatata mal-klassi tas-silġ tal-bastiment u dik relatata man-navigazzjoni **f'kundizzjonijiet ta' silġ**, fejn applikabbli. **Għall-kumpaniji tat-tbaħħir li jixtiequ jċedu inqas kwoti tal-emissjonijiet abbażi tal-klassi tas-silġ jew tan-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ tal-bastimenti tagħhom, jew abbażi tat-tnejn li huma, fl-ambitu tad-Direttiva 2003/87/KE, il-monitoraġġ għandu jinkludi informazzjoni dwar jekk il-vjaġġ involviex navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ, inkluża informazzjoni dwar id-data, il-ħin, u l-post tan-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ, il-metodu użat għall-kejl tal-konsum taż-żejt tal-fjuwil, il-konsum tal-fjuwil u l-fattur ta' emissjoni tal-fjuwil għal kull tip ta' fjuwil meta jinnavigaw f'kundizzjonijiet ta' silġ, u d-distanza vjaġġgata meta jinnavigaw f'kundizzjonijiet ta' silġ. Għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar jekk il-vjaġġ iseħħx bejn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, jitlaqx minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru jew jasalx f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.**”

## Emenda 618

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)

Regolament (UE) 2015/757

Artikolu 10 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

**Il-kumpaniji** jistgħu jagħmlu monitoraġġ tal-informazzjoni marbuta mal-klassi tas-silġ tal-bastiment u dik marbuta man-navigazzjoni minn ġos-silġ, fejn applikabbli.

Emenda

(6a) fl-Artikolu 10, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“**Il-kumpaniji** jistgħu jagħmlu monitoraġġ tal-informazzjoni marbuta mal-klassi tas-silġ tal-bastiment u dik marbuta man-navigazzjoni minn ġos-silġ, fejn applikabbli. **Għall-kumpaniji tat-tbaħħir li jixtiequ jċedu inqas kwoti tal-emissjonijiet abbażi tal-klassi tas-silġ jew tan-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ tal-bastimenti tagħhom, jew abbażi tat-tnejn li huma, fl-ambitu tad-Direttiva 2003/87/KE, il-monitoraġġ għandu jinkludi emissjonijiet aggregati ta' gassijiet serra mill-vjaġġi kollha li kienu jinvolvu navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ u d-distanza totali vjaġġgata matul il-vjaġġi li kienu jinvolvu navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ.**”

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 619****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a**

Regolament (UE) 2015/757

Artikolu 23 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(2), fir-rigward tal-iżgurar tal-funzjonament tal-EU ETS, u fl-Artikoli 6 (8), 7(5), 11a(4), 13(6) u 15(6), għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **żmien indeterminat** mid-dħul fis-seħħ tar-[Regolament rivedut dwar l-MRV].;

*Emenda*

Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 5(2), fir-rigward tal-iżgurar tal-funzjonament tal-EU ETS, u fl-Artikoli 6 (8), 7(5), 11a(4), 13(6) u 15(6), għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **ħames snin** mid-dħul fis-seħħ tar-[Regolament rivedut dwar l-MRV]. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, hliief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.**;

**Emenda 620****Proposta għal direttiva****Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

**1a. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 1, il-punt 15(-a) ta' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2025. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.**

**Emenda 621****Proposta għal direttiva****Anness I – paragrafu 1 – punt a**

Direttiva 2003/87/KE

Anness I – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

1. Installazzjonijiet jew partijiet minn installazzjonijiet użati għar-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' prodotti u proċessi ġodda, u **stallazzjonijiet fejn l-emissjonijiet mill-kombustjoni ta' bijomassa li jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti skont l-Artikolu 14 jikkontribwixxu għal aktar minn 95 % tal-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra**, mhumiex koperti minn din id-Direttiva.

1. Installazzjonijiet jew partijiet minn installazzjonijiet użati għar-riċerka, l-iżvilupp u l-ittestjar ta' prodotti u proċessi ġodda, u **installazzjonijiet li jużaw il-bijomassa b'mod esklużiv** mhumiex koperti minn din id-Direttiva.

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

**Emenda 622****Proposta għal direttiva****Anness I – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Anness I – punt 5

Test fis-seħħ

Emenda

**(aa) il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:**

5. Meta l-limitu minimu ta' **kapaċita** ta' **kull attivita** f'dan l-Anness jinstab li jkun inqabeż f'xi **istallazzjoni, il-junits** kollha li fihom **jinharq karburanti**, ħliet għall-impjanti għall-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż **jew muniċipali**, għandhom jiddaħħlu fil-permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra.

“5. Meta l-limitu minimu ta' **kapaċità** ta' **kwalunkwe attività** f'dan l-Anness jinstab li jkun inqabeż f'xi **installazzjoni, l-unitajiet** kollha li fihom **jinħarqu l-fjuwils**, ħliet għall-impjanti għall-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż, għandhom jiddaħħlu fil-permess għall-emissjoni tal-gassijiet serra.”

**Emenda 623****Proposta għal direttiva****Anness I – paragrafu 1 – punt b – punt -i (ġdid)**

Direttiva 2003/87/KE

Anness I – tabella – ringiela 1

Test fis-seħħ

Kombustjoni ta' **karburanti f'istallazzjonijiet b'kapaċità termika** totali **kkalkolata li taqbeż l-20 MW** (minbarra **istallazzjonijiet għat-trattament ta' skart perikoluż jew muniċipali**)

Diossidu tal-karbonju

Emenda

**(-i) l-ewwel ringiela hija sostitwita b'dan li ġej:**

Kombustjoni ta' **fjuwils f'installazzjonijiet b'input termiku nominali** totali li **jaqbeż l-20 MW** (minbarra **installazzjonijiet għall-inċinerazzjoni ta' skart perikoluż**) **inkluż, mill-1 ta' Jannar 2026, il-kombustjoni ta' fjuwils f'installazzjonijiet għall-inċinerazzjoni tal-iskart muniċipali**

Diossidu tal-karbonju

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

## Emenda 624

## Proposta għal direttiva

## Anness I – paragrafu 1 – punt c – punt v

Direttiva 2003/87/KE

Anness I – tabella – ringiela 24 – kolonna 1

Test proposit mill-Kummissjoni

Il-produzzjoni tal-idroġenu (H<sub>2</sub>) u ta' gass sintetiku b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-25 tunnellata kuljum

Emenda

Il-produzzjoni tal-idroġenu (H<sub>2</sub>) u ta' gass sintetiku b'kapaċità ta' produzzjoni li taqbeż il-25 tunnellata kuljum **u l-produzzjoni tal-idroġenu (H<sub>2</sub>) u ta' gass sintetiku fejn il-kontenut tal-enerġija jiġi minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli b'kapaċità tal-produzzjoni li taqbeż il-5 tunnellati kuljum**

## Emenda 625

## Proposta għal direttiva

## Anness I – paragrafu 1 – punt c – punt vii

Direttiva 2003/87/KE

Anness I – tabella – ringiela 30

Test proposit mill-Kummissjoni

"Trasport marittimu

L-attivitajiet tat-trasport marittimu ta' bastimenti koperti mir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwettqu vjaġġi bil-għan li jittrasportaw passiġġieri **jew** merkanzija għal finijiet kummerċjali

Gassijiet serra koperti mir-Regolament (UE) 2015/757";

Emenda

"Trasport marittimu

L-attivitajiet tat-trasport marittimu ta' bastimenti koperti mir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwettqu vjaġġi bil-għan li jittrasportaw passiġġieri, merkanzija għal finijiet kummerċjali **u li, mill-2024, iwettqu attivitajiet ta' servizz għall-installazzjonijiet offshore**

Dawn l-attivitajiet ma għandhomx jinkludu:

- (a) vjaġġi mwettqa fil-qafas ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jew li jkunu soġġetti għal obbligi ta' servizz pubbliku f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92;
- (b) vjaġġi umanitarji;
- (c) vjaġġi ta' tiftix u salvataġġ jew partijiet minn vjaġġi normali minn bastimenti fejn kellhom jitwettqu attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ;
- (d) forza maġġuri għall-vjaġġ kollu jew parti minnu.

**Id-diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>), l-ossidi nitrużi (N<sub>2</sub>O) u l-metan (CH<sub>4</sub>) f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/757"**

## Emenda 626

## Proposta għal direttiva

## Anness I – paragrafu 1 – punt 2

Direttiva 2003/87/KE

Anness III – tabella

## Test propost mill-Kummissjoni

<p>Attività:</p> <p><b>1.</b> Ir-rilaxx għall-konsum ta' karburanti li jintużaw għall-kombustjoni <b>fis-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq.</b></p> <p>Din l-attività ma għandhiex tinkludi:</p> <p>(a) ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li jintużaw fl-attivitàjiet stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva, ħliet jekk jintużaw għall-kombustjoni fl-attivitàjiet ta' trasport ta' gassijiet serra għall-ħżin ġeoloġiku (ringiela ta' attività sebgħa u għoxrin);</p> <p>(b) ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li l-fattur tal-emissjoni tagħhom huwa żero.</p> <p><b>2.</b> <i>Is-setturi tal-bini u tat-trasport bit-triq għandhom jikkorrispondu għas-sorsi ta' emissjonijiet li ġejjin, definiti fil-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006, bil-modifiki meħtieġa għal dawk id-definizzjonijiet, kif ġej:</i></p> <p>(a) <i>Ġenerazzjoni Kkombinata tas-Shana u tal-Elettriku (CHP) (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A1a ii) u l-Implanti tas-Shana (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A1a iii), sakemm jipproduċu s-sħana għall-kategoriji taħt (c) u (d) ta' dan il-punt, direttament jew permezz ta' networks tat-tisħin distrettwali;</i></p> <p>(b) <i>It-Trasport bit-Triq (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A3b), eskluż l-użu ta' vetturi agrikoli fuq toroq pavimentati;</i></p> <p>(c) <i>Kummerċjali/ Istituzzjonali (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A4a);</i></p> <p>(d) <i>Residenzjali (kodiċi tal-kategorija tas-sors 1A4b).</i></p>	<p>Gassijiet serra</p> <p>Diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>)</p>
---	--

## Emenda

<p>Attività:</p> <p>Ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li jintużaw għall-kombustjoni.</p> <p>Din l-attività ma għandhiex tinkludi:</p> <p>(a) ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li jintużaw fl-attivitàjiet stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva, ħliet jekk jintużaw għall-kombustjoni fl-attivitàjiet ta' trasport ta' gassijiet serra għall-ħżin ġeoloġiku (ringiela ta' attività sebgħa u għoxrin);</p>	<p>Gassijiet serra</p> <p>Diossidu tal-karbonju (CO<sub>2</sub>)</p>
---	--



## L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

<p>(b) ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils li l-fattur tal-emissjoni tagħhom huwa żero.</p> <p>(c) <i>ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils użati fl-agrikoltura;</i></p> <p>(d) <i>ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils użati f'bastimenti jew attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2015/757;</i></p> <p>(e) <i>ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils użati fl-attività "Avjazzjoni" msemmija fl-Anness I;</i></p> <p>(f) <i>ir-rilaxx għall-konsum ta' fjuwils użati għat-trasport privat bit-triq u għat-tiħin u t-tkessiħ privat ta' bini residenzjali sal-1 ta' Jannar 2029, soġġett għall-valutazzjoni prevista fl-Artikolu 30a (1b).</i></p>	
---	--

## Emenda 627

## Proposta għal direttiva

## Anness I – punt 3 – punt a – punt i

Direttiva 2003/87/KE

Anness IV – parti A – Kalkolu – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Il-fattur tal-emissjoni għall-bijomassa li jikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà u mal-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001, bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni skont din id-Direttiva, kif stabbilit fl-atti **ta' implimentazzjoni** msemmija fl-Artikolu 14, għandu jkun żero;

Emenda

Il-fattur tal-emissjoni għall-bijomassa li jikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà u mal-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa stabbiliti bid-Direttiva (UE) 2018/2001, bi kwalunkwe aġġustament meħtieġ għall-applikazzjoni skont din id-Direttiva, kif stabbilit fl-atti **delegati** msemmija fl-Artikolu 14, għandu jkun żero;

## Emenda 628

## Proposta għal direttiva

## Anness I – punt 4 a (ġdid)

Direttiva 2003/87/KE

Anness Va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) **jiżdied l-anness li ġej fid-Direttiva 2003/87/KE:**

“Anness Va

**Għażla li jiġi ċedut ammont aġġustat mill-ġdid ta' kwoti għall-bastimenti bi klassi tas-silġ**

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-ammont aġġustat mill-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet li għandu jiġi ċedut għall-bastimenti bi klassi tas-silġ għandu jikkorrispondi għal ammont aġġustat mill-ġdid ta' emissjonijiet li jiġi kkalkolat abbażi tal-formula ppreżentata f'dan l-Anness. L-ammont aġġustat mill-ġdid ta' emissjonijiet għandu jqis il-karatteristiċi tekniċi li jżidu l-emissjonijiet ta' bastimenti li jappartjenu għal klassi tas-silġ Finlandiża-Żvediża IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti matul in-navigazzjoni tul il-ħinijiet kollha u ż-żieda ulterjuri fl-emissjonijiet minħabba navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ.

L-ammont aġġustat mill-ġdid ta' kwoti tal-emissjonijiet li għandu jiġi ċedut kull sena jfisser l-ammont aġġustat mill-ġdid ta' emissjonijiet annwali  $CO_{2R}$ .

L-emissjonijiet totali annwali  $CO_{2T}$  fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS jiġu kkalkolati abbażi tar-rappurtar fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2015/757 kif ġej:

$$CO_{2T} = CO_{2T \text{ voyages between MS}} + CO_{2B} + 0,5 \times (CO_{2 \text{ voyages from MS}} + CO_{2 \text{ voyages to MS}}) \quad (1),$$

fejn  $CO_{2T \text{ voyages between MS}}$  jiddenota l-emissjonijiet aggregati tas- $CO_2$  mill-vjaġġi kollha bejn il-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru,  $CO_{2B}$  l-emissjonijiet li sehew fl-irmieġġ f'portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru,  $CO_{2eq \text{ voyages from MS}}$  l-emissjonijiet aggregati tas- $CO_2$  mill-vjaġġi kollha li telqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u  $CO_{2 \text{ voyages to MS}}$  l-emissjonijiet aggregati tas- $CO_2$  mill-vjaġġi kollha lejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

Bl-istess mod, l-emissjonijiet totali annwali ta' bastiment bi klassi tas-silġ meta jinnaviga f'kundizzjonijiet ta' silġ fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS  $CO_{2el}$  jiġu kkalkolati abbażi tar-rappurtar fl-ambitu tar-Regolament (UE) 2015/757 kif ġej:

$$CO_{2el} = CO_{2eq \text{ I voyages between MS}} + 0,5 \times (CO_{2eq \text{ I voyages from MS}} + CO_{2eq \text{ I voyages to MS}}) \quad (2),$$

fejn  $CO_{2eq \text{ I voyages between MS}}$  jiddenota l-emissjonijiet aggregati ta'  $CO_2$  ta' bastiment bi klassi tas-silġ meta jinnaviga f'kundizzjonijiet ta' silġ bejn il-portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru,  $CO_{2eq \text{ I voyages from MS}}$  l-emissjonijiet ta' bastiment bi klassi tas-silġ meta jinnaviga f'kundizzjonijiet ta' silġ mill-vjaġġi kollha li jkunu telqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u  $CO_{2eq \text{ I voyages to MS}}$  l-emissjonijiet ta' bastiment bi klassi tas-silġ meta jinnaviga f'kundizzjonijiet ta' silġ mill-vjaġġi kollha lejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

Id-distanza totali annwali vjaġġata fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS tiġi kkalkolata kif ġej:

$$D_T = D_{T \text{ voyages between MS}} + 0,5 \times (D_{T \text{ voyages from MS}} + D_{T \text{ voyages to MS}}) \quad (3),$$

## L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

fejn  $D_{T \text{ voyages between MS}}$  jiddenota  $d$ -distanza aggregata tal-vjaġġi kollha bejn il-portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru,  $D_{T \text{ voyages from MS}}$  id-distanza aggregata tal-vjaġġi kollha li telqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u  $D_{T \text{ voyages to MS}}$  id-distanza aggregata mill-vjaġġi kollha lejn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

Id-distanza aggregata vjaġġata meta ssir navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS jiġi kkalkolat kif ġej:

$$D_I = D_{I \text{ voyages between MS}} + 0,5 \times (D_{I \text{ voyages from MS}} + D_{I \text{ voyages to MS}}) \quad (4),$$

fejn  $D_{I \text{ voyages between MS}}$  jiddenota  $d$ -distanza aggregata mbaħħra f'kundizzjonijiet ta' silġ mill-vjaġġi kollha bejn il-portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru,  $D_{I \text{ voyages from MS}}$  jindika  $d$ -distanza aggregata mbaħħra f'kundizzjonijiet ta' silġ mill-vjaġġi kollha li telqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u  $D_{I \text{ voyages to MS}}$  id-distanza aggregata mbaħħra f'kundizzjonijiet ta' silġ mill-vjaġġi kollha lejn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

L-ammont aġġustat mill-ġdid tal-emissjonijiet annwali  $CO_{2eq R}$  jiġi kkalkolat kif ġej:

$$CO_{2R} = CO_{2T} - CO_{2TF} - CO_{2NI} \quad (5),$$

fejn  $CO_{2TF}$  jiddenota ż-żieda fl-emissjonijiet annwali minħabba l-karatteristiċi tekniċi ta' bastimenti li jkollhom klassi tas-silġ Finlandiża-Żvediża IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti u  $CO_{2NI}$  ż-żieda fl-emissjonijiet annwali ta' bastiment bi klassi tas-silġ minħabba navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ.

Iż-żieda fl-emissjonijiet annwali minħabba l-karatteristiċi tekniċi tal-bastimenti li jkollhom klassi tas-silġ Finlandiża-Żvediża IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti  $CO_{2TF}$  tiġi kkalkolata kif ġej:

$$CO_{2TF} = 0,05 \times (CO_{2T} - CO_{2B} - CO_{2NI}) \quad (6) \text{ Iż-żieda fl-emissjonijiet annwali minħabba n-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ hija kkalkolata kif ġej:}$$

$$CO_{2NI} = CO_{2I} - CO_{2RI} \quad (7)$$

fejn l-emissjonijiet annwali aġġustati mill-ġdid għan-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ  $CO_{2RI}$  huma:

$$CO_{2RI} = D_I \times (CO_{2eq/D})_{open \ water}, \quad (8)$$

fejn  $(CO_{2eq/D})_{ow}$  jiddenota l-emissjonijiet għal vjaġġi għal kull distanza vjaġġata f'ilma miftuħ. Dan tal-aħħar huwa ddefinit kif ġej:

$$(CO_{2eq/D})_{ow} = (CO_{2T} - CO_{2B} - CO_{2I}) / (D_T - D_I) \quad (9)$$

Lista tas-simboli kollha:

$CO_{2T}$  l-emissjonijiet totali annwali fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EU ETS

$CO_{2T \text{ voyages between MS}}$  l-emissjonijiet aggregati tas- $CO_2$  mill-vjaġġi kollha bejn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru

L-Erbgħa 22 ta' Ġunju 2022

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

$CO_{2B}$  l-emissjonijiet li seħħew fl-irmiġġ f'portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru

$CO_{2eq}$  l-emissjonijiet aggregati tas- $CO_2$  mill-vjaġġi kollha li telqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru

$CO_{2}$  l-emissjonijiet aggregati tas- $CO_2$  mill-vjaġġi kollha bejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru

$D_T$  id-distanza totali annwali vjaġġata fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS

$D_T$  id-distanza aggregata tal-vjaġġi kollha bejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru

$D_T$  id-distanza aggregata tal-vjaġġi kollha li telqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru

$D_T$  id-distanza aggregata tal-vjaġġi kollha lejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru

$D$  id-distanza aggregata vjaġġata meta ssir navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ fil-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EU ETS

$D_I$  id-distanza aggregata mbaħħra f'kundizzjonijiet ta' silġ tal-vjaġġi kollha bejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru

$D_I$  id-distanza aggregata mbaħħra f'kundizzjonijiet ta' silġ tal-vjaġġi kollha li telqu minn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru

$D_I$  id-distanza aggregata mbaħħra f'kundizzjonijiet ta' silġ lejn portijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru

$CO_{2I}$  l-emissjonijiet annwali ta' bastiment bi klassi tas-silġ meta jinnaviga f'kundizzjonijiet ta' silġ

$CO_{2N}$  ż-żieda fl-emissjonijiet annwali ta' bastiment bi klassi tas-silġ minħabba n-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ

$CO_{2R}$  l-emissjonijiet annwali aġġustati mill-ġdid

$CO_{2RI}$  l-emissjonijiet annwali aġġustati mill-ġdid għan-navigazzjoni f'kundizzjonijiet ta' silġ

$CO_{2TF}$  l-emissjonijiet annwali minħabba l-karatteristiċi tekniċi ta' bastiment bi klassi tas-silġ Finlandiża-Żvediża IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti bħala medja, meta mqabbel ma' bastimenti maħsuba biex ibaħħru biss f'ilma miftuħ

( $CO_{2eq}/D$ )<sup>av</sup> il-medja annwali tal-emissjonijiet għad-distanza vjaġġata f'ilma miftuħ biss."